ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
08 ta' Marzu 2005

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Tagħrif*

**Kunsill**

Pożizzjoni komuni (KE) nru. 10/2005 fit-22 ta' Diċembru 2004 adottata mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komnità Ewropea, bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ........ 1

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 58 E.

I

*(Tagħrif)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru. 10/2005

**adottata mill-Kunsill fit-21 ta' Diċembru 2004**

**bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva 2005/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali**

**(Test b' relevanza għaż-ŻEE)**

(2005/C 58 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 40, l-Artikolu 47(1), l-ewwel u t-tielet sentenzi ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(1)(ċ) tat-Trattat, l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri, ta' ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi huwa wieħed mill-għanijiet tal-Komunità. Għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, din tinkludi, b'mod partikolari, id-dritt li wieħed jeżerċita professjoni, għal rasu jew bħala impjegat, fi Stat Membru li mhuwiex dak fejn ikun kiseb il-kwalifiki professjonali tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 47(1) tat-Trattat jistabbilixxi li għandhom jiġu pubblikati direttivi għar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali.

([1]) ĠU C 181 E, 30.7.2002, p. 183.

([2]) ĠU C 61, 14.3.2003, p. 67.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2004 (ĠU C 97 E, 22.4.2004, p. 231), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2004, u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) Wara l-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u ta' l-24 ta' Marzu 2000, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar "Strateġija tas-Suq Intern għas-Servizzi", intiża b'mod partikolari li tirrendi l-provvista libera ta' servizzi fi ħdan il-Komunità sempliċi daqs dik fi ħdan Stat Membru. Bħala segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Swieq Ewropej Ġodda tax-Xogħol, Miftuħa għal Kulħadd, b'Aċċess għal Kulħadd", il-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma fit-23 u fl-24 ta' Marzu 2001 ta lill-Kummissjoni ir-responsabbiltà li tippreżenta għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2002 proposti speċifiċi għal sistema aktar uniformi, trasparenti u flessibbli ta' rikonoxximent ta' kwalifiki.

(3) Il-garanzija mogħtija minn din id-Direttiva lil persuni li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru sabiex ikollhom aċċess għall-istess professjoni u jeżerċitawha fi Stat Membru ieħor bl-istess drittijiet bħal ċittadini hija bla ħsara għall-konformità mill-professjonist li jkun emigra ma' kondizzjonijiet mhux diskriminatorji ta' eżerċizzju li jistgħu jkunu stabbiliti minn l-Istat Membru ta' l-aħħar, kemm-il darba dawn ikunu oġġettivament ġustifikati u proporzjonati.

(4) Għandu jkun hemm regoli speċifiċi li l-għan tagħhom hu li jestendu l-possibiltà ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali taħt it-titolu professjonali oriġinali, sabiex tiġi faċilitata l-provvista libera ta' servizzi. Fil-każ ta' servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni provduti mill-bogħod, id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([4]) għandhom japplikaw ukoll.

([4]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

(5) In vista tas-sistemi differenti stabbiliti għall-provvista ta' servizzi transkonfini fuq bażi temporanja jew ta' kultant min-naħa l-waħda, u għall-istabbiliment min-naħa l-oħra, il-kriterji għad-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti f'każ ta' l-ispostament tal-provditur tas-servizz għat-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti għandhom jiġu kjarifikati.

(6) Il-faċilitazzjoni tal-provvista ta' servizzi għandha tkun assigurata fil-kuntest ta' rispett serju tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, għandhom ikunu maħsuba disposizzjonijiet speċifiċi għall-professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħa jew is-sigurtà pubblika, li joffru servizzi transkonfini ta' natura temporanja jew ta' kultant.

(7) Stati Membri ospitanti jistgħu, fejn meħtieġ u skond id-dritt Komunitarju, jistabbilixxu rekwiżiti ta' dikjarazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx iwasslu għal piż sproporzjonat fuq il-provdituri tas-servizzi lanqas ifixkel jew jirrendi anqas interessanti l-eżerċizzju tal-libertà li jkunu provduti servizzi. Il-ħtieġa għal tali rekwiżiti għandha tkun riveduta perjodikament fid-dawl tal-progress li sar sabiex jiġi stabbilit qafas Komunitarju għal koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

(8) Il-provditur ta' servizzi għandu jkun soġġett għall-applikazzjoni ta' regoli dixxiplinarji ta' l-Istat Membru ospitanti li jkollhom konnessjoni diretta u speċifika mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, il-firxa ta' l-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li hu konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u sigurtà tal-konsumatur.

(9) Filwaqt li, għal-libertà ta' stabbiliment, jinżammu l-prinċipji u s-salvagwardji li jifformaw il-bażi tas-sistemi differenti għar-rikonoxximent li huma fis-seħħ, ir-regoli ta' dawn is-sistemi għandhom jiġu mtejba fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba. Barra minn hekk, id-direttivi in kwistjoni ġew emendati f'diversi okkażjonijiet, u d-disposizzjonijiet tagħhom għandhom jerġgħu jiġu organizzati u razzjonalizzati permezz ta' l-istandardizzazzjoni tal-prinċipji applikabbli. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu sostitwiti d-Direttivi tal-Kunsill 89/48/KEE [1] u 92/51/KEE [2], kif ukoll id-Direttiva 1999/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] dwar is-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u d-Direttivi tal-Kunsill 77/452/KEE [4], 77/453/KEE [5], 78/686/KEE [6], 78/687/KEE [7], 78/1026/KEE [8], 78/1027/KEE [9], 80/154/KEE [10], 80/155/KEE [11], 85/384/KEE [12], 85/432/KEE [13], 85/433/KEE [14] u 93/16/KEE [15] li jikkonċernaw il-professjonijiet ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, ta' tobba dentisti, ta' kirurgi veterinarji, ta' qwiebel, ta' periti, ta' spiżjara u ta' tobba, billi dawn jingħaqdu f'test wieħed.

(10) Din id-Direttiva ma toħloqs ostakolu għall-possibiltà li Stati Membri jirrikonoxxu, skond ir-regoli tagħhom, kwalifiki professjonali miksuba barra mit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Kull rikonoxximent għandu jirrispetta f'kull każ kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għal ċerti professjonijiet.

(11) Fil-każ tal-professjonijiet koperti mis-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, hawn taħt msejħa "s-sistema ġenerali", l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jistabbilixxu l-livell minimu ta' kwalifiki meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-kwalità tas-servizzi provduti fit-territorju tagħhom. Minkejja dan, skond l-Artikoli 10, 39 u 43 tat-Trattat, dawn ma għandhomx jeħtieġu li ċittadin ta' Stat Membru jikseb kwalifiki, li huma ġeneralment jistabbilixxu biss f'termini ta' diplomi mogħtija taħt is-sistema edukattiva nazzjonali tagħhom, fejn il-persuna konċernata tkun diġà kisbet dawk il-kwalifiki kollha jew parti minnhom fi Stat Membru ieħor. Bħala riżultat, għandu jiġi stabbilit li Stat Membru ospitanti li fih professjoni hija regolata għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor u jistma dwar jekk dawn jaqblux ma' dawk li huwa jeħtieġ.

---

[1] ĠU L 19, 24.1.1989, p. 16. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, 31.7.2001, p. 1).

[2] ĠU L 209, 24.7.1992, p. 25. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/108/KE (ĠU L 32, 5.2.2004, p. 15).

[3] ĠU L 201, 31.7.1999, p. 77.

[4] ĠU L 176, 15.7.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[5] ĠU L 176, 15.7.1977, p. 8. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.

[6] ĠU L 233, 24.8.1978, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[7] ĠU L 233, 24.8.1978, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[8] ĠU L 362, 23.12.1978, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.

[9] ĠU L 362, 23.12.1978, p. 7. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.

[10] ĠU L 33, 11.2.1980, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[11] ĠU L 33, 11.2.1980, p. 8. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.

[12] ĠU L 223, 21.8.1985, p. 15. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[13] ĠU L 253 24.9.1985, p. 34. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.

[14] ĠU L 253 24.9.1985, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[15] ĠU L 165 7.7.1993, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(12) Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għall-aċċess għall-professjonijiet li jaqgħu taħt is-sistema ġenerali, għandu jkun possibbli għall-Istat Membru ospitanti li jimponi miżura kompensatorja. Din il-miżura għandha tkun proporzjonata u, b'mod partikolari, tieħu kont ta' l-esperjenza professjonali ta' l-applikant. L-esperjenza turi li l-kondizzjoni li l-migrant jagħżel bejn test ta' kapaċità u perijodu ta' adattament toffri salvagwardji adegwati rigward il-livell ta' kwalifiki ta' dan ta' l-aħħar, u għalhekk kwalunkwe deroga minn dik l-għażla għandha f'kull każ tkun ġustifikata permezz ta' rekwiżit imperattiv fl-interess ġenerali.

(13) Sabiex tiġi promossa l-libertà tal-moviment ta' professjonisti, filwaqt li jkun assigurat livell adegwat ta' kwalifika, assoċjazzjonijiet professjonali u organizzazzjonijiet varji jew Stati Membri għandhom ikunu jistgħu jipproponu pjattaformi komuni f'livell Ewropew. Id-Direttiva għandha tieħu kont, taħt ċerti kondizzjonijiet, skond il-kompetenza ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-kwalifiki meħtieġa għall-eżerċizzju ta' professjonijiet fit-territorju tagħhom kif ukoll il-kontenut u organizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni tagħhom u t-taħriġ professjonali u b'konformità mad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari id-dritt Komunitarju dwar il-kompetizzjoni, ta' dawk l-inizjattivi, filwaqt li tippromwovi, f'dan il-kuntest, natura aktar awtentika ta' rikonoxximent taħt is-sistema ġenerali. Assoċjazzjonijiet professjonali li jistgħu jissottomettu pjattaformi komuni għandhom ikunu rappreżentattivi f'livell nazzjonali u Ewropew. Pjattaforma komuni hija ġabra ta' kriterji li jagħmluha possibbli li tpaċi l-iktar firxa wiesgħa tad-differenzi sostanzjali li ġew identifikati bejn ir-rekwiżiti tat-taħriġ ta' mhux inqas minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri, inklużi l-Istati Membri kollha li jirregolaw dik il-professjoni. Il-kriterji jistgħu, per eżempju, jinkludu rekwiżiti bħalma huwa taħriġ addizzjonali, perijodu ta' adattament taħt prattika sorveljata, test ta' kapaċità, jew livell minimu preskritt ta' prattika professjonali, jew taħlita ta' dawn.

(14) Sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet kollha li għalihom ma hemmx regoli rigward ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, is-sistema ġenerali għandha tkun estiża għal dawk il-każijiet li mhumiex koperti minn sistema speċifika, kemm fejn il-professjoni mhijiex koperta minn waħda minn dawk is-sistemi jew fejn, għalkemm il-professjoni hija koperta minn tali sistema speċifika, l-applikant ma jissodisfax il-kondizzjonijiet sabiex jibbenefika minnha għal xi raġuni partikolari u eċċezzjonali.

(15) Hemm il-ħtieġa li r-regoli li jagħtu aċċess għal numru ta' attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali jiġu simplifikati, fi Stati Membri fejn dawk il-professjonijiet huma regolati, safejn dawk l-attivitajiet ġew eżerċitati għal perijodu li huwa raġonevolment u suffiċjentement reċenti fi Stat Membru ieħor, filwaqt li għal dawk l-attivitajiet tinżamm sistema ta' rikonoxximent awtomatika bbażata fuq l-esperjenza professjonali.

(16) Il-libertà tal-moviment u r-rikonoxximent reċiproku tal-provi ta' kwalifiki formali ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju fundamentali tar-rikonoxximent awtomatiku tal-provi ta' kwalifiki formali abbażi ta' kondizzjonijiet minimi kordinati għat-taħriġ. Barra minn dan, aċċess fl-Istati Membri għall-professjonijiet ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel u spiżjara għandhom ikunu ikkondizzjonati fuq il-pussess ta' kwalifika speċifika li tassigura li l-persuna konċernata tkun għamlet taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti. Din is-sistema għandha tkun supplimentata b'numru ta' drittijiet miksuba li minnhom jibbenefikaw professjonisti kwalifikati taħt ċerta kondizzjonijiet.

(17) Fi sforz sabiex is-sistema tiġi simplifikata, b'mod partikolari minħabba t-tkabbir, il-prinċipju ta' rikonoxximent awtomatiku għandu japplika biss għal dawk l-ispeċjalizzazzjonijiet mediċi u dentali li huma komuni għal mhux inqas minn żewġ kwinti ta' l-Istati Membri. Speċjalizzazzjonijiet mediċi u dentali li huma komuni għal numru limitat ħafna ta' Stati Membri għandhom ikunu inkorporati fis-sistema ġenerali għar-rikonoxximent bla preġudizzju għad-drittijiet miksuba. Fil-prattika, l-effetti ta' din l-emenda għandhom ikunu limitati għall-migrant, safejn dawn is-sitwazzjonijiet m'għandhomx jiġu soġġetti għal miżuri kompensatorji. Barra minn dan, din id-Direttiva hija bla ħsara għall-possibilità ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu, bejniethom, rikonoxximent awtomatiku ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi u dentali li huma komuni għalihom skond ir-regoli tagħhom.

(18) Ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki formali ta' tabib b'taħriġ bażiku għandu jkun bla preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu jew le li jassoċjaw din il-kwalifika ma' attivitajiet professjonali jew le.

(19) L-Istati Membri kollha għandhom jirrikonoxxu l-professjoni ta' tabib dentist bħala professjoni speċifika distinta minn dik ta' tabib ġenerali, kemm jekk l-eżerċitant ikun speċjalizzat fl-odontostomatoloġija u wkoll jekk le. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-taħriġ mogħti lil tobba dentisti jagħtihom il-ħiliet meħtieġa għall-prevenzjoni, id-djanjosi u t-trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati. L-attività professjonali ta' tabib dentist għandha tiġi eżerċitata minn persuni li għandhom kwalifika bħala tabib dentist kif stabbilit f'din id-Direttiva.

(20) Ma deherx li huwa mixtieq li jiġi stabbilit taħriġ standardizzat għal qwiebel għall-Istati Membri kollha. Pjuttost, dawn għandu jkollhom l-akbar libertà possibbli sabiex jorganizzaw it-taħriġ tagħhom.

(21) Sabiex tiġi simplifikata din id-Direttiva, għandha ssir referenza għall-kunċett ta' "spiżjar" sabiex il-firxa tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tiġi ristretta, bla preġudizzju għall-karatteristiċi speċjali tal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw dawk l-attivitajiet.

(22) It-titolari ta' kwalifiki ta' spiżjar huma speċjalisti fil-qasam tal-mediċini u, fil-prinċipju, għandu jkollhom aċċess fl-Istati Membri kollha għal firxa minima ta' attivitajiet f'dan il-qasam. Fid-definizzjoni ta' dik il-firxa minima, din id-Direttiva la ma għandha l-effett li tillimita l-attivitajiet aċċessibli għall-ispiżjara fl-Istati Membri - b'mod partikolari fir-rigward ta' analiżi tal-bijoloġija medika - u lanqas li toħloq monopolju għal dawk il-professjonisti, minħabba li tibqa' kwistjoni f'idejn l-Istati Membri individwali. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma bla ħsara għall-possibiltà ta' Stati Membri li jimponu kondizzjonijiet addizzjonali għal taħriġ għall-aċċess għal attivitajiet li mhumiex inklużi fil-firxa minima koordinata ta' attivitajiet. Dan ifisser li l-Istat Membru ospitanti għandu jkun jista' jimponi dawn il-kondizzjonijiet fuq ċittadini li huma titolari ta' dawn il-kwalifiki li huma koperti minn rikonoxximent awtomatiku fis-sens ta' din id-Direttiva.

(23) Din id-Direttiva ma tikkordinax il-kondizzjonijiet kollha għall-aċċess għal attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija u l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet. B'mod partikolari, id-distribuzzjoni ġeografika ta' l-ispiżjeriji u l-monopolju fl-għotja ta' mediċini jibqgħu kwistjonijiet f'idejn l-Istati Membri. Din id-Direttiva ma tibdilx id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi ta' l-Istati Membri li jżommu kumpanniji milli jeżerċitaw ċerti attivitajiet ta' spiżjara jew li jissoġġettaw l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet għal ċerti kondizzjonijiet.

(24) Id-diżinn arkitettoniku, il-kwalità tal-bini, l-inkorporazzjoni armonjuża tagħhom fl-inħawi tagħhom, ir-rispett għall-pajsaġġi naturali u urbani u għall-patrimonju pubbliku u privat huma materji ta' interess pubbliku. Għalhekk ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki għandu jkun ibbażat fuq kriterji kwalitattivi u kwantitattivi li jassiguraw li t-titolari ta' kwalifiki rikonoxxuti jkunu f'pożizzjoni li jifhmu u jissodisfaw il-bżonnijiet ta' individwi, gruppi soċjali u awtoritajiet rigward ippjanar ta' postijiet, id-disinn, l-organizzazzjoni u r-realizzazzjoni ta' l-istrutturi, il-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-wirt arkitettoniku, u l-protezzjoni tal-bilanċi naturali.

(25) Ir-regoli nazzjonali fil-qasam ta' l-arkitettura u dwar l-aċċess u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala perit ivarjaw ħafna fil-firxa tagħhom. Fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri, attivitajiet fil-qasam ta' l-arkitettura huma eżerċitati, *de jure*, jew *de facto*, minn persuni li jġibu t-titolu ta' perit biss jew flimkien ma' titolu ieħor, mingħajr ma dawk il-persuni jkollhom monopolju fuq l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet, sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet leġislattivi kontra dan. Dawn l-attivitajiet, jew xi wħud minnhom, jistgħu jiġu eżerċitati wkoll minn professjonisti oħra, b'mod partikolari minn inġiniera li segwew taħriġ speċjali fil-qasam tal-kostruzzjoni jew fl-arti tal-bini. Sabiex tiġi simplifikata din id-Direttiva, għandha ssir referenza għall-kunċett ta' "perit" sabiex il-firxa tad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki fil-qasam ta' l-arkitettura tiġi ristretta, bla preġudizzju għall-karatteristiċi speċjali tar-regolamenti nazzjonali li jirregolaw dawk l-attivitajiet.

(26) Sabiex tiġi assigurata l-effettività tas-sistema għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, formalitajiet uniformi u regoli ta' proċedura għandhom ikunu stabbiliti għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll ċertu dettalji ta' l-eżerċizzju tal-professjoni.

(27) Billi l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri u bejniethom u l-Kummissjoni x'aktarx tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità ma' l-obbligi li joħorġu minnha, il-mezzi tal-kollaborazzjoni għandhom jiġu organizzati.

(28) L-istabbiliment ta' *network* ta' punti ta' kuntatt li jkollu l-kompitu li jipprovdi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri b'informazzjoni u għajnuna, tagħmilha possibbli li jkun assigurat li s-sistema ta' rikonoxximent tkun trasparenti. Dawn il-punti ta' kuntatt għandhom jipprovdu lil kull ċittadin li jitlob dan u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni u l-indirizzi relevanti għall-proċedura ta' rikonoxximent. L-għażla ta' punt ta' kuntatt wieħed fi Stat Membru f'dan in-*network* ma toloqtx l-organizzazzjoni tal-kompetenzi fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari, ma żżommx l-għażla ta' diversi uffiċji fuq il-livell nazzjonali, filwaqt li l-punt ta' kuntatt magħżul fin-*network* imsemmija hawn qabel ikun responsabbli mill-kordinazzjoni ma' l-uffiċji l-oħra u jinforma liċ-ċittadini, fejn meħtieġ, bid-dettalji ta' l-uffiċju kompetenti in kwistjoni.

(29) L-amministrazzjoni tas-sistemi varji ta' rikonoxximent stabbiliti mid-direttivi settorjali u s-sistema ġenerali irriżultat bħala waħda diffiċli u kumplessa. Hemm għalhekk il-ħtieġa li tiġi simplifikata l-amministrazzjoni u li din id-Direttiva tiġi aġġornata sabiex tieħu in kunsiderazzjoni l-progress xjentifiku u tekniku, b'mod partikolari fejn ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ huma kordinati in vista tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki. Għandu jiġi stabbilit Kumitat wieħed għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għal dan il-għan.

(30) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(31) Il-preparazzjoni mill-Istati Membri ta' rapport perijodiku dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li jkun fih *data* dwar statistika, jwassal għal possibiltà li jiġi determinat l-impatt tas-sistema fuq ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

(32) Għandu jkun hemm proċedura xierqa sabiex jiġu adottati miżuri temporanji jekk l-applikazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' din id-Direttiva tiffaċċja diffikultajiet kbar f'xi Stat Membru.

(33) Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jolqtux is-setgħat ta' l-Istati Membri rigward l-organizzazzjoni tas-sistema tagħhom ta' sigurtà soċjali nazzjonali u d-deċiżjoni dwar liema attivitajiet għandhom jiġu eżerċitati taħt dik is-sistema.

(34) Minħabba l-veloċità tal-bidla fit-teknoloġija u l-progress xjentifiku, it-tagħlim tul il-ħajja huwa ta' importanza partikolari għal numru kbir ta' professjonijiet. F'dan il-kuntest, huwa l-kompitu ta' l-Istati Membri li jadottaw l-arranġamenti dettaljati li taħthom professjonisti jibqgħu aġġornati mal-progress tekniku u xjentifiku, permezz ta' taħriġ xieraq u kontinwu.

(35) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, li huma r-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u t-titjib tar-regoli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jinkisbu b'mod aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jinkisbu.

(36) Din id-Direttiva ma tikkonċernax l-attivitajiet ta' professjonijiet li huma konnessi direttament u speċifikament, anke jekk ta' kultant, ma' l-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.

(37) Din id-Direttiva tapplika, għal dak li jikkonċerna d-dritt ta' stabbiliment u l-provvista ta' servizzi, bla preġudizzju għal disposizzjonijiet legali oħra speċifiċi rigward ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, bħalma huma dawk li jeżistu fl-oqsma tat-trasport, intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u awdituri legali. Din id-Direttiva ma toloqtx l-operat tad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 li tiffaċilita l-eżerċizzju effettiv tal-avukati tal-libertà sabiex jipprovdu servizzi ([2]) jew tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni ta' l-avukati fuq bażi permanenti fi Stat Membru ħlief dak li fih nkisbet il-kwalifika ([3]). Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għal avukati bl-għan li jseħħ l-istabbiliment immedjat taħt it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru għandu jkun kopert minn din id-Direttiva.

(38) Din id-Direttiva hija bla ħsara għal miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Għan

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli skond liema Stat Membru li jissoġġetta l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fit-territorju tiegħu għall-kondizzjoni ta' pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istat Membru ospitanti") għandu jirrikonoxxi kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istat Membru ta' l-oriġini ") u li jippermettu li persuna li jkollha dawk il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk, għal aċċess għal u eżerċizzju ta' dik il-professjoni.

*Artikolu 2*

### Skop

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' Stat Membru li jixtiequ jeżerċitaw professjoni regolata fi Stat Membru li huwa differenti minn dak li fih huma kisbu l-kwalifiki professjonali, fuq bażi ta' xogħol għal rashom jew bħala impjegati.

2. Kull Stat Membru jista' jippermetti liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħrajn li għandhom prova ta' kwalifiki professjonali mhux miksuba fi Stat Membru sabiex jeżerċitaw professjoni regolata skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 3(1)(a) fit-territorju tiegħu, skond ir-regoli tiegħu. F'każ ta' professjonijiet koperti mit-Titolu III, Kapitolu III, dan ir-rikonoxximent inizjali għandu jirrispetta r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti f'dak il-Kapitolu.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU L 78 26.3.1977, p. 17. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

([3]) ĠU L 77 14.3.1998, p. 36. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

3. Fejn, għal xi professjoni regolata, arranġamenti speċifiċi oħra direttament relatati mar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali huma stabbiliti fi strument separat tal-liġi Komunitarja, id-disposizzjonijiet korrispondenti ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "professjoni regolata": attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom, jew wieħed mill-modi ta' l-eżerċizzju tagħhom huma soġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, għall -pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi; b'mod partikolari, l-użu ta' titolu professjonali limitat minn disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi lil titolari ta' kwalifiki professjonali għandu jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju. Fejn l-ewwel sentenza ta' din id-definizzjoni ma tapplikax, professjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi trattata bħala professjoni regolata;

(b) "kwalifiki professjonali": kwalifiki attestati minn prova ta' kwalifiki formali, attestazzjoni ta' kompetenza kif imsemmija fl-Artikolu 11(2)(a) u/jew esperjenza professjonali;

(ċ) "prova ta' kwalifiki formali": diplomi, ċertifikati u provi oħra maħruġa minn awtorità fi Stat Membru nominata skond disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amminstrattivi ta' dak l-Istat Membru u li jiċċertifikaw it-temma b'suċċess ta' taħriġ professjonali miksub prinċiparjament fil-Komunità. Fejn l-ewwel sentenza ta' din id-definizzjoni ma tapplikax, prova ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi ttrattata bħala prova ta' kwalifiki formali;

(d) "edukazzjoni u taħriġ regolat": kull taħriġ li huwa speċifikatament intiż għall-eżerċizzju ta' professjoni speċifika u li jkun fih kors jew korsijiet komplimentati, fejn jixraq, b'taħriġ professjonali, jew bi prattika bi prova jew professjonali.

L-istruttura u l-livell tat-taħriġ professjonali, il-prattika bi prova jew professjonali għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istat Membru konċernat jew evalwat jew approvat mill-awtorità maħtura għal dan l-iskop;

(e) "esperjenza professjonali": l-eżerċizzju propju u legali tal-professjoni konċernata fi Stat Membru;

(f) "perijodu ta' adattament": l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fl-Istat Membru ta' l-oriġini taħt ir-responsabbiltà ta' membru kwalifikat ta' dik il-professjoni, fejn tali perijodu ta' prattika sorveljata possibbilment ikun akkumpanjat minn aktar taħriġ. Dan il-perijodu ta' prattika sorveljata għandu jkun soġġett għal stima. Ir-regoli dettaljati li jkopru l-perijodu ta' adattament u l-istima tiegħu kif ukoll l-istatus ta' migranttaħt superviżjoni għandhom ikunu stabbiliti mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini.

L-istatus li tgawdi fi Stat Membru ta' l-oriġini l-persuna li tgħaddi mill-perijodu ta' prattika sorveljata, b'mod partikolari rigward id-dritt ta' residenza kif ukoll obbligi, drittijiet soċjali u benefiċċji, *allowances* u ħlasijiet, għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat Membru skond id-dritt Komunitarju applikabbli;

(g) "test ta' kapaċità": test limitat għall-għarfien professjonali ta' l-applikant, magħmul mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti bl-għan li jevalwa l-abilità ta' l-applikant sabiex jeżerċita professjoni regolata f'dak l-Istat Membru. Sabiex ikun jista' jsir dan it-test, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu lista ta' suġġetti li, abbażi ta' paragun ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru u dak miksub mill-applikant, mhumiex koperti minn diploma jew prova oħra ta' kwalifiki formali li għandu l-applikant.

It-test ta' kapaċità għandu jieħu kont tal-fatt li l-applikant huwa professjonist kwalifikat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru minn fejn ġej. Għandu jkopri suġġetti li għandhom jintgħażlu minn dawk fuq il-lista, li l-għarfien tagħhom huwa essenzjali sabiex wieħed ikun jista' jeżerċita l-professjoni fi Stat Membru ospitanti. It-test jista' jinkludi għarfien tar-regoli professjonali applikabbli għall-attivitajiet in kwistjoni fl-Istat Membru ospitanti.

L-applikazzjoni dettaljata tat-test ta' kapaċità u l-istatus, fl-Istat Membru ospitanti, ta' l-applikant li jixtieq jipprepara lilu nniffsu għat-test ta' kapaċità f'dak l-Istat għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat Membru;

(h) "*manager* ta' impriża": kull persuna li f'impriża fil-qasam tax-xogħol in kwistjoni tkun eżerċitat attività:

i) bħala *manager* ta' impriża jew *manager* ta' fergħa ta' impriża; jew

ii) bħala deputat għas-sid jew il-*manager* ta' impriża fejn dik il-kariga tinvolvi responsabbiltà ekwivalenti għal dik tas-sid jew tal-*manager* rappreżentant; jew

iii) f'kariga maniġerjali b'kompiti ta' natura kummerċjali u/jew tekniċi u b'responsabbiltà għal dipartiment jew aktar ta' l-impriża.

2. Professjoni prattikata minn membri ta' assoċjazzjoni jew ta' organizzazzjoni elenkata fl-Anness I għandha tkun trattata bħala professjoni regolata.

L-għan ta' l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu huwa, b'mod partikolari, li jippromwovu u jżommu livell għoli fil-qasam professjonali konċernat. Għal dan il-fini huma rikonoxxuti taħt forma speċjali minn Stat Membru u jagħtu provi ta' kwalifiki formali lill-membri tagħhom, jassiguraw li l-membri tagħhom jirrispettaw ir-regoli ta' kondotta professjonali li huma jippreskrivu, u jagħtuhom id-dritt li jużaw titolu jew ittri ta' l-alfabett deskrittivi jew li jibbenefikaw minn status li jikkorrispondi għal dawk il-kwalifiki formali.

Kull meta Stat Membru jagħti rikonoxximent lil assoċjazzjoni jew organizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika notifika xierqa fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Prova ta' kwalifiki formali maħruġa minn pajjiż terz għandha tkun ikkunsidrata bħala prova ta' kwalifiki formali jekk it-titolari jkollu tliet snin ta' esperjenza professjonali fil-professjoni konċernata fit-territorju ta' l-Istat Membru li rrikonoxxa dik il-prova ta' kwalifiki formali skond l-Artikolu 2(2), iċċertifikata minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 4*

**Effetti tar-rikonoxximent**

1. Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali mill-Istat Membru ospitanti jippermetti lill-benefiċjarju sabiex jikseb aċċess f'dak l-Istat Membru għall-istess professjoni bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini u sabiex jeżerċitaha fl-Istat Membru ospitanti taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-professjoni li l-applikant jixtieq li jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hija l-istess bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini jekk l-attivitajiet koperti huma paragunabbli.

TITOLU II

**IL-LIBERTÀ LI JIĠU PROVDUTI SERVIZZI**

*Artikolu 5*

**Il-prinċipju tal-libertà li jiġu provduti servizzi**

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċifiċi tad-dritt Komunitarju, kif ukoll l-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jirrestrinġu, għal xi raġuni relatata ma' kwalifiki professjonali, il-libertà li jiġu provduti servizzi fi Stat Membru ieħor:

(a) jekk il-provditur tas-servizz huwa stabbilit legalment fi Stat Membru bl-għan li jeżerċita l-istess professjoni hemmhekk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istat Membru ta' stabbiliment"), u

(b) fejn il-provditur tas-servizz jibdel il-pajjiż, jekk ikun eżerċita dik il-professjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment għal mhux inqas minn sentejn matul l-għaxar snin ta' qabel il-provvista tas-servizzi meta l-professjoni mhijiex regolata f'dak l-Istat Membru. Il-kondizzjoni li teħtieġ sentejn ta' eżerċizzju m'għandhiex tapplika fejn jew il-professjoni jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-professjoni huma regolati.

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu għandhom japplikaw fejn il-provditur tas-servizz imur fit-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti sabiex jeżerċita, fuq bażi temporanja u ta' kultant, il-professjoni msemmija fil-paragrafu 1.

In-natura temporanja u ta' kultant tal-provvista ta' servizzi għandha tkun stmata każ b'każ, b'tenut kont b'mod partikolari tat-tul taż-żmien, tal-frekwenza, tar-regolarità u tal-kontinwità tagħha.

3. Fejn il-provditur tas-servizz jibdel il-pajjiż, għandu jkun soġġett għad-disposizzjonijiet dixxiplinari ta' natura professjonali jew amministrattiva li huma konnessi direttament mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li huwa konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur, li huma applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għal professjonisti li jeżerċitaw l-istess professjoni f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 6*

**Eżenzjonijiet**

Skond l-Artikolu 5(1), l-Istat Membru ospitanti għandu jeżenta lil provdituri tas-servizz li huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor mir-rekwiżiti li dan jimponi fuq professjonisti stabbiliti fit-territorju tiegħu rigward:

(a) awtorizzazzjoni permezz ta' reġistrazzjoni jew sħubija f'organizzazzjoni jew korp professjonali. Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet dixxiplinarji fis-seħħ fit-territorju tagħhom skond l-Artikolu 5(3) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu jew għal reġistrazzjoni awtomatika temporanja jew għal sħubija *pro forma* ma din l-organizzazzjoni jew korp professjonali, bil-kondizzjoni li din ir-reġistrazzjoni jew is-sħubija ma tittardjax jew tikkumplika b'ebda mod il-provvista ta' servizzi u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali għall-provditur tas-servizz. Kopja tad-dikjarazzjoni u, fejn huwa applikabbli, tat-tiġdid imsemmi fl-Artikolu 7(1), flimkien ma', għal professjonijiet li fihom hemm implikazzjonijiet fuq is-saħħa pubblika u s-sigurtà msemmija fl-Artikolu 7(4) jew li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu III Kapitolu III, kopja tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(2) għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti lill-organizzazzjoni jew korp professjonali in kwistjoni, u dan għandu jikkostitwixxi reġistrazzjoni awtomatika temporanja jew sħubija pro forma għal dan il-għan,

(b) reġistrazzjoni ma' korp tas-sigurtà soċjali pubbliku bl-għan li jiġu ssettiljati l-kontijiet ma' assiguratur li huma relatati ma' l-attivitajiet eżerċitati għall-benefiċċju ta' persuni assigurati.

Madankollu l-provditur ta' servizz għandu jinforma bil-quddiem jew, f'każ urġenti, wara, lill-korp imsemmi f'punt (b) bis-servizzi li huwa pprovda.

*Artikolu 7*

**Dikjarazzjoni li għandha ssir bil-quddiem, jekk provditur ta' servizz jemigra**

1. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li, fejn il-provditur ta' servizz imur minn Stat Membru għal ieħor għall-ewwel darba sabiex jipprovdi servizzi, dan għandu jinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti b'dikjarazzjoni bil-miktub li għandha ssir bil-quddiem u li tinkludi d-dettalji ta' assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva rigward responsabbiltà professjonali. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mġedda darba fis-sena jekk il-provditur tas-servizz jkollu l-ħsieb li jipprovdi servizzi temporanji jew ta' kultant f'dak l-Istat Membru matul dik is-sena. Il-provditur tas-servizz jista' jipprovdi d-dikjarazzjoni b'kull mod.

2. Barra minn hekk, għall-ewwel provvista ta' servizzi jew jekk hemm tibdil materjali fis-sitwazzjoni sostanzjata mid-dokumenti, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li d-dikjarazzjoni tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:

(a) prova taċ-ċittadinanza tal-provditur tas-servizz,

(b) attestazzjoni li tiċċertifika li t-titolari huwa stabbilit legalment fi Stat Membru bl-għan li jeżerċita l-attivitajiet konċernati,

(ċ) prova ta' kwalifiki professjonali,

(d) għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b), kull mezz ta' prova li l-provditur ta' servizz eżerċita l-attività konċernata għal mhux inqas minn sentejn matul l-għaxar snin ta' qabel.

3. Is-servizz għandu jiġi provdut taħt it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, safejn dak it-titolu jeżisti f'dak l-Istat Membru għall-attività professjonali in kwistjoni. Dak it-titolu għandu jkun indikat fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment b'mod li tiġi evitata kull konfużjoni mat-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti. Fejn ebda titolu professjonali bħal dan ma jeżisti fl-Istat Membru ta' stabbiliment, il-provditur tas-servizz għandu jindika l-kwalifika formali tiegħu fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. Eċċezzjonalment, is-servizz għandu jiġi provdut taħt titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti għal każijiet imsemmija fit-Titolu III Kapitolu III.

4. Għall-ewwel provvista ta' servizzi, fil-każ ta' professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet għas-saħħa pubblika jew is-sigurtà, li ma jibbenefikawx minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu III, Kapitolu III, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti tista' tikkontrolla l-kwalifiki professjonali tal-provditur tas-servizz qabel ma ssir l-ewwel provvista tas-servizzi. Tali eżami minn qabel għandu jkun possibbli biss fejn l-għan tal-kontroll huwa li jiġi evitat dannu serju għas-saħħa jew is-sigurtà ta' riċevitur tas-servizz minħabba nuqqas ta' kwalifiki professjonali tal-provditur tas-servizz u fejn dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak il-għan.

Fi żmien massimu ta' xahar minn meta tasal id-dikjarazzjoni u d-dokumenti li jkun hemm magħha, l-awtorità kompetenti għandha tħabbrek sabiex tinforma lill-provditur tas-servizz jew bid-deċiżjoni tagħha li ma tikkontrollax il-kwalifiki tiegħu jew bl-eżitu ta' dan il-kontroll. Fejn hemm diffikultà li se tirriżulta f'dewmien, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-provditur tas-servizz fi żmien xahar bir-raġuni għad-dewmien u l-iskeda ta' żmien għal deċiżjoni, li għandha tiġi finalizzata fit-tieni xahar mir-riċevuta tad-dokumentazzjoni sħiħa.

Fejn hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifiki professjonali tal-provditur tas-servizz u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, safejn dik id-differenza hija tali li tkun ta' ħsara għas-saħħa pubblika jew is-sigurtà, l-Istat Membru ospitanti għandu jagħti lill-provditur tas-servizz l-opportunità li juri, b'mod partikolari permezz ta' test ta' kapaċità, li huwa kiseb l-għarfien jew il-kompetenza li huma neqsin. F'kull każ, għandu jkun possibbli li s-servizz jiġi provdut fi żmien xahar minn deċiżjoni li tiġi meħuda skond is-subparagrafu ta' qabel.

Fl-assenza ta' reazzjoni mill-awtorità kompetenti fit-termini ta' żmien stabbiliti fis-subparagrafi ta' qabel, is-servizz jista' jiġi provdut.

F'każijiet fejn kwalifiki ġew verifikati taħt dan il-paragrafu, is-servizz għandu jiġi provdut taħt it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti.

*Artikolu 8*

**Koperazzjoni amministrattiva**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, għal kull provvista ta' servizzi, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-legalità ta' l-istabbiliment tal-provditur tas-servizz u l-kondotta nadifa tiegħu, kif ukoll l-assenza ta' sanzjonijiet dixxiplinarji jew kriminali ta' natura professjonali. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment għandhom jipprovdu din l-informazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 56.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw l-iskambju ta' kull informazzjoni neċessarja sabiex ilmenti minn riċevitur ta' servizz kontra provditur ta' servizz jkunu segwiti b'mod korrett. Ir-riċevituri għandhom jiġu notifikati bl-eżitu ta' l-ilment.

*Artikolu 9*

**Tagħrif li għandu jingħata lir-riċevituri tas-servizz**

F'każijiet fejn is-servizz huwa provdut taħt it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment jew taħt il-kwalifika formali tal-provditur tas-servizz, minbarra r-rekwiżiti l-oħra relatati ma' l-informazzjoni li jinsabu fil-liġi Komunitarja, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti jistgħu jeħtieġu li l-provditur tas-servizz iforni lir-riċevitur tas-servizz bi kwalunkwe informazzjoni jew bl-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) jekk il-provditur ta' servizz huwa reġistrat f'reġistru kummerċjali jew reġistru pubbliku simili, ir-reġistru li fih huwa reġistrat, in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu, jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni li jinsabu f'dak ir-reġistru;

(b) jekk l-attività hija soġġetta għal awtorizzazzjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment, l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità ta' sorveljanza kompetenti;

(ċ) kull assoċjazzjoni professjonali jew korp simili li magħhom il-provditur ta' servizz huwa reġistrat;

(d) it-titolu professjonali jew, fejn dan it-titolu ma jeżistix, il-kwalifika formali tal-provditur tas-servizz u l-Istat Membru fejn tkun ingħatat;

(e) jekk il-provditur tas-servizz jeżerċita attività li hija soġġetta għall-VAT, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 22(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ([1]),

(f) dettalji ta' assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva rigward responsabbiltà professjonali.

TITOLU III

**LIBERTÀ TA' STABBILIMENT**

KAPITOLU I

**SISTEMA ĠENERALI GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' PROVI TA' TAĦRIĠ**

*Artikolu 10*

**Firxa ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu japplika għall-professjonijiet kollha li ma jaqgħux taħt il-Kapitoli II u III ta' dan i-Titolu fil-każijiet li ġejjin li fihom l-applikant, għal raġunijiet speċifiċi u eċċezzjonali, ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-Kapitoli:

(a) għal attivitajiet elenkati fl-Anness IV, meta l-migrant ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 17, 18 u 19;

(b) għal tobba b'taħriġ bażiku, tobba speċjalizzati, infermiera responsabbli għas-saħħa ġenerali, tobba dentisti, tobba dentisti speċjalizzati, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti, meta l-migrant ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' prattika professjonali effettiva u legali msemmija fl-Artikoli 23, 27, 33, 37, 39, 43 u 49;

(ċ) għal periti, meta l-migrant ikollu prova ta' kwalifika formali mhux elenkata fl-Anness V, punt 5.7;

(d) bla ħsara għall-Artikoli 21(1), 23 u 27, għal tobba, infermiera, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti li jkollhom provi ta' kwalifiki formali bħala speċjalista, li għandu jsegwi t-taħriġ li jwassal għall-pussess ta' titolu elenkat fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.2.2, 5.3.2, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7. 1, u biss bl-għan ta' rikonoxximent ta' l-ispeċjalizzazzjoni in kwistjoni;

(e) għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali u infermiera speċjalizzati li jkollhom provi ta' kwalifiki formali bħala speċjalista li jsegwi t-taħriġ li jwassal għall-pussess ta' titolu elenkat fl-Anness V, punt 5.2.2, meta l-migrant ifittex rikonoxximent fi Stat Membru ieħor fejn l-attivitajiet professjonali in kwistjoni huma eżerċitati minn infermiera speċjalizzati mingħajr taħriġ bħala infermiera tal-kura ġenerali;

(f) għal infermiera speċjalizzati mingħajr taħriġ bħala infermiera tal-kura ġenerali, meta l-migrant ifittex rikonoxximent fi Stat Membru ieħor fejn l-attivitajiet professjonali in kwistjoni huma eżerċitati minn infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, infermiera speċjalizzati mingħajr taħriġ bħala infermiera tal-kura ġenerali jew infermiera speċjalizzati li għandhom provi ta' kwalifiki formali bħala speċjalista li jsegwi t-taħriġ li jwassal għall-pussess tat-titoli elenkati fl-Anness V, punt 5.2.2;

(g) għal li jemigraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 3(3).

*Artikolu 11*

**Livelli ta' kwalifika**

1. Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 13, erba' livelli ta' kwalifika professjonali huma stabbiliti.

([1]) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva emendata mid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

2. Il-livell A jikkorrispondi ma' attestazzjoni ta' kompetenza maħruġa minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini nominat skond disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru, abbażi:

(a) jew ta' kors ta' taħriġ li ma jagħmilx parti minn ċertifikat jew diploma fit-tifsira tal-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, jew eżami speċifiku mingħajr taħriġ qabel, jew l-eżerċizzju *full-time* tal-professjoni fi Stat Membru għal tliet snin konsekuttivi jew għal żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time* matul l-għaxar snin ta' qabel,

(b) inkella ta' edukazzjoni ġenerali primarja jew sekondarja, li turi li t-titolari kiseb għarfien ġenerali.

3. Il-livell B jikkorrispondi għal ċertifikat li juri t-tmiem b'suċċess ta' kors sekondarju,

(a) jew ta' natura ġenerali, supplementat b'kors ta' studju jew taħriġ professjonali differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u/jew prattika bi prova jew li tkun meħtieġa flimkien ma' dak il-kors,

(b) inkella ta' natura teknika jew professjonali, supplimentat fejn xieraq minn kors ta' studju jew taħriġ professjonali kif imsemmi fil-punt (a), u/jew prattika bi prova jew li tkun meħtieġa flimkien ma' dak il-kors.

4. Il-livell Ċ jikkorrispondi għal diploma li tiċċertifika t-tmiem b'suċċess

(a) jew ta' taħriġ f'livell post-sekondarju differenti minn dak imsemmi fil-paragrafu 5 ta' mhux inqas minn sena, fejn waħda mill-kondizzjonijiet tad-dħul għalih hija, bħala regola ġenerali, it-tmiem b'suċċess tal-kors sekondarju meħtieġ għad-dħul fl-università jew f'edukazzjoni superjuri, kif ukoll it-taħriġ professjonali li jista' jkun meħtieġ flimkien ma' dak il-kors post-sekondarju;

(b) inkella, fil-każ ta' professjoni regolata, ta' taħriġ bi struttura speċjali, inkluż fl-Anness II, ekwivalenti għal-livell ta' taħriġ provdut taħt (a), li jipprovdi *standard* professjonali komparabbli u li jipprepara t-*trainee* għal livell komparabbli ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet. Il-lista fl-Anness II tista' tkun emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) sabiex jittieħed kont ta' taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti li tipprovdi għalihom is-sentenza preċedenti.

5. Il-livell D jikkorrispondi għal diploma li tiċċertifika t-tmiem b'suċċess ta' taħriġ f'livell post-sekondarju ta' mhux inqas minn tliet snin, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni superjuri jew stabbiliment ieħor li jipprovdi l-istess livell ta' taħriġ, kif ukoll it-taħriġ professjonali li jista' jkun meħtieġ flimkien ma' dak il-kors post-sekondarju.

*Artikolu 12*

**Trattament ugwali ta' kwalifiki**

Kull provi ta' kwalifiki formali jew sett ta' provi ta' kwalifiki formali maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li jiċċertifikaw it-tmiem b'suċċess ta' taħriġ fil-Komunità, li huma rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru bħala li huma ta' livell ekwivalenti u li jikkonferixxu lit-titolari l-istess drittijiet ta' aċċess għal jew eżerċizzju ta' professjoni jew li jippreparaw għall-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, għandhom ikunu trattati bħala provi ta' kwalifiki formali tat-tip li jaqa' taħt l-Artikolu 11, inkluż il-livell in kwistjoni.

Kull kwalifika professjonali li, għalkemm ma tissodisfax il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru ta' l-oriġini għal aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni, tikkonferixxi lit-titolari drittijiet miksuba bis-saħħa ta' dawn id-disposizzjonijiet, għandha wkoll tkun trattata bħala tali evidenza ta' kwalifiki professjonali taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

*Artikolu 13*

**Kondizzjonijiet għal rikonoxximent**

1. Jekk l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti huwa kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tippermetti l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu, lil applikanti li għandhom l-attestazzjoni ta' kompetenza jew provi ta' kwalifiki formali meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni fit-territorju tiegħu.

Attestazzjonijiet ta' kompetenza jew provi ta' kwalifiki formali għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu nħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, magħżula skond id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru;

(b) għandhom jagħtu prova ta' livell ta' kwalifika professjonali mill-inqas ekwivalenti għal-livell li huwa immedjatament qabel dak li huwa meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, kif deskritt fl-Artikolu 11.

2. L-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' professjoni, kif deskritt fil-paragrafu 1, għandhom jingħataw ukoll lill-applikanti li jkunu eżerċitaw il-professjoni msemmija f'dak il-paragrafu fuq bażi *full-time* għal sentejn matul l-għaxar snin preċedenti fi Stat Membru ieħor li ma jirregolax dik il-professjoni, ladarba dawn ikollhom attestazzjoni jew aktar ta' kompetenza jew dokumenti li jagħtu prova ta' kwalifiki formali.

Attestazzjonijiet ta' kompetenza jew provi ta' kwalifiki formali għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu nħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, magħżula skond id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru;

(b) għandhom jagħtu prova ta' livell ta' kwalifika professjonali mill-inqas ekwivalenti għal-livell li huwa immedjatament qabel dak li huwa meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, kif deskritt fl-Artikolu 11;

(ċ) għandhom jagħtu prova ta' li t-titolari kien preparat għall-eżerċizzju tal-professjoni in kwistjoni.

Is-sentejn esperjenza professjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux, mandankollu, jkunu meħtieġa jekk il-provi ta' kwalifiki formali li għandu l-applikant jiċċertifikaw edukazzjoni u taħriġ regolati fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(d) tal-livelli B, Ċ jew D kif deskritt fl-Artikolu 11. L-edukazzjoni u t-taħriġ regolati elenkati fl-Anness III għandhom ikunu kkunsidrati bħala edukazzjoni u taħriġ regolati tal- Livell Ċ. Il-lista fl-Anness III tista' tiġi emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) sabiex tieħu kont ta' edukazzjoni u taħriġ regolati li jipprovdi *standard* professjonali komparabbli u li jipprepara lit-*trainee* għal-livell komparabbli ta' responsabbilitajiet u funzjonijiet.

3. L-Istat Membru ospitanti m' għandux ikun obbligat li japplika dan l-Artikolu fejn l-aċċess għal professjoni regolata huwa kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifika tal- livell D fit-territorju tiegħu li tiċċertifika t-tmiem b'suċċess ta' edukazzjoni superjuri jew universitarja ta' perijodu ta' aktar minn erba' snin, u fejn l-applikant għandu kwalifika tal-livell Ċ.

*Artikolu 14*

**Miżuri kompensatorji**

1. L-Artikolu 13 ma jżommx lill-Istat Membru ospitanti milli jeħtieġ li l-applikant itemm perijodu ta' adattament ta' mhux aktar minn tliet snin jew li jagħmel test ta' kapaċità jekk:

(a) il-perijodu tat-taħriġ li tiegħu jipprovdi prova skond ma hemm fil-paragrafu 1 jew 2 ta' l-Artikolu 13, ikun ta' mhux inqas minn sena iqsar minn dak meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti;

(b) it-taħriġ li rċieva jkopri sostanzjalment suġġetti differenti minn dawk koperti mill-provi ta' kwalifiki formali meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti;

(ċ) il-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti tinkludi attività professjonali waħda jew aktar regolata li ma teżistix fil-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini ta' l-applikant fis-sens ta' l-Artikolu 4(2), u dik id-differenza tikkonsisti f'taħriġ speċifiku li huwa meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti liema taħriġ ikopri suġġetti sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-attestazzjoni ta' kompetenza jew il-provi ta' kwalifiki formali ta' l-applikant.

2. Jekk l-Istat Membru juża l-possibiltà li tinsab fil-paragrafu 1, hu għandu joffri lill-applikant l-għażla bejn perijodu ta' adattament u test ta' kapaċità.

Fejn Stat Membru jikkunsidra, fir-rigward ta' professjoni speċifika, li huwa meħtieġ li jkun hemm deroga mir-rekwiżit, stabbilit fis-subparagrafu preċedenti, li jagħti lill-applikant għażla bejn perijodu ta' adattament u test ta' kapaċità, għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-quddiem u jipprovdi ġustifikazzjoni biżżejjed għad-deroga.

Jekk, wara li tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu mhijiex xierqa jew mhijiex konformi mad-dritt Komunitarju, għandha, fi żmien tliet xhur, titlob lill-Istat Membru in kwistjoni sabiex jieqaf milli jieħu dik il-miżura prevista. Fl-assenza ta' risposta mill-Kummissjoni fit-terminu ta' żmien imsemmi hawn qabel, id-deroga tista' tiġi applikata.

3. B'deroga mill-prinċipju tad-dritt ta' l-applikant li jagħżel, kif stabbilit fil-paragrafu 2, għal professjonijiet li l-eżerċizzju tagħhom jeħtieġ għarfien preċiż tal-liġi nazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-provvista ta' parir u/jew għajnuna dwar il-liġi nazzjonali hija aspett essenzjali u kostanti ta' l-attività professjonali, l-Istat Membru ospitanti jista' jistabbilixxi perijodu ta' adattament jew test ta' kapaċità.

Dan japplika wkoll għal każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(b) u (ċ ), fl-Artikolu 10(d) li jikkonċernaw it-tobba u t-tobba dentisti, fl-Artikolu 10 (f) meta l-migrant ifittex rikonoxximent fi Stat Membru ieħor fejn l-attivitajiet professjonali in kwistjoni huma eżerċitati minn infermiera responsabbli mill-kura ġenerali jew infermiera speċjalizzati li għandhom provi ta' kwalifiki formali bħala speċjalista li jsegwi t-taħriġ li jwassal għall-pussess tat-titoli elenkati fl-Anness V, punt 5.2.2 u fl-Artikolu 10 (g).

Fil-każijiet koperti mill-Artikolu 10(a), l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ perijodu ta' adattament jew test ta' kapaċità jekk il-migrant jipprevedi li ser jeżerċita attivitajiet professjonali bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża li jeħtieġu l-għarfien u l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi nazzjonali fis-seħħ, kemm-il darba l-għarfien u l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli huma meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti għal aċċess għal tali attivitajiet miċ-ċittadini tiegħu.

4. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafi 1(b) u (ċ), "suġġetti sostanzjalment differenti" tfisser suġġetti li l-għarfien tagħhom huwa essenzjali għall-eżerċizzju tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ li l-migrant irċieva juri differenzi importanti fir-rigward tal-perijodu jew il-kontenut mit-taħriġ meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti.

5. Il-paragrafu 1 għandu japplika b'kont debitu tal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari, jekk l-Istat Membru ospitanti għandu l-ħsieb li jeħtieġ li l-applikant itemm perijodu ta' adattament jew jagħmel test ta' kapaċità, għandu l-ewwel jistabbilixxi jekk l-għarfien miksub mill-applikant matul l-esperjenza professjonali tiegħu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, huwiex ta' natura li jkopri, b'mod sħiħ jew parzjali, id-differenza sostanzjali msemmija fil-paragrafu 4.

*Artikolu 15*

**Ir-rinunzja ta' miżuri kompensatorji abbażi ta' pjattaformi komuni**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "pjattaformi komuni" hija definita bħala sett ta' kriterji ta' kwalifiki professjonali li huma adattati sabiex jikkumpensaw għal differenzi sostanzjali li kienu identifikati bejn ir-rekwiżiti ta' taħriġ li jeżistu fl-Istati Membri differenti għal professjoni speċifika. Dawn id-differenzi sostanzjali għandhom ikunu identifikati permezz ta' paragun bejn il-perijodu u l-kontenut tat-taħriġ f'mhux inqas minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri, inkluż l-Istati Membri kollha li jirregolaw il-professjoni konċernata. Id-differenzi fil-kontenut tat-taħriġ jistgħu jirriżultaw minn differenzi sostanzjali fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-attivitajiet professjonali.

2. Pjattaformi komuni kif definiti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni minn Stati Membri jew minn assoċjazzjonijiet professjonali li huma rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Jekk il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Istati Membri, hi tal-fehma li abbozz ta' pjattaforma komuni jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali, tista' tippreżenta abbozz ta' miżuri bil-ħsieb li jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2).

3. Fejn il-kwalifiki professjonali ta' l-applikant jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-miżura adottata skond il-paragrafu 2, l-Istat Membru ospitanti għandu jirrinunzja għall-applikazzjoni ta' miżuri kompensatorji taħt l-Artikolu 14.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 m'għandhomx jolqtu l-kompetenza ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-eżerċizzju ta' professjonijiet fit-territorju tagħhom kif ukoll il-kontenut u l-organizzazzjoni tas-sistemi tagħhom edukattivi u ta' taħriġ professjonali.

5. Jekk Stat Membru jikkunsidra li l-kriterji stabbiliti f'miżura adottata skond il-paragrafu 2 ma għadhomx joffru garanziji adegwati rigward il-kwalifiki professjonali, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan, li għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta abbozz ta' miżura skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2).

6. Il-Kummissjoni għandha sa … (*), tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-operat ta' dan l-Artikolu u, jekk meħtieġ, proposti xierqa sabiex dan l-Artikolu jiġi emendat.

KAPITOLU II

**RIKONOXXIMENT TA' ESPERJENZA PROFESSJONALI**

*Artikolu 16*

**Kondizzjonijiet rigward esperjenza professjonali**

Jekk, fi Stat Membru, l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness IV huma kontinġenti fuq il-pussess ta' għarfien ġenerali, kummerċjali jew professjonali u ħiliet, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi l-eżerċizzju preċedenti ta' l-attività fi Stat Membru ieħor bħala prova suffiċjenti ta' tali għarfien u ħiliet. L-attività kellha tkun eżerċitata skond l-Artikoli 17, 18 u 19.

*Artikolu 17*

**Attivitajiet imsemmija fil-lista I ta' l-Anness IV**

1. Għall-attivitajiet fil-lista I ta' l-Anness IV, l-attività in kwistjoni għandha tkun ġiet eżerċitata preċedentement:

(a) għal sitt snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, jew

(b) għal tliet snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li rċieva taħriġ preċedenti ta' mhux inqas minn tliet snin fl-attività in kwistjoni, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew kif iġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(*) Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(ċ) għal erba' snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li rċieva, għall-attività in kwistjoni taħriġ preċedenti ta' mhux inqas minn sentejn, attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(d) għal tliet snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa eżerċita l-attività in kwistjoni bħala impjegat għal mhux inqas minn ħames snin, jew

(e) għal ħames snin konsekuttivi f'pożizzjoni eżekuttiva, li minnhom tliet snin kienu jinvolvu doveri tekniċi u responsabbiltà għal mhux inqas minn dipartiment wieħed tal-kumpannija, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa rċieva, għall-attività in kwistjoni, taħriġ preċedenti għal perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu.

2. Fil-każijiet (a) u (d), l-attività ma għandhiex tkun intemmet aktar minn 10 snin qabel id-data li fiha l-applikazzjoni kompletata ġiet ippreżentata mill-persuna konċernata lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 56.

3. Il-paragrafu 1(e) m'għandhux japplika għal attivitajiet tal-Grupp Ex 855, *salons* tax-xagħar, jew tan-Nomenklatura ISIC.

*Artikolu 18*

**Attivitajiet msemmija fil-lista II ta' l-Anness IV**

1. Għall-attivitajiet tal-lista II ta' l-Anness IV, l-attività in kwistjoni għandha tkun ġiet eżerċitata preċedentement:

(a) għal ħames snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħ–dem għal rasha jew bħala manager ta' impriża, jew

(b) għal tliet snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala manager ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li rċieva taħriġ preċedenti ta' mhux inqas minn tliet snin fl-attività in kwistjoni, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew iġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(ċ) għal erba' snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li rċieva, għall-attività in kwistjoni taħriġ preċedenti ta' mhux inqas minn sentejn, attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(d) għal tliet snin konsekuttivi bħala persuna li tkun taħdem għal rasha, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa eżerċita l-attività in kwistjoni bħala impjegat għal mhux inqas minn ħames snin, jew

(e) għal ħames snin konsekuttivi bħala impjegat, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa rċieva, għall-attività in kwistjoni, taħriġ preċedenti għal perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(f) għal sitt snin konsekuttivi bħala impjegat, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa rċieva, għall-attività in kwistjoni, taħriġ preċedenti għal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu.

2. Fil-każijiet (a) u (d), l-attività ma għandhiex tkun intemmet aktar minn 10 snin qabel id-data li fiha l-applikazzjoni kompletata ġiet sottomessa mill-persuna konċernata lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 56.

*Artikolu 19*

**Attivitajiet imsemmija fil-lista III ta' l-Anness IV**

1. Għall-attivitajiet tal-lista III ta' l-Anness IV, l-attività in kwistjoni għandha tkun ġiet eżerċitata preċedentement:

(a) għal tliet snin konsekuttivi, bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, jew

(b) għal sentejn konsekuttivi, bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li rċieva taħriġ preċedenti fl-attività in kwistjoni, kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew iġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu, jew

(ċ) għal sentejn konsekuttivi, bħala persuna li tkun taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' impriża, fejn il-benefiċjarju jista' juri li eżerċita l-attività in kwistjoni bħala impjegat għal mhux inqas minn tliet snin, jew

(d) għal tliet snin konsekuttivi bħala impjegat, jekk il-benefiċjarju jista' juri li huwa rċieva, għall-attività in kwistjoni, taħriġ preċedenti kif attestat permezz ta' ċertifikat rikonoxxut mill-Istat Membru jew aġġudikat minn korp professjonali kompetenti li hu kompletament validu.

2. Fil-każijiet (a) u (ċ), l-attività ma għandhiex tkun intemmet aktar minn 10 snin qabel id-data li fiha l-applikazzjoni kompletata ġiet sottomessa mill-persuna konċernata lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 56.

*Artikolu 20*

**Emenda tal-listi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness IV**

Il-listi ta' l-attivitajiet fl-Anness IV li huma s-suġġett ta' rikonoxximent ta' esperjenza professjonali skond l-Artikolu 16 jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li n-nomenklatura tiġi aġġornata jew iċċarata, kemm-il darba dan ma jinvolvix tibdil fl-attivitajiet relatati mal-kategoriji individwali.

KAPITOLU III

**RIKONOXXIMENT ABBAŻI TA' KOORDINAZZJONI TA' KONDIZZJONIJIET MINIMI TA' TAĦRIĠ**

*SEZZJONI 1*

Disposizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 21*

**Prinċipju ta' rikonoxximent awtomatiku**

1. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali ta' tabib li jagħti aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.6.2 u 5.7.1 rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 38, 44 u 46 rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta' aċċess għal u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, jagħti dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħala provi ta' kwalifiki formali li joħroġ huwa stess.

Din il-prova tal-kwalifiki formali għandha tinħareġ mill-korpi kompetenti fl-Istati Membri u tkun akkumpanjata, fejn xieraq, miċ-ċertifikati elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.6.2, u 5.7.1 rispettivament.

Id-disposizzjonijiet ta' l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma jolqtux id-drittijiet miksuba msemmija fl-Artikoli 23, 27, 33, 37, 39 u 49.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi, għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' prattika medika ġenerali fil-qafas tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu, dawk il-provi ta' kwalifiki formali elenkati fl-Anness V, punt 5.1.4 u maħruġa lil ċittadini ta' l-Istati Membri mill-Istati Membri l-oħra skond ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 28.

Id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu preċedenti ma jolqtux id-drittijiet miksuba msemmija fl-Artikolu 30.

3. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali ta' qwiebel, mogħtija lil ċittadini ta' Stati Membri mill-Istati Membri l-oħra, elenkati fl-Anness V, punt 5.5.2, dawk il-provi li jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 40 u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 41, u għandu, għall-finijiet ta' l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali, jagħti lil dawn il-provi l-istess effett fit-territorju tiegħu bħal provi ta' kwalifiki formali li joħroġ huwa stess. Din id-disposizzjoni ma toloqtx id-drittijiet miksuba msemmija fl-Artikoli 23 u 43.

4. L-Istati Membri m'għandhomx l-obbligu li jagħtu effett lill-provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.6.2, għall-istabbiliment ta' farmaċiji ġodda miftuħa għall-pubbliku. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, farmaċiji li jkunu miftuħa għal inqas minn tliet snin għandhom ikunu kkunsidrati wkoll bħala farmaċiji ġodda.

5. Provi ta' kwalifiki formali bħala perit imsemmija fl-Anness V, punt 5.7.1, li huma soġġetti għar-rikonoxximent awtomatiku skond il-paragrafu 1, huma provi ta' kors ta' taħriġ kompletat li beda mhux qabel matul mis-sena akkademika ta' referenza msemmija f'dak l-Anness.

6. Kull Stat Membru għandu jissoġġetta l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara għall-pussess ta' provi tal-kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2 u 5.6.2 rispettivament, li jagħtu prova ta' li l-persuna konċernata kisbet, matul it-taħriġ tagħha, u fejn xieraq, l-għarfien u l-ħiliet imsemmija fl-Artikoli 24(3), 31(6), 34(3), 38(3), 40(3) u 44(3).

L-għarfien u l-ħiliet imsemmija fl-Artikoli 24(3), 31(6), 34(3), 38(3), 40(3) u 44(3) jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti, għal kwalunkwe Stat Membru, ma jeħtieġux emenda tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu dwar l-istruttura ta' professjonijiet rigward taħriġ u kondizzjonijiet għall-aċċess minn persuni naturali.

7. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi li jadotta rigward il-ħruġ ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert minn dak il-Kapitolu. Barra minn hekk, għal provi ta' kwalifiki formali fil-qasam imsemmi fis-Sezzjoni 8, din in-notifika għandha tkun indirizzata lill-Istati Membri l-oħra.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni xierqa fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tindika t-titoli adottati mill-Istati Membri għal provi ta' kwalifiki formali u, fejn xieraq, il-korp li joħroġ il-provi ta' kwalifiki formali, iċ-ċertifikat li jiġi magħhom u t-titolu professjonali korrispondenti msemmi fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 rispettivament.

*Artikolu 22*

**Disposizzjonijiet komuni dwar it-taħriġ**

Rigward it-taħriġ imsemmi fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 44 u 46:

(a) l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw taħriġ fuq bażi *part-time* taħt kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti; dawk l-awtoritajiet għandhom jassiguraw li l-perijodu, livell u kwalità globali ta' dan it-taħriġ mhumiex aktar baxxi minn dak ta' taħriġ kontinwu fuq bażi *full-time*;

(b) skond il-proċeduri speċifiċi għal kull Stat Membru, l-edukazzjoni kontinwa u t-taħriġ għandhom jassiguraw li persuni li temmew l-istudji tagħhom iżommu ruħhom aġġornati bl-iżviluppi professjonali sal-punt meħtieġ sabiex il-prattika tinżamm salva u effettiva.

*Artikolu 23*

**Drittijiet miksuba**

1. Bla ħsara għad-drittijiet miksuba speċifiċi għall-professjonijiet konċernati, f'każijiet fejn il-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku jew tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, tobba dentisti speċjalizzati, bħala kirurgi veterinarji, bħala qwiebel, u bħala spiżjara li jkollhom ċittadini ta' Stati Membri ma tissodisfax il-kondizzjonijiet kollha ta' taħriġ msemmija fl-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 38, 40 u 44, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti dawk il-provi ta' kwalifiki professjonali maħruġa minn dawk l-Istati Membri safejn dawn il-provi juru t-tmiem b'suċċess ta' taħriġ li kien beda qabel id-dati ta' referenza stabbiliti fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2 u 5.6.2 u hija akkumpanjata minn ċertifikat li jiddikjara li t-titolari kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.

2. L-istess disposizzjonijiet japplikaw għal provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u ta' tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala kirurgu veterinarju, bħala qabla u bħala spiżjara, miksuba fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 38, 40 u 44 jekk dawn il-provi jiċċertifikaw t-tmiem b'suċċess ta' taħriġ li beda qabel:

a) it-3 ta' Ottubru 1990 għal tobba b'taħriġ bażiku, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentisti b'taħriġ bażiku, dentist speċjalizzati, kirurgi veterinarji, qwiebel u spiżjara, u

b) it-3 ta' April 1992 għal tobba speċjalizzati.

Il-provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-ewwel subparagrafu jagħtu lit-titolari d-dritt li jeżerċita attivitajiet professjonali fit-territorju Ġermaniż kollu taħt l-istess kondizzjonijiet bħal provi ta' kwalifiki formali maħruġa mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti msemmija fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2 u 5.6.2.

3. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 37(1), kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala kirurgu dentist, bħala qabla, bħala spiżjar u bħala perit ta' ċittadini ta' Stati Membri u maħruġa minn dik li qabel kienet iċ-Ċekoslovakkja, jew li t-taħriġ tiegħu beda, qabel l-1 ta' Jannar 1993, għar-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja, fejn l-awtoritajiet ta' xi wieħed miż-żewġ Stati Membri msemmija hawn qabel juru li tali provi ta' kwalifiki formali għandhom l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-provi ta' kwalifiki formali li huma joħorġu u, rigward periti, bħall-provi ta' kwalifiki formali speċifikati għal dawk l-Istati Membri fl-Anness VI, punt 6.2, rigward l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku, tabib speċjalizzat, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, kirurgu veterinarju, qwiebel, qabla u spiżjar rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 45(2), u perit rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48, u l-eżerċizzju ta' tali attivitajiet.

Tali attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet fejn jiġi dikjarat li tali persuni kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

4. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali għal tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala qabla, bħala spiżjar u bħala perit dawk il-provi li jkollhom ċittadini ta' l-Istati Membri u maħruġa minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika, jew li t-taħriġ tagħhom beda

(a) fl-Estonja, qabel l-20 ta' Awwissu 1991,

(b) fil-Latvja, qabel il-21 ta' Awwissu 1991,

(ċ) fil-Litwanja, qabel il-11 ta' Marzu 1990,

fejn l-awtoritajiet ta' xi wieħed mit-tliet Stati Membri msemmija jagħtu prova li tali provi għandhom l-istess validità legali bħall-provi li huma joħorġu fit-territorju tagħhom u, rigward periti, bħala provi ta' kwalifiki formali speċifikati għal dawk l-Istati Membri fl-Anness VI, punt 6.2, rigward l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, dentist speċjalizzat, kirurgu veterinarju, qabla u spiżjar rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 45(2), u perit rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48, u l-eżerċizzju ta' tali attivitajiet.

Tali attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jiddikjara li tali persuni kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

Rigward l-provi ta' kwalifiki formali bħala kirurgi veterinarji maħruġa minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika jew rigward liema taħriġ beda, fl-Estonja, qabel l-20 ta' Awwissu 1991, l-attestazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet Estonjani fejn jiddikjaraw li tali persuni kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

5. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u ta' tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala kirurgu veterinarju, bħala qabla u bħala spiżjara u bħala perit dawk il-provi li jkollhom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u maħruġa minn dik li kienet il-Jugoslavja, jew li t-taħriġ tagħhom beda, għas-Slovenja, qabel il-25 ta' Ġunju 1991, fejn l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru msemmi juri li tali provi għandhom l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-provi li huma joħorġu, u rigward periti, bħall-provi ta' kwalifiki formali speċifikati għal dawk l-Istati Membri fl-Anness VI, punt 6.2, rigward l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u ta' tabib speċjalizzat, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, kirurgu veterinarju, qabla u spiżjara rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 45(2), u perit rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48, u l-eżerċizzju ta' tali attivitajiet.

Tali attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jiddikjara li tali persuni kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

6. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi, bħala prova suffiċjenti għaċ-ċittadini ta' Stati Membri li l-provi tagħhom ta' kwalifiki formali bħala tabib, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, dentist speċjalizzat, kirurgu veterinarju, qabla u spiżjar ma jikkorrispondux mat-titoli mogħtija għal dak l-Istat fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.1.3, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2 u 5.6.2, dawk il-provi ta' kwalifiki formali maħruġa minn dawk l-Istati Membri akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti.

Iċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiddikjara li l-provi ta' kwalifiki formali jiċċertifikaw it-tmiem b'suċċess ta' taħriġ skond l-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40 u 44 rispettivament ta' din id-Direttiva u huma trattati mill-Istat Membru li ħariġhom bl-istess mod bħall-kwalifiki li t-titoli tagħhom huma elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.1.3, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2 u 5.6.2.

*SEZZJONI 2*

## Tobba tal-mediċina

*Artikolu 24*

**Taħriġ mediku bażiku**

1. L-ammissjoni għat-taħriġ mediku bażiku għandha tkun tiddependi fuq il-pussess ta' diploma jew ċertifikat li jipprovdu aċċess, għall-istudji in kwistjoni, għal universitajiet.

2. It-taħriġ mediku bażiku għandu jinkludi total ta' mhux inqas minn sitt snin ta' studju jew 5 500 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku provdut minn università jew taħt is-superviżjoni tagħha.

Għal persuni li bdew l-istudji tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 1972, il-kors ta' taħriġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jinkludi sitt xhur ta' taħriġ prattiku fuq bażi *full-time* f'livell universitarju taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

3. It-taħriġ mediku bażiku għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tax-xjenzi li fuqhom hija bbażata l-mediċina u fehma tajba tal-metodi xjentifiċi inklużi il-prinċipji tal-kejl tal-funzjonijiet bijoloġiċi, l-istima ta' fatti stabbiliti xjentifikament u l-analiżi ta' data;

(b) fehma biżżejjed ta' l-istruttura, il-funzjonijiet u l-imġieba ta' persuni b'saħħithom u morda, kif ukoll relazzjonijiet bejn l-istat tas-saħħa u l-ambjent fiżiku u soċjali tal-bniedem;

(ċ) għarfien adegwat tad-dixxiplini u prattiċi kliniċi, li jipprovdu lil persuna konċernata bi stampa kōrenti tal-mard mentali u fiżiku, tal-mediċina mill-aspett tal-profilassi, id-dijanjosi u t-terapija u tar-riproduzzjoni umana;

(d) esperjenza klinika adattata f'isptarijiet taħt sorveljanza xierqa.

*Artikolu 25*

**Taħriġ mediku speċjalizzat**

1. L-ammissjoni għat-taħriġ mediku speċjalizzat għandha tkun tiddependi fuq it-tmiem u l-validazzjoni ta' sitt snin ta' studju bħala parti mill-programm ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 24 li matulu t-*trainee* jkun kiseb l-għarfien in kwistjoni fil-mediċina bażika.

2. It-taħriġ mediku speċjalizzat għandu jinkludi taħriġ teoretiku u prattiku f'università jew sptar ta' tagħlim mediku jew, fejn xieraq, fi stabbiliment tas-saħħa approvat għal dan l-iskop mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-perijodu minimu ta' korsijiet ta' taħriġ mediku speċjalizzat imsemmija fl-Anness V, punt 5.1.3 mhuwiex inqas mill-perijodu msemmi f'dak il-punt. It-taħriġ għandu jingħata taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. Dan għandu jinkludi l-parteċipazzjoni personali tat-tabib *trainee* speċjalizzat fl-attività u fir-responsabbiltajiet involuti fis-servizzi in kwistjoni.

3. It-taħriġ għandu jingħata fuq bażi *full-time* fi stabbilimenti speċifiċi li huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti. Għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni fil-firxa sħiħa ta' l-attivitajiet mediċi tad-dipartiment fejn isir it-taħriġ, inklużi *'on-call duties'*, b'mod li l-ispeċjalista *trainee* jiddedika l-attività professjonali kollha tiegħu għal dan it-taħriġ prattiku u teoritiku tul il-ġimgħa ta' xogħol kollha u tul is-sena skond il-proċeduri stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-postijiet għandhom ikunu suġġetti għal remunerazzjoni approprjata f'dan is-sens.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-ħruġ ta' provi ta' taħriġ mediku speċjalizzat dependenti mill-pussess ta' provi ta' taħriġ mediku bażiku msemmi fl-Anness V, punt 5.1.1.

5. Il-perijodi minimi ta' taħriġ imsemmija fl-Anness V, punt 5.1.3 jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 26*

**Tipi ta' taħriġ mediku speċjalizzat**

Provi ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 21 huma dawk il-provi mogħtija mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti msemmija fl-Anness V, punt 5.1.2 li jikkorrispondu, għat-taħriġ speċjalizzat in kwistjoni, għat-titoli użati fl-Istati Membri differenti u msemmija fl-Anness V, punt 5.1.3.

L-inklużjoni fl-Anness V, punt 5.1.3 ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi li huma komuni għal mhux inqas minn żewġ kwinti ta' l-Istati Membri jistgħu jiġu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li din id-Direttiva tiġi aġġornata fid-dawl ta' tibdil fil-leġislazzjoni nazzjonali.

*Artikolu 27*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għat-tobba**

1. Stat Membru ospitanti jista' jeħtieġ mit-tobba speċjalizzati li t-taħriġ *part-time* mediku speċjalizzat tagħhom kien regolat minn disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi fis-seħħ mill-20 ta' Ġunju 1975 u li bdew it-taħriġ speċjalizzat tagħhom mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1983 li l-provi ta' kwalifiki formali tagħhom jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li huma kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel l-għoti taċ-ċertifikat.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-kwalifika ta' tobba speċjalizzati mogħtija fi Spanja lil tobba li temmew it-taħriġ speċjalizzat tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 1995, anki jekk dak it-taħriġ ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ msemmija fl-Artikolu 25, safejn dik il-kwalifika hija akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-Awtoritajiet Spanjoli kompetenti u li jagħti prova li dik il-persuna konċernata għaddiet l-eżami f'kompetenza professjonali speċifika miżmum fil-kuntest ta' miżuri eċċezzjonali rigward ir-rikonoxximent stabbiliti fid-Digriet Irjali 1497/99, bil-ħsieb li jkun aċċertat li l-persuna konċernata tippossjedi livell ta' għarfien u ħiliet komparabbli ma' dak ta' tobba li jippossjedu l-kwalifika bħala tobba speċjalizzati kif definiti għal Spanja fl-Anness V, punti 5.1.2 u 5.1.3.

3. Kull Stat Membru li japplika disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi relevanti għandu jaċċetta bħala provi sufficjenti dawk il-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat maħruġa minn Stati Membri oħra li jikkorrispondu, għat-taħriġ speċjalizzat in kwistjoni, għat-titoli elenkati fl-Anness VI, punt 6.1, safejn dawn jagħtu prova ta' kors ta' taħriġ li beda qabel id-data ta' referenza msemmija fl-Anness V, punt 5.1.2 u huma akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li huma kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel l-għoti taċ-ċertifikat.

L-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal provi ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat miksuba fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja jekk jagħtu prova ta' kors ta' taħriġ li beda qabel it-3 ta' April 1992 u li jagħtu lit-titolari d-dritt li jeżerċita attivitajiet professjonali fit-territorju Ġermaniż kollu taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-provi ta' kwalifiki formali mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti msemmija fl-Anness VI, punt 6.1.

4. Kull Stat Membru li japplika disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi rilevanti għandu jaċċetta bħala provi sufficjenti dawk il-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat, li jikkorrispondu, għat-taħriġ speċjalizzat in kwistjoni, għat-titoli elenkati fl-Anness VI, punt 6.1, li huma mogħtija mill-Istati Membru elenkati fih u li jagħtu prova ta' kors ta' taħriġ li beda qabel id-data tar-referenza msemmija fl-Anness V, punt 5.1.2 u qabel... (*), u għandu, għall-finijiet ta' l-aċċess u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' tabib speċjalizzat, jagħti l-istess effett lil dawn il-provi fit-territorju tiegħu bħall-provi ta' kwalifiki formali li joħroġ huwa stess.

5. Kull Stat Membru li rrevoka d-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi rigward l-għoti ta' provi ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat imsemmi fl-Anness V, punt 5.1.2 u l-Anness VI, punt 6.1 u li adotta miżuri rigward id-drittijiet miksuba li jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini tiegħu, għandu jagħti liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra d-dritt li jibbenefikaw minn dawk il-miżuri, safejn dawk il-provi ta' kwalifiki formali kienu maħruġa qabel id-data li fiha l-Istat Membru waqaf joħroġ dawk il-provi għall-ispeċjalizzazzjoni in kwistjoni.

Id-dati li fihom dawn id-disposizzjonijiet kienu revokati huma stabbiliti fl-Anness V, punt 5.1.3 u l-Anness VI, punt 6.1.

*Artikolu 28*

**Taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali**

1. L-ammissjoni għat-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali għandha tkun tiddependi mit-tmiem u l-validazzjoni ta' sitt snin ta' studju bħala parti mil-programm ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 24.

2. It-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali li jwassal għall-għoti ta' provi ta' kwalifiki formali maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2006 għandu jkun għal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn fuq bażi *full-time*. Fil-każ ta' provi ta' kwalifiki formali maħruġa wara dik id-data, it-taħriġ għandu jkun għal perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin fuq bażi *full-time*.

Fejn il-programm ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 24 jinkludi taħriġ prattiku mogħti minn sptar approvat li jkollu tagħmir u servizzi mediċi ġenerali xierqa jew bħala parti mill-prattika medika ġenerali approvata jew f'ċentru approvat li fih it-tobba jipprovdu kura medika primarja, il-perijodu ta' dak it-taħriġ prattiku jista', sa massimu ta' sena, jkun inkluż fil-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għal ċertifikati ta' taħriġ maħruġa fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara.

L-għażla li jipprovdi għaliha t-tieni subparagrafu għandha tkun disponibbli biss għall-Istati Membri li fihom it-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali kien ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2001.

3. It-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali għandu jsir fuq bażi *full-time* f'livell universitarju, taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. Għandu jkun aktar prattiku milli teoretiku.

L-istruzzjoni prattika għandha tingħata, min-naħa l-waħda, mill-inqas għal sitt xhur fi sptar approvat li jkollu tagħmir u servizzi xierqa u, min-naħa l-oħra, mill-inqas għal sitt xhur bħala parti ta' prattika medika ġenerali approvata jew f'ċentru approvat fejn it-tobba jipprovdu kura tas-saħħa primarja.

(*) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħta' din id-Direttiva.

It-taħriġ prattiku għandu jsir flimkien ma' stabbilimenti tas-saħħa jew ma' strutturi oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-mediċina ġenerali. Bla ħsara għall-perijodi minimi stabbiliti fit-tieni subparagrafu, madanakollu, it-taħriġ prattiku jista' jingħata fuq perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi stabbilimenti approvati jew strutturi tas-saħħa oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-mediċina ġenerali.

It-taħriġ għandu jeżiġi il-parteċipazzjoni personali tat-*trainee* fl-attività u r-responsabbiltajiet professjonali tal-persuni li magħhom jaħdem.

4. L-Istati Membri għandhom jissoġġettaw il-ħruġ ta' provi ta' kwalifiki formali fil-prattika medika ġenerali għall-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali f'taħriġ mediku bażiku msemmi fl-Anness V, punt 5.1.1.

5. L-Istati Membri jistgħu joħorġu provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.1.4 lil tabib li ma temmx it-taħriġ imsemmi f'dan l-Artikolu imma li temm taħriġ differenti, supplimentari, kif attestat mill-provi ta' kwalifiki formali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru. Dawn ma jistgħux madanakollu, jagħtu provi ta' kwalifiki formali jekk dan ma jattestax l-għarfien ta' livell ekwivalenti fil-kwalità għall-għarfien miksub mit-taħriġ li jipprovdi għalih dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, inter alia, sa liema punt it-taħriġ kumplimentari u l-esperjenza professjonali diġà miksuba mill-applikant jistgħu jissostitwixxu t-taħriġ li jipprovdi għalih dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jistgħu joħorġi l-provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.1.4 biss jekk l-applikant ikun kiseb mhux inqas minn sitt xhur esperjenza fil-mediċina ġenerali fi prattika tal-mediċina ġenerali jew f'ċentru fejn it-tobba jipprovdu kura tas-saħħa primarja tat-tipi msemmija fil-paragrafu 3.

*Artiklu 29*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala tobba tal-mediċina ġenerali**

Kull Stat Membru għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet miksuba, jagħmel l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' tabib tal-mediċina ġenerali fil-kuntest tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu dipendenti mill-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.1.4.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw persuni li bħalissa qed jagħmlu taħriġ speċifiku fil-mediċina ġenerali minn din il-kondizzjoni.

*Artikolu 30*

**Drittijiet miksuba speċifiċi għat-tobba tal-mediċina ġenerali**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi d-drittijiet miksuba. Għandu, għaldaqstant, jagħti bħala dritt miksub id-dritt li wieħed jeżerċita l-attivitajiet ta' tabib tal-mediċina ġenerali fil-qafas tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu, mingħajr il-provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.1.4, lit-tobba kollha li jgawdu dan id-dritt mid-data ta' referenza dikjarata f'dak punt bis-saħħa tad-disposizzjonijiet applikabbli għall-professjoni medika li jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u li huma stabbiliti minn dik id-data fuq it-territorju tiegħu, stante li jkunu bbenefikaw mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 jew 23.

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom, fuq talba, joħorġu ċertifikat li jiddikjara d-dritt tat-titolari li jeżerċita l-attivitajiet ta' tabib tal-mediċina ġenerali fil-qafas tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali tagħhom, mingħajr il-provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.1.4, lil tobba li jgawdu mid-drittijiet miksuba skond l-ewwel subparagrafu.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, mogħtija lil ċittadini ta' Stati Membri mill-Istati Membri oħra, u għandu jagħti lil dawn iċ-ċertifikati l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħall-provi ta' kwalifiki formali li huwa nnifsu jagħti u li jippermettu l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' tabib tal-mediċina ġenerali fil-qafas tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu.

*SEZZJONI 3*

Infermiera responsabbli mill-kura ġenerali

*Artikolu 31*

**Taħriġ għall-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali**

1. L-ammissjoni għat-taħriġ għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali għandha tkun tiddependi mit-tmiem ta' l-edukazzjoni ġenerali ta' 10 snin, kif attestat permezz ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra maħruġa mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti fi Stat Membru jew b'ċertifikat li jagħti prova ta' suċċess f'eżami, ta' livell ekwivalenti, għall-ammissjoni fi skola ta' taħriġ għall-infermiera.

2. It-taħriġ ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali għandha tingħata fuq bażi *full-time* u għandha tinkludi mill-inqas il-programm deskritt fl-Anness V, punt 5.2.1.

Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.2.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) intiż bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jirrikjedu, għal kwalunkwe Stat Membru, emendi tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu relatati ma' l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward ta' taħriġ u kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

3. It-taħriġ ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali għandu jinkludi kors ta' studju ta' mhux inqas minn tlett snin jew 4 600 siegħa ta' taħriġ teoretiku u fi klinika, iż-żmien tat-taħriġ teoretiku jirrappreżenta mhux inqas minn terz u ż-żmien tat-taħriġ fi klinika mhux inqas minn nofs iż-żmien minimu tat-taħriġ. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet parzjali lil persuni li rċevew parti mit-taħriġ tagħhom f'korsijiet li huma mill-inqas ta' livell ekwivalenti.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-istituzzjonijiet li jipprovdu taħriġ għall-infermiera huma responsabbli mill-koordinazzjoni tat-taħriġ teoretiku u fi klinika matul il-programm kollu ta' studju.

4. It-taħriġ teoretiku huwa parti mit-taħriġ għall-infermiera li minnu infermiera *trainees* jiksbu għarfien professjonali, intuwizzjoni u ħiliet meħtieġa għall-organizzazzjoni, l-għotja u l-istima tal-kura ġenerali tas-saħħa. It-taħriġ għandu jingħata minn għalliema tal-kura mill-infermiera u minn persuni kompetenti oħra, fi skejjel ta' l-infermiera u fi stabbilimenti oħra ta' taħriġ magħżula mill-istituzzjoni tat-taħriġ.

5. It-taħriġ fi klinika huwa dik il-parti tat-taħriġ għall-infermiera li fih infermiera *trainees* jitgħallmu, bħala parti minn tim u b'kuntatt dirett ma' individwu f'saħħtu jew marid u/jew komunità, jorganizzaw, jagħtu u jistmaw il-kura komprensiva mill-infermiera, abbażi ta' l-għarfien u l-ħiliet li huma jkunu kisbu. L-infermier *trainee* għandu jitgħallem mhux biss kif jaħdem fi grupp, imma wkoll kif imexxi grupp u jorganizza l-kura ġenerali mill-infermiera, inkluża l-edukazzjoni dwar is-saħħa għal individwi u gruppi żgħar, fl-istitut għas-saħħa jew fil-komunità.

Dan it-taħriġ għandu jsir fi sptarijiet u istituzzjonijiet oħra tas-saħħa u fil-komunità, taħt ir-responsabbiltà ta' għalliema infermiera, b'koperazzjoni ma' infermiera kwalifikati oħra u assistiti minnhom. Persunal ieħor kwalifikat jista' wkoll jieħu parti fil-proċess tat-tagħlim.

Infermiera *trainees* għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet tad-dipartiment in kwistjoni safejn dawk l-attivitajiet huma adattati għat-taħriġ tagħhom, li jwassal sabiex jitgħallmu jassumu r-responsabbilitajiet involuti fil-kura mill-infermiera.

6. Taħriġ għall-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tax-xjenzi li fuqhom hi bbażata l-infermerija ġenerali, inkluż fehma suffiċjenti ta' l-istruttura, il-funzjonijiet fiżjoloġiċi u l-imġieba ta' persuni b'saħħithom u morda, u tar-relazzjoni bejn l-istat tas-saħħa u l-ambjent fiżiku u soċjali tal-bniedem;

(b) għarfien suffiċjenti dwar in-natura u l-etika tal-professjoni u tal-prinċipji ġenerali tas-saħħa u s-sengħa tal-kura;

(ċ) esperjenza klinika adegwata; din l-esperjenza, li għandha tingħażel għall-valur ta' taħriġ tagħha, għandha tkun miksuba taħt is-sorveljanza ta' persunal ta' infermiera kwalifikat u f'postijiet fejn in-numru ta' persunal kwalifikat u t-tagħmir huma approprjati għall-kura tal-pazjenti mill-infermiera;

(d) l-abiltà li wieħed jipparteċipa fit-taħriġ prattiku ta' persunal tas-saħħa u l-esperjenza li taħdem ma' dan il-persunal;

(e) l-esperjenza li wieħed jaħdem ma' membri ta' professjonijiet oħrajn fis-settur tas-saħħa.

*Artikolu 32*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet professjonali ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali huma l-attivitajiet eżerċitati fuq bażi professjonali u msemmija fl-Anness V, punt 5.2.2.

*Artikolu 33*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali**

1. Fejn ir-regoli ġenerali tad-drittijiet miksuba japplikaw għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 23 kellhom jinkludu responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-kura mogħtija lill-pazjent mill-infermiera.

2. Rigward il-kwalifika Pollakka ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, id-disposizzjonijiet tad-drittijiet miksuba li ġejjin biss għandhom japplikaw, madankollu soġġett għall-paragrafu 3. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li l-prova ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali kienet mogħtija mill-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, jew it-taħriġ tagħhom beda fil-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004 u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu li l-provi li ġejjin ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali huma prova suffiċjenti jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali fil-Polonja għall-perijodu speċifikat hawn taħt:

(a) provi ta' kwalifiki formali bħala infermiera f'livell ta' lawrja (dyplom licencjata pielęgniarstwa) – mhux inqas minn tlett snin konsekuttivi matul il-ħames snin preċedenti għad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,

(b) provi ta' kwalifiki formali bħala infermiera li jiċċertifikaw it-temma ta' edukazzjoni post-sekondarja miksuba minn skola medika vokazzjonali (dyplom pielęgniarki albo pielęgniarki dyplomowanej) – mhux inqas minn ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin preċedenti għad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

L-attivitajiet imsemmija għandhom ikunu nkludew it-teħid ta' responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-kura mill-infermiera mogħtija lill-pazjent.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-provi ta' kwalifiki formali fil-kura mill-infermiera mogħtija fil-Polonja, lil infermiera li temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, imma li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31, attestati minn diploma ta' "bachelor" li nkisbet abbażi ta' programm ta' upgrading speċjali skond l-Artikolu 11 ta' l-Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-emenda għall-Att dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħra (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru. 92, pos. 885), u fir-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati għal taħriġ għal infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali – matura) u huma gradwati minn liċei mediċi u ta' skejjel mediċi vokazzjonali li jipprovdu tagħlim fil- professjonijiet ta' infermier u qabla (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-13 ta' Mejju 2004 Nru. 110, pos. 1170), bl-għan li jkun verifikat li l-persuna konċernata għandha livell ta' għarfien u ta' kompetenza li huma komparabbli ma' dak ta' infermiera li għandhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma stabbiliti fl-Anness V, punt 5.2.2.

*SEZZJONI 4*

## Tobba dentisti

*Artikolu 34*

### Taħriġ bażiku fid-dentistrija

1. L-ammissjoni għat-taħriġ bażiku fid-dentistrija jippresupponi l-pussess ta' diploma jew ta' ċertifikat li jagħtu aċċess, għall-istudji in kwistjoni, għal universitajiet jew istituti superjuri ta' livell rikonoxxut bħala ekwivalenti, fi Stat Membru.

2. It-taħriġ bażiku fid-dentistrija għandu jinkludi total ta' mhux inqas minn ħames snin ta' studju teoretiku u prattiku *full-time*, li jinkludi mill-inqas il-programm deskritt fl-Anness V, punt 5.3.1 u mogħti f'università, f'istitut superjuri li jipprovdi taħriġ li huwa rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti jew taħt is-sorveljanza ta' università.

Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.3.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Tali aġġornamenti m'għandhomx jirrikjedu, għal kwalunkwe Stat Membru, xi emenda tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu relatati mas-sistema ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet ta' aċċess minn persuni naturali.

3. Taħriġ bażiku fid-dentistrija għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tax-xjenzi li fuqhom hi bbażata d-dentistrija u fehma tajba tal-metodi xjentifiċi, inklużi l-prinċipji tal-kejl tal-funzjonijiet bijoloġiċi, l-istima ta' fatti stabbiliti xjentifikament u l-analiżi ta' *data*;

(b) għarfien xieraq tal-kostituzzjoni, il-fiżjoloġija u l-imġieba ta' persuni b'saħħithom u morda kif ukoll l-influwenza ta' l-ambjent naturali u soċjali fuq l-istat tas-saħħa tal-bniedem, sa fejn dawn il-fatturi jolqtu id-dentistrija;

(ċ) għarfien adegwat ta' l-istruttura u l-funzjoni tas-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati, kemm b'saħħithom kif ukoll morda, u r-relazzjoni tagħhom ma' l-istat ġenerali tas-saħħa u l-benesseri fiżiku u soċjali tal-pazjent;

(d) għarfien adegwat tad-dixxiplini u l-metodi kliniċi, li jipprovdu d-dentist bi stampa kōrenti ta' anomaliji, leżjonijiet u mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati u tad-dentistrija preventiva, dijanjostika u terapewtika;

(e) esperjenza klinika xierqa taħt superviżjoni xierqa.

Dan it-taħriġ għandu jipprovdih bil-ħiliet neċessarji għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet kollha li jinvolvu l-prevenzjoni, id-dijanjosi u t-trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati.

*Artikolu 35*

### Taħriġ speċjalizzat fid-dentistrija

1. L-ammissjoni għat-taħriġ speċjalizzat fid-dentistrija għandu jinvolvi t-tmiem u l-validazzjoni ta' ħames snin ta' struzzjoni teoretika u prattika fil-qafas tat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 34, jew il-pussess tad-dokumenti msemmija fl-Artikoli 23 u 37.

2. Taħriġ speċjalizzat fid-dentistrija għandu jinvolvi struzzjoni teoretika u prattika f'ċentru ta' università, f'ċentru ta' tagħlim u riċerka dwar it-trattament jew, fejn xieraq, fi stabbiliment tas-saħħa approvat għal dak l-iskop mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti.

It-taħriġ *full-time* speċjalizzat fid-dentistrija għandu jkun għal minimu ta' tlett snin sorveljat mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. Għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni personali tat-tabib dentist li qed jitħarreġ sabiex ikun speċjalista fl-attività u fir-responsabbilitajiet ta' l-istabbiliment konċernat.

Il-perijodu minimu ta' taħriġ imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-prova ta' taħriġ speċjalizzat fid-dentistrija tiddependi mill-pussess ta' provi ta' taħriġ bażiku fid-dentistrija msemmi fl-Anness V, punt 5.3.2.

*Artikolu 36*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala tobba dentisti**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet professjonali bħala tobba dentisti huma l-attivitajiet definiti fil-paragrafu 3 u eżerċitati taħt il-kwalifiki professjonali elenkati fl-Anness V, punt 5.3.2.

2. Il-professjoni ta' tabib dentist għandha tkun ibbażata fuq taħriġ fid-dentistrija msemmi fl-Artikolu 34 u għandu jikkostitwixxi professjoni speċifika li hija distinta minn professjonijiet oħrajn mediċi ġenerali jew speċjalizzati. L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala tabib dentist jirrikjedi l-pussess tal-kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.3.2. It-titulari ta' tali provi ta' kwalifiki formali għandhom ikunu trattati bl-istess mod bħal dawk li għalihom japplikaw l-Artikoli 23 jew 37.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li tobba dentisti huma kapaċi ġeneralment li jiksbu aċċess u jwettqu attivitajiet ta' prevenzjoni, dijanjosi u trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati, b'kont dovut tad-disposizzjonijiet regolamentari u r-regoli ta' l-etika professjonali dwar id-dati ta' referenza msemmija fl-Anness V, punt 5.3.2.

*Artikolu 37*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għat-tobba dentisti**

1. Kull Stat Membru għandu, għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala tobba dentisti taħt il-kwalifiki elenkati fl-Anness V, punt 5.3.2, jirrikonoxxi l-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib maħruġa mill-Italja, Spanja, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja lil persuni li bdew it-taħriġ mediku tagħhom fid-data jew qabel id-data ta' referenza msemmija f'dak l-Anness għall-Istati Membri konċernati, li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Iċ-ċertifikat għandu juri li ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) li l-persuni in kwistjoni kienu jeżerċitaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 36 effettivament, legalment u prinċipalment f'dak l-Istat Membru għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat,

(b) li dawk il-persuni huma awtorizzati li jeżerċitaw l-attivitajiet imsemmija taħt l-istess kondizzjonijiet bħala titolari ta' provi ta' kwalifiki formali elenkati għal dak l-Istat Membru fl-Anness V, punt 5.3.2.

Persuni li temmew b'suċċess mhux inqas minn tlett snin ta' studju, iċċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru konċernat bħala li hu ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 34, għandhom ikunu eżenti mit-tlett snin ta' esperjenza taħt forma ta' xogħol prattiku msemmi fit-tieni subparagrafu, punt a).

Rigward ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja, provi ta' kwalifiki formali miksuba f'dik li qabel kienet iċ-Cekoslovakkja għandhom jingħataw l-istess livell ta' rikonoxximent bħala provi Ċeki u Slovakki ta' kwalifiki formali u taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi preċedenti.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib maħruġa fl-Italja lil persuni li bdew it-taħriġ mediku universitarju tagħhom wara t-28 ta' Jannar 1980 u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1984, akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani.

Iċ-ċertifikat għandu juri li t-tlett kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) li l-persuni in kwistjoni għaddew mit-test rilevanti ta' kapaċità miżmum mill-awtoritajiet kompetenti Taljani intiż sabiex jiġi stabbilit li dawk il-persuni jipposjedu livell ta' għarfien u ta' ħiliet li huwa komparabbli għal dak ta' persuni li jippossjedu provi ta' kwalifiki formali elenkati għall-Italja fl-Anness V, punt 5.3.2,

(b) kienu jeżerċitaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 36 effettivament, legalment u prinċipalment fl-Italja għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat,

(ċ) li dawk il-persuni huma awtorizzati li jeżerċitaw jew li effettivament, legalment u prinċipalment jeżerċitaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 36, taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-titolari ta' provi ta' kwalifiki formali elenkati għall-Italja fl-Anness V, punt 5.3.2.

Persuni li temmew b'suċċess mhux inqas minn tlett snin ta' studju ċċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti bħala ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 34 għandhom ikunu eżenti mit-test ta' kapaċità msemmi fit-tieni subparagrafu, punt (a).

Persuni li bdew it-taħriġ mediku universitarju tagħhom wara l-31 ta' Diċembru 1984, għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħal dawk imsemmija hawn qabel, kemm-il darba t-tlett snin ta' studju msemmija hawn qabel bdew qabel il-31 ta' Diċembru 1994.

*SEZZJONI 5*

Kirurgi veterinarji

*Artikolu 38*

**It-taħriġ tal-kirurgi veterinarji**

1. It-taħriġ tal-kirurgi veterinarji għandu jkun magħmul minn total ta' mhux inqas minn ħames snin ta' studju teoretiku u prattiku *full-time* f'università jew f'istitut superjuri li jipprovdi taħriġ rikonoxxut bħala li huwa ta' livell ekwivalenti, jew taħt is-superviżjoni ta' università, li jkopri mill-inqas il-programm ta' studju msemmi fl-Anness V, punt 5.4.1.

Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.4.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jirrikjedu, għal kwalunkwe Stat Membru, emenda tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu relatati ma' -l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

2. L-ammissjoni għat-taħriġ veterinarju għandu jkun jiddependi fuq il-pussess ta' diploma jew ċertifikat li jintitola t-titulari sabiex jidħol għall-istudji in kwistjoni, f'universitajiet jew istituti ta' edukazzjoni superjuri rikonoxxuti minn Stat Membru bħala li huma ta' livell ekwivalenti għall-finijiet ta' l-istudju rilevanti.

3. It-taħriġ ta' kirurgu veterinarju għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna in kwistjoni tkun kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tax-xjenzi li fuqhom huma bbażati l-attivitajiet tal-kirurgu veterinarju;

(b) għarfien adegwat ta' l-istruttura u l-funzjonijiet ta' annimali b'saħħithom, tat-trobbija, tar-riproduzzjoni u l-iġjene in ġenerali tagħhom, kif ukoll ta' l-għalf tagħhom, inkluża t-teknoloġija involuta fil-fabbrikazzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ikel li jikkorrispondu għall-bżonnijiet tagħhom;

(ċ) għarfien adegwat ta' l-imġieba u l-protezzjoni ta' l-annimali;

(d) għarfien adegwat tal-kawżi, natura, żvilupp, effetti, dijanjosi u trattament tal-mard ta' l-annimali, kemm jekk kunsidrati individwalment kif ukoll fi gruppi, inkluż għarfien speċjali tal-mard li jista' jiġi trasmess lill-bnedmin;

(e) għarfien adegwat tal-mediċina preventiva;

(f) għarfien adegwat ta' l-iġjene u t-teknoloġija involuti fil-produzzjoni, fabbrikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' l-ikel ta' l-annimali jew l-ikel li joriġina mill-annimali maħsuba għall-konsum uman;

(g) għarfien adegwat tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mas-suġġetti elenkati hawn qabel;

(h) esperjenza klinika u esperjenza prattika oħra adegwati taħt sorveljanza approprjata.

*Artikolu 39*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-kirurgi veterinarji**

Bla ħsara għall-Artikolu 23(4), rigward iċ-ċittadini ta' Stati Membri li l-provi ta' kwalifiki formali tagħhom bħala kirurgi veterinarji kienu maħruġa, mill-Estonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, jew li t-taħriġ tagħhom beda fl-Estonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu tali provi ta' kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li tali persuni kienu jeżerċitaw l-attivitajiet in kwistjoni effettivament u legalment fl-Estonja għal mhux inqas minn ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.

*SEZZJONI 6*

Qwiebel

*Artikolu 40*

**It-taħriġ ta' qwiebel**

1. It-taħriġ tal-qwiebel għandu jkun magħmul minn total ta' mhux inqas minn:

(a) taħriġ *full-time* speċifiku bħala qabla li jkun magħmul mhux inqas minn minn tliet snin ta' studju teoretiku u prattiku (rotta I) li jinkludi mill-inqas il-programm deskritt fl-Anness V, punt 5.5.1,

jew

(b) taħriġ *full-time* speċifiku bħala qabla għal perijodu ta' tmintax-il xahar (rotta II), li jkun magħmul mill-programm ta' studju deskritt fl-Anness V, punt 5.5.1, li ma kienx is-soġġett ta' taħriġ ekwivalenti għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li istituzzjonijiet li jipprovdu taħriġ għall-qwiebel huma responsabbli sabiex jikkordinaw it-teorija u l-prattika matul il-programm ta' studju.

Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.5.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) sabiex jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jinvolvu, għal xi Stat Membru, emenda tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu rigward l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

2. L-aċċess għat-taħriġ fil-professjoni tal-qabla għandu jkun jiddependi fuq xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(a) tmiem ta' mhux inqas minn l-ewwel għaxar snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola għar-rotta I, jew

(b) pussess ta' provi ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali msemmija fl-Anness V, punt 5.2.2 għar-rotta II.

3. It-taħriġ bħala qabla għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tax-xjenzi li fuqhom huma bbażati l-attivitajiet tal-qwiebel, b'mod partikolari l-ostetrija u l-ġinekoloġija;

(b) għarfien adegwat ta' l-etika tal-professjoni u tal-leġislazzjoni professjonali;

(ċ) għarfien dettaljat tal-funzjonijiet bijoloġiċi, l-anatomija u l-fiżjoloġija fil-qasam ta' l-ostetrija u tat-trabi tat-twelid, kif ukoll għarfien tar-relazzjoni bejn l-istat tas-saħħa u l-ambjent fiżiku u soċjali tal-bniedem, u ta' l-imġieba tiegħu;

(d) esperjenza klinika adegwata f'istituzzjonijiet approvati taħt is-sorveljanza ta' persunal kwalifikat fil-professjoni tal-qwiebel u fl-ostetrija;

(e) fehma adegwata tat-taħriġ tal-persunal tas-saħħa u esperjenza ta' xogħol ma' dan il-persunal.

*Artikolu 41*

**Proċeduri għar-rikonoxximent ta' provi ta' kwalifiki formali bħala qabla**

1. Il-provi ta' kwalifiki formali bħala qabla msemmija fl-Anness V, punt 5.5.2 għandhom ikunu soġġetti għal rikonoxximent awtomatiku skond l-Artikolu 21 safejn dawn jissodisfaw waħda mill-kriterji li ġejjin:

(a) Taħriġ *full-time* ta' mhux inqas minn tlett snin bħala qabla:

(i) jew li jkun jiddependi mill-pussess ta' diploma, ċertifikat jew provi oħra ta' kwalifiki formali li jagħtu aċċess għal universitajiet jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri, inkella li jiggarantixxu livell ekwivalenti ta' għarfien; jew

(ii) segwit minn esperjenza ta' sentejn ta' prattika professjonali li għalih ġie maħruġ ċertifikat skond il-paragrafu 2.

(b) Taħriġ *full-time* bħala qabla ta' mhux inqas minn sentejn jew ta' 3 600 siegħa, li jkun jiddependi mill-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali msemmija fl-Anness V, punt 5.2.2.

(ċ) Taħriġ *full-time* bħala qabla ta' mhux inqas minn 18-il xahar jew 3 000 siegħa li jkun jiddependi mill-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali msemmija fl-Anness V, punt 5.2.2 u segwit minn sena ta' prattika professjonali li għalih ġie maħruġ ċertifikat skond il-paragrafu 2.

2. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini. Għandu jiċċertifika illi t-titolari, wara li kiseb il-provi ta' kwalifiki formali ta' qabla, eżerċita b'mod sodisfaċenti l-attivitajiet kollha ta' qabla għal perijodu korrispondenti fi sptar jew stabbiliment ieħor tas-saħħa approvat għal dak l-iskop.

*Artikolu 42*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala qabla**

1. Id-disposizzjonijiet ta' din is-sezzjoni għandhom japplikaw għall-attivitajiet ta' qwiebel kif imfissra f'kull Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, u eżerċitati taħt it-titoli professjonali stabbiliti fl-Anness V, punt 5.5.2.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-qwiebel jista' jkollhom aċċess għal u jeżerċitaw mill-inqas l-attivitajiet li ġejjin:

(a) li jipprovdu informazzjoni u pariri sodi dwar l-ippjanar tal-familja;

(b) li jagħmlu dijanjosi tat-tqala u jikkontrollaw it-tqala normali; li jwettqu l-eżamijiet neċessarji għall-kontroll ta' l-iżvilupp tat-tqala normali;

(ċ) li jippreskrivu jew jagħtu pariri dwar l-eżamijiet neċessarji għad-dijanjosi l-iktar kmieni possibbli ta' tqala riskjuża;

(d) li jipprovdu programm ta' preparazzjoni għall-ġenituri u preparazzjoni kompleta għall-ħlas inklużi pariri dwar l-iġjene u n-nutrizzjoni;

(e) li jieħdu ħsieb u jassistu lill-omm waqt il-ħlas u li jagħmlu monitoraġġ tal-kondizzjoni tal-fetu fl-utru bil-mezzi kliniċi u tekniċi approprjati;

(f) li jamministraw ħlas spontanju inkluż meta meħtieġ episjotomiji u f'każijiet urġenti twelid maqlub tat-tarbija;

(g) li jagħrfu s-sinjali ta' twissija ta' anormalitajiet fl-omm jew fit-tarbija li jeħtieġu li jiġi informat tabib u li jassistu lil dan ta' l-aħħar meta xieraq; li jieħdu l-miżuri neċessarji ta' emerġenza fl-assenza ta' tabib, b'mod partikolari t-tneħħija bl-idejn tal-plaċenta, possibbilment segwita b'eżami manwali ta' l-utru;

(h) li jeżaminaw u jieħdu ħsieb it-tarbija tat-twelid; li jieħdu l-inizjattivi kollha meħtieġa li huma neċessarji f'każ ta' bżonn u li jwettqu meta neċessarju risuxxitazzjoni immedjata;

(i) li jieħdu ħsieb u jagħmlu monitoraġġ tal-progress ta' l-omm fil-perijodu wara l-ħlas u li jagħtu l-pariri kollha neċessarji lill-omm dwar il-kura tat-tarbija biex jgħinuha tassigura l-aħjar progress tat-tarbija tat-twelid;

(j) li jsegwu t-trattament preskritt mit-tobba;

(k) li jħejju r-rapporti bil-miktub neċessarji.

*Artikolu 43*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-qwiebel**

1. Kull Stat Membru għandu, fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li l-provi ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40 iżda li, bis-saħħa ta' l-Artikolu 41, mhumiex rikonoxxuti jekk ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat ta' prattika professjonali msemmi fl-Artikolu 41(2), jirrikonoxxi bħala prova sufficjenti dawk il-kwalifiki formali maħruġa minn dawk l-Istati Membri qabel id-data ta' referenza msemmija fl-Anness VI, punt 5.5.2, akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini eżerċitaw l-attivitajiet in kwistjoni effettivament u legalment għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.

2. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għaċ-ċittadini ta' Stati Membri li l-provi ta' kwalifiki formali bħala qabla jiċċertifika t-tmiem ta' taħriġ irċevut fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja u li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40 imma fejn il-provi ta' kwalifiki formali, bis-saħħa ta' l-Artikolu 41, mhumiex rikonoxxuti jekk ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat ta' esperjenza professjonali msemmi fl-Artikolu 41(2), fejn jagħtu prova ta' kors ta' taħriġ li beda qabel it-3 ta' Ottubru 1990.

3. Rigward il-provi Pollakki ta' kwalifiki formali, id-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet miksuba li ġejjin biss għandhom japplikaw.

Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li l-provi ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla kienet mogħtija mill-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, jew li t-taħriġ tagħhom beda fil-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-provi ta' kwalifiki formali li ġejjin bħala qabla jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li l-persuni konċernati eżerċitaw l-attivitajiet in kwistjoni effettivament u legalment għal perijodu speċifikat hawn taħt:

(a) provi ta' kwalifiki formali bħala qabla f'livell ta' lawrja (dyplom licencjata położnictwa): mhux inqas minn tlett snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,

(b) provi ta' kwalifiki formali bħala qabla li jiċċertifikaw it-tmiem ta' edukazzjoni post-sekondarja miksuba minn skola medika vokazzjonali (dyplom położnej): mhux inqas minn ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin ta' qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-provi ta' kwalifiki formali bħala qabla mogħtija fil-Polonja, lil infermiera li temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, imma ma jikkonformawx mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40, attestati b'diploma "bachelor" miksub abbażi ta' programm ta' aġġornament speċjali li jinsab fl-Artikolu 11 ta' l-Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-emendi għall-Att dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħra (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru. 92, pos. 885), u r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati għall-taħriġ lil infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali – matura) u huma gradwatti minn liċew mediku u skejjel mediċi vokazzjonali li jipprovdu tagħlim fil-professjoni ta' infermiera u qabla (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-13 ta' Mejju 2004 Nru. 110, pos. 1170), bl-għan li jkun verifikat li l-persuna konċernata għandha livell ta' għarfien u kompetenza komparabbli ma' dik tal-qwiebel li għandhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma stabbiliti fl-Anness V, punt 5.5.2.

*SEZZJONI 7*

Spiżjar

*Artikolu 44*

**Taħriġ bħala spiżjar**

1. L-ammissjoni għal kors ta' taħriġ bħala spiżjar għandu jkun jiddependi mill-pussess ta' diploma jew ċertifikat li jagħti aċċess, fi Stat Membru, għall-istudji in kwistjoni, għal universitajiet jew istituti superjuri ta' livell rikonoxxut bħala ekwivalenti.

2. Provi ta' kwalifiki formali bħala spiżjar għandhom jagħtu prova ta' għal taħriġ li jkopri perijod ta' mhux inqas minn ħames snin u li jkun jinkludi mhux inqas minn:

(a) erba' snin ta' taħriġ teoretiku u prattiku *full-time* f'università jew f'istituzzjoni ta' edukazzjoni superjuri ta' livell li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti, jew taħt is-sorveljanza ta' università;

(b) apprendistat ta' sitt xhur fi spiżerija miftuħa għall-pubbliku jew fi sptar taħt is-sorveljanza tad-dipartiment farmaċewtiku ta' dak l-isptar.

Dak iċ-ċiklu ta' taħriġ għandu jinkludi mill-inqas il-programm deskritt fl-Anness V, punt 5.6.1.

Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.6.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jinvolvu, għal xi Stat Membru, emendi tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu rigward l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

3. It-taħriġ għall-ispiżjara għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tal-mediċini u s-sustanzi użati fil-fabbrikazzjoni tal-mediċini;

(b) għarfien adegwat tat-teknoloġija farmaċewtika u l-ittestjar fiżiku, kimiku, bijoloġiku u mikrobijoloġiku ta' prodotti mediċinali;

(ċ) għarfien adegwat tal-metabolismu u l-effetti ta' prodotti mediċinali u ta' l-azzjoni ta' sustanzi tossiċi, u ta' l-użu ta' prodotti mediċinali;

(d) għarfien adegwat għall-istima ta' data xjentifika li tikkonċerna mediċini sabiex tkun tista' tiġi fornuta informazzjoni kif imiss fuq il-bażi ta' dan l-għarfien;

(e) għarfien adegwat tar-rekwiżiti legali u oħrajn assoċjati mal-prattika tal-farmaċija.

*Artikolu 45*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' spiżjar**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet ta' spiżjar huma dawk, li l-aċċess għalihom u l-eżerċizzju tagħhom jiddependi, f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar, mill-kwalifiki professjonali u li huma miftuħa għat-titolari ta' provi ta' kwalifiki formali tat-tipi elenkati fl-Anness V, punt 5.6.2.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-titolari ta' provi ta' kwalifiki formali fil-farmaċija f'livell universitarju jew f'livell ikkunsidrat bħala ekwivalenti, li jissodisfaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 44, jistgħu jgawdu aċċess għal u jwettqu mhux inqas minn l-attivitajiet li ġejjin, soġġett għar-rekwiżit, fejn xieraq, ta' esperjenza professjonali supplimentari:

(a) il-preparazzjoni tal-forma farmaċewtika ta' prodotti mediċinali;

(b) il-fabbrikazzjoni u l-ittestjar ta' prodotti mediċinali;

(ċ) l-ittestjar ta' prodotti mediċinali f'laboratorju għall-kontroll tal-prodotti mediċinali;

(d) il-ħażna, il-preservazzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa;

(e) il-preparazzjoni, l-ittestjar, il-ħażna u l-provvista ta' prodotti mediċinali fl-ispiżjeriji miftuħa għall-pubbliku;

(f) il-preparazzjoni, l-ittestjar, il-ħażna u t-tqassim ta' prodotti mediċinali fl-isptarijiet;

(g) l-għoti ta' informazzjoni u pariri dwar prodotti mediċinali.

3. Jekk Stat Membru jagħmel l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' waħda mill-attivitajiet ta' farmaċista jiddependi mill-esperjenza professjonali supplimentari, flimkien mal-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness VI, punt 5.6.2, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti f'dan ir-rigward ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini li jiddikjara li l-persuna konċernata eżerċitat dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru ta' l-oriġini għal perijodu simili.

4. Ir-rikonoxximent imsemmi fil-paragrafu 3 m'għandux japplika fir-rigward tal-perijodu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali rekwiżita fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-għoti ta' konċessjoni għal farmaċija pubblika ta' l-Istat.

5. Jekk, fis-16 ta' Settembru 1985, Stat Membru kellu eżami kompetittiv intiż sabiex jintgħażlu minn fost it-titolari msemmija fil-paragrafu 2, dawk li għandhom ikunu awtorizzati li jsiru sidien ta' farmaċiji ġodda li l-kreazzjoni tagħhom kienet deċiża bħala parti minn sistema nazzjonali ta' diviżjoni ġeografika, dak l-Istat Membru jista', b'deroga mill-paragrafu 1, jipproċedi b'dak l-eżami u jirrikjedi ċittadini ta' Stati Membri li għandhom provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.6.2 jew li jibbenefikaw mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, sabiex jipparteċipaw fih.

*SEZZJONI 8*

Perit

*Artikolu 46*

**Taħriġ ta’ periti**

1. It-taħriġ bħala perit għandu jkopri total ta’ mill-inqas erba’ snin ta’ studji *full-time* jew sitt snin ta’ studju, li minnhom tliet snin ikunu fuq bażi *full-time*, f’università jew istituzzjoni edukattiva paragunabbli. It-taħriġ għandu jwassal għat-tmiem b’suċċess ta’ eżami f’livell universitarju.

Dak it-taħriġ, li għandu jkun ta’ livell universitarju, u li tiegħu l-arkitettura hija l-komponent prinċipali, għandu jżomm bilanċ bejn l-aspetti teoretiċi u prattiċi ta’ taħriġ arkitetturali u jiggarantixxi il-kisba tal-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) kapaċità għall-ħolqien ta’ disinji arkitettoniċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti kemm ta’ l-estetika u kemm tat-teknika;

(b) għarfien adegwat ta’ l-istorja u t-teoriji ta’ l-arkitettura u l-arti konnessi magħhom, it-teknoloġiji u x-xjenzi umani;

(ċ) għarfien adegwat tal-belle arti bħala influwenza fuq il-kwalità tad-disinn arkitettoniku;

(d) għarfien adegwat dwar id-disinn urbanistiku, il-pjanifikazzjoni u l-ħiliet involuti fil-proċess ta’ l-ippjanar;

(e) fehma tar-relazzjoni bejn in-nies u l-bini, u bejn il-bini u l-ambjent tiegħu, u tal-ħtieġa li jiġu relatati il-bini u l-ispazji ta’ bejniethom mal-ħtiġijiet tal-bniedem u l-iskala;

(f) fehma tal-professjoni ta’ l-arkitettura u r-rwol tal-perit fis-soċjetà, partikolarment fit-tħejjija ta’ istruzzjonijiet li jqisu l-fatturi soċjali;

(g) fehma tal-metodi ta’ investigazzjoni u ta’ tħejjija ta’ istruzzjoni għal proġett ta’ disinn;

(h) fehma tad-disinn strutturali, il-problemi ta’ kostruzzjoni u ta’ inġinerija assoċjati mad-disinn tal-bini;

(i) għarfien adegwat tal-problemi fiżiċi u t-teknoloġiji u l-funzjoni tal-bini biex jipprovduhom bil-kondizzjonijiet interni komdi u ta’ protezzjoni kontra l-klima;

(j) il-ħiliet meħtieġa fid-disinn biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta’ l-utenti tal-bini fi ħdan ir-restrizzjonijiet imposti mill-fatturi ta’ l-ispiża u mir-regolamenti tal-bini;

(k) għarfien adegwat ta’ l-industriji, l-organizzazzjonijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri involuti fit-trasformazzjoni ta’ kunċetti tad-disinn f’bini u fl-integrazzjoni tal-pjanti fl-ippjanar ġenerali.

2. L-għarfien u l-ħiliet elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m’għandhomx jinvolvu, għal kwalunkwe Stat Membru, emendi tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu rigward l-istruttura ta’ professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

*Artikolu 47*

**Derogi mill-kondizzjonijiet għat-taħriġ tal-periti**

1. B’deroga mill-Artikolu 46, dan li ġej għandu wkoll ikun rikonoxxut bħala li jissodisfa l-Artikolu 21: taħriġ li jeżisti mill-5 ta’ Awissu 1985, mogħti mill- “Fachhochschulen” mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fuq perijodu ta’ tliet snin, li tissodisfa r-rekwiżiti imsemmija fl-Artikolu 46 u li jagħti aċċess għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48 f’dak l-Istat Membru taħt it-titolu professjonali ta’ “perit”, safejn it-taħriġ kien segwit minn perijodu ta’ erba’ snin ta’ esperjenza professjonali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif attestat permezz ta’ ċertifikat maħruġ mill-assoċjazzjoni professjonali li fir-reġistru tagħha jidher isem il-perit li jixtieq jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta’ din id-Direttiva.

L-assoċjazzjoni professjonali għandha tassigura li x-xogħol imwettaq mill-perit konċernat fil-qasam ta’ l-arkitettura jirrappreżenta applikazzjoni konvinċenti tal-firxa wiesa’ ta’ għarfien u ħiliet elenkati fl-Artikolu 46(1). Dak iċ-ċertifikat għandu jingħata skond l-istess proċedura li tapplika għar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta’ l-assoċjazzjoni professjonali.

2. B’deroga mill-Artikolu 46, dan li ġej għandu wkoll ikun rikonoxxut bħala li jissodisfa l-Artikolu 21: taħriġ bħala parti minn skemi ta’ titjib soċjali jew korsijiet *part-time* f’università, li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 46, kif attestat minn eżami fl-arkitettura magħmul b’suċċess minn persuna li tkun ilha impjegata fil-qasam ta’ l-arkitettura għal seba’ snin jew iktar taħt is-sorveljanza ta’ perit jew ta’ uffiċċju ta’ periti. Dan l-eżami għandu jkun tal-livell universitarju u għandu jkun ekwivalenti għall-eżami finali msemmi fl-ewwel subparagrafu ta’ l-Artikolu 46(1).

*Artikolu 48*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' periti**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet professjonali ta' perit huma l-attivitajiet li huma eżerċitati b'mod regolari taħt it-titolu professjonali ta' "perit".

2. Ċittadini ta' Stat Membru li huma awtorizzati li jużaw dak it-titolu skond il-liġi li tagħti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-possibbiltà li tikkonferixxi dak it-titolu fuq ċittadini ta' l-Istati Membri li jkunu iddistingwew ruħhom partikolarment bil-kwalità ta' xogħolhom fil-qasam ta' l-arkitettura għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jkunu laħqu r-rekwiżiti preskritti għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' perit, bit-titolu professjonali ta' "perit". In-natura arkitettonika ta' l-attivitajiet talpersuni konċernati għandha tkun attestata minn ċertifikat mogħti mill-Istat Membru ta' l-oriġini.

*Artikolu 49*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-periti**

1. Kull Stat Membru għandu jaċċetta provi ta' kwalifiki formali bħala perit elenkati fl-Anness VI, punt 6.2, mogħtija mill-Istati Membri l-oħra, u li jagħtu prova ta' għal kors ta' taħriġ li beda mhux aktar tard mis-sena akkademika ta' referenza msemmija f' dak l-Anness, anke jekk dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 46, u għandhom, għall-finijiet ta' l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' perit, jagħtu l-istess effett lil tali provi fit-territorju tiegħu bħal provi ta' kwalifiki formali ta' perit li huwa stess joħroġ.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li juruli provi ta' kwalifiki formali maħruġa fit-8 ta' Mejju 1945 jew wara mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika Ġermaniża huma ekwivalenti għal provi bħal dawk elenkati f'dak l-Anness, għandhom ikunu rikonoxxuti.

2. Bla preġudizzju għall-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi il-provi ta' kwalifiki formali li ġejjin u għandu, għall-finijiet ta' l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' perit eżerċitati, jagħtihom l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħal provi ta' kwalifiki formali li huwa stess joħroġ: ċertifikati maħruġa lil ċittadini ta' Stati Membri mill-Istati Membri li ippromulgaw regoli li jirregolaw l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' perit mid-dati li ġejjin:

(a) l-1 ta' Jannar 1995 għall-Awstrija, Finlandja u Svezja,

(b) l-1 ta' Mejju 2004 għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, l-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja,

(ċ) il-5 ta' Awissu 1987 għall-Istati Membri l-oħra.

Iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiċċertifikaw li t-titolari kien awtorizzat, mhux aktar tard mid-data rispettiva, li juża t-titolu professjonali ta' perit, u li effettivament eżerċita l-attivitajiet in kwistjoni, fil-kuntest ta' dawk ir-regoli, għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.

KAPITOLU IV

**DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI DWAR ID-DRITT TA' STABBILIMENT**

*Artikolu 50*

**Dokumentazzjoni u formalitajiet**

1. Fejn l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ospitanti jiddeċiedu dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' eżerċizzju tal-professjoni regolata in kwistjoni bis-saħħa ta' dan it-Titolu, dawk l-awtoritajiet jistgħu jitolbu d-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati fl-Anness VII.

Id-dokumenti msemmija fl-Anness VII, punt 1 (e), e) u (f), m'għandhomx ikunu ta' aktar minn tliet xhur sad-data li fiha jiġu ppreżentati.

L-Istati Membri, korpi u persuni legali oħra għandhom jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li jirċievu.

2. Fil-każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jirrikjedi konferma mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' l-awtentiċità ta' l-attestazzjoni u tal-provi ta' kwalifiki formali mogħtija f'dak l-Istat Membru l-ieħor, kif ukoll, fejn japplika, konferma tal-fatt li l-benefiċjarju jissodisfa, għall-professjonijiet li jirreferi għalihom il-Kapitolu III ta' dan it-Titolu, r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 44 u 46.

3. F'każijiet ta' dubju ġustifikat, fejn il-provi ta' kwalifiki formali, kif definiti fl-Artikolu 3(1)(ċ), inħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru u jinkludu t-taħriġ irċevut kompletament jew parzjalment fi stabbiliment li huwa legalment stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ospitanti għandu d-dritt li jivverifika mal-korp kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ:

(a) jekk il-kors ta' taħriġ fl-istabbiliment li eżegwixxa t-taħriġ kienx ċertifikat formalment mill-istabbiliment tat-tagħlim ibbażat fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ;

(b) jekk il-provi ta' kwalifiki formali maħruġa humiex l-istess bħal dawk li kienu jingħataw kieku l-kors kien segwit kollu fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ; u

(ċ) jekk il-provi ta' kwalifiki formali jagħtux l-istess drittijiet professjonali fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ.

4. Fejn Stat Membru ospitanti jirrikjedi ċ-ċittadini tiegħu li jieħdu ġurament jew li jagħmlu dikjarazzjoni b'ġurament sabiex igawdu minn aċċess għal professjoni regolata, u fejn il-forma ta' dan il-ġurament jew din id-dikjarazzjoni ma tistax tintuża minn ċittadini ta' Stati Membri, l-Istat Membru ospitanti għandu jassigura li l-persuni konċernati jistgħu jużaw forma ta' kliem ekwivalenti u xierqa.

*Artikolu 51*

**Proċedura għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-applikant li tkun irċeviet l-applikazzjoni fi żmien xahar mir-riċevuta u għandha tinforma lill-applikant b'xi dokument li jista' jkun nieqes.

2. Il-proċedura sabiex tiġi eżaminata applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' eżerċizzju ta' professjoni regolata għandha tiġi kompletata mill-aktar fis possibbli u twassal għal deċiżjoni sostanzjata kif dovuta mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti f'kull każ fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha d-dossier sħiħ ta' l-applikant kien ippreżentat. Madanakollu, dan it-terminu jista' jiġi estiż b'xahar f'każijiet li jaqgħu taħt il-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu.

3. Id-deċiżjoni, jew in-nuqqas li tittieħed deċiżjoni fit-terminu, għandha tkun soġġetta għal appell taħt id-dritt nazzjonali.

*Artikolu 52*

**L-użu ta' titoli professjonali**

1. Jekk, fi Stat Membru ospitanti, l-użu ta' titolu professjonali rigward waħda mill-attivitajiet tal-professjoni in kwistjoni hija regolata, ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra li huma awtorizzati li jipprattikaw professjoni regolata abbażi tat-Titolu III għandhom jużaw it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti, li jikkorrispondi għal dik il-professjoni f'dak l-Istat Membru, u għandhom jagħmlu użu mill-inizjali relatati.

2. Fejn il-professjoni hija regolata mill-Istat Membru ospitanti minn assoċjazzjoni jew organizzazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2), ċittadini ta' Stati Membri m'għandhomx ikunu awtorizzati li jużaw it-titolu professjonali maħruġ minn dik l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni, jew il-forma mqassra tiegħu, sakemm ma jfornux prova li huma membri ta' dik l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni.

Jekk l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni tagħmel is-sħubija tiddependi minn ċerti kwalifiki, tista' tagħmel dan, biss taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra li għandhom kwalifiki professjonali.

TITOLU IV

**REGOLI DETTALJATI GĦALL-EŻERĊIZZJU TAL-PROFESSJONI**

*Artikolu 53*

**Għarfien tal-lingwi**

Persuni li jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għandu jkollhom għarfien tal-lingwi meħtieġa għall-prattika tal-professjoni fl-Istat Membru ospitanti.

*Artikolu 54*

**L-użu ta' titoli akkademiċi**

Bla preġudizzju għall-Artikoli 7 u 52, l-Istat Membru ospitanti għandu jassigura li l-persuni konċernati jingħataw id-dritt sabiex jużaw titoli akkademiċi mogħtija lilhom fl-Istat Membru ta' l-oriġini, u possibilment il-forma mqassra tagħhom, fil-lingwa ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini. L-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li t-titolu ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jkun segwit mill-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment jew tal-bord ta' l-eżami li jkun tah. Fejn titolu akkademiku ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini x'aktarx jiġi konfuż fl-Istat Membru ospitanti ma' titolu li, fl-Istat Membru ta' l-aħħar, jirrikjedi taħriġ supplimentari mhux miksub mill-benefiċjarju, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li l-benefiċjarju juża t-titolu akkademiku ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini f'forma xierqa, li għandha tkun stabbilita mill-Istat Membru ospitanti.

*Artikolu 55*

**Approvazzjoni ta' fondi ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa**

Bla preġudizzju għall-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, punt b), Stati Membri li jirrikjedu li persuni li kisbu kwalifiki professjonali fit-territorju tagħhom jikkompletaw perijodu preparatorju ta' taħriġ *in-service* u/jew perijodu ta' esperjenza professjonali sabiex ikunu approvati minn fond ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa, għandhom jirrinunzjaw għal dan l-obbligu għat-titolari ta' provi ta' kwalifiki professjonali ta' tabib ġenerali jew tabib dentist miksuba fi Stati Membri oħra.

TITOLU V

**KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA U RESPONSABBILTÀ GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI**

*Artikolu 56*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti u l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom jaħdmu f'kollaborazzjoni stretta u għandhom jipprovdu għajnuna reċiproka sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jassiguraw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li jiskambjaw.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini u ospitanti għandhom jiskambjaw informazzjoni rigward azzjoni dixxiplinarja jew sanzjonijiet kriminali meħuda jew kull ċirkostanza speċifika serja oħra li jista' jkollhom konsegwenzi għall-eżerċizzju ta' attivitajiet taħt din id-Direttiva, filwaqt li tkun rispettata l-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali provduta fid-Direttivi 95/46/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' tali data ([1]) u Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([2]).

L-Istat Membru ta' l-oriġini għandu jeżamina l-veraċità taċ-ċirkostanzi u l-awtoritajiet tiegħu għandhom jiddeċiedu dwar in-natura u l-firxa ta' l-investigazzjonijiet li għandhom isiru u għandu jinforma lill-Istat Membru ospitanti bil-konklużjonijiet li jasal għalihom mill-informazzjoni disponibbli lilu.

3. Kull Stat Membru għandu, mhux aktar tard minn … (*), jagħżel l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti li jagħtu jew jirċievu provi ta' kwalifiki formali u dokumenti jew informazzjoni oħra, u dawk li huma kompetenti li jirċievu applikazzjonijiet u jieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva, u għandu jinfurma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan immedjatament.

4. Kull Stat Membru għandu jagħżel koordinatur għall-attivitajiet ta' l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.

Il-kompiti tal-koordinaturi għandhom ikunu:

(a) li jippromwovu l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva;

(b) li jiġbru l-informazzjoni kollha li hija relevanti għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, per eżempju l-kondizzjonijiet għal aċċess għal professjonijiet regolati fl-Istati Membri.

Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti deskritti fil-punt (b), il-koordinaturi jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 57.

*Artikolu 57*

**Punti ta' kuntatt**

Kull Stat Membru għandu jagħżel, mhux aktar tard minn … (*), punt ta' kuntatt li l-kompitu tiegħu jkun:

(a) li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-punti ta' kuntatt ta' l-Istati Membri l-oħra b'informazzjoni li hija meħtieġa li tikkonċerna r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali li tipprovdi għalihom din id-Direttiva, per eżempju informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali li tirregola l-professjonijiet u l-eżerċizzju ta' dawk il-professjonijiet, inkluża l-leġislazzjoni soċjali, u, fejn huwa xieraq, ir-regoli ta' l-etika;

(b) li jgħin liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilhom minn din id-Direttiva, in koperazzjoni, fejn jixraq, mal-punti l-oħra ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti.

Fuq talba tal-Kummissjoni, il-punti ta' kuntatt għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultat ta' mistoqsijiet li huma jkunu qed jaħdmu fuqhom skond id-disposizzjonijiet tal-punt ( (b) fi żmien xahrejn minn meta jirċievu dawk il-mistoqsijiet.

*Artikolu 58*

**Kumitat għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003.
([2]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
(*) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħta' din id-Direttiva.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, kont debitament tenut tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' dik id-Deċiżjoni.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahrejn.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regolamenti ta' proċedura tiegħu.

TITOLU VI

## DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

*Artikolu 59*

### Rapporti

1. Minn … (*), kull sentejn l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-sistema. Barra mill-osservazzjonijiet ġenerali, ir-rapport għandu jkun fih sommarju statistiku ta' deċiżjonijiet meħuda u deskrizzjoni tal-problemi prinċipali li joħorġu mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Minn … (*), kull ħames snin il-Kummissjoni għanda tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 60*

### Klawsola ta' deroga

Jekk, fl-applikazzjoni ta' waħda mid-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istat Membru jiltaqa' ma diffikultajiet kbar f'qasam partikolari, il-Kummissjoni għandha teżamina dawk id-diffikultajiet in kollaborazzjoni ma' l-Istat Membru konċernat.

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2), li tippermetti lill-Istat Membri in kwistjoni li jidderoga mid-disposizzjoni in kwistjoni għal perijodu limitat.

*Artikolu 61*

### Revoka

Id-Direttivi 77/452/KEE, 77/453/KEE, 78/686/KEE, 78/687/KEE, 78/1026/KEE, 78/1027/KEE, 80/154/KEE, 80/155/KEE, 85/384/KEE, 85/432/KEE, 85/433/KEE, 89/48/KEE, 92/51/KEE, 93/16/KEE u 1999/42/KE huma revokati b'effett minn …. (*) Referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u l-atti adottati abbażi ta' dawk id-Direttivi m'għandhomx jintlaqtu mir-revoka.

*Artikolu 62*

### Trasposizzjoni

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … (*) l-aktar tard. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan b'mod immedjat.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 63*

### Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 64*

### Indirizzi

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħta' din id-Direttiva.

*ANNESS I*

## Lista ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2)

IRLANDA ([1])

1. Institute of Chartered Accountants in Ireland ([2])
2. Institute of Certified Public Accountants in Ireland ([2])
3. Association of Certified Accountants ([2])
4. Institution of Engineers of Ireland
5. Irish Planning Institute

RENJU UNIT

1. Institute of Chartered Accountants in England and Wales
2. Institute of Chartered Accountants of Scotland
3. Institute of Chartered Accountants in Ireland
4. Chartered Association of Certified Accountants
5. Chartered Institute of Loss Adjusters
6. Chartered Institute of Management Accountants
7. Institute of Chartered Secretaries and Administrators
8. Chartered Insurance Institute
9. Institute of Actuaries
10. Faculty of Actuaries
11. Chartered Institute of Bankers
12. Institute of Bankers in Scotland
13. Royal Institution of Chartered Surveyors
14. Royal Town Planning Institute
15. Chartered Society of Physiotherapy
16. Royal Society of Chemistry
17. British Psychological Society
18. Library Association
19. Institute of Chartered Foresters
20. Chartered Institute of Building
21. Engineering Council
22. Institute of Energy
23. Institution of Structural Engineers
24. Institution of Civil Engineers
25. Institution of Mining Engineers
26. Institution of Mining and Metallurgy
27. Institution of Electrical Engineers

([1]) Ċittadini Irlandiżi huma membri wkoll ta' l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li ġejjin fir-Renju Unit:
Institute of Chartered Accountants in England and Wales,
Institute of Chartered Accountants of Scotland,
Institute of Actuaries,
Faculty of Actuaries,
The Chartered Institute of Management Accountants,
Institute of Chartered Secretaries and Administrators,
Royal Town Planning Institute,
Royal Institution of Chartered Surveyors,
Chartered Institute of Building.

([2]) Għall-attivita ta' verifika ta' kontijiet biss.

28. Institution of Gas Engineers
29. Institution of Mechanical Engineers
30. Institution of Chemical Engineers
31. Institution of Production Engineers
32. Institution of Marine Engineers
33. Royal Institution of Naval Architects
34. Royal Aeronautical Society
35. Institute of Metals
36. Chartered Institution of Building Services Engineers
37. Institute of Measurement and Control
38. British Computer Society

*ANNESS II*

## Lista ta' korsijiet li għandhom struttura speċjali msemmijin fil-punt (b) ta' l-Artikolu 11(4)

1. KORSIJIET TA' TAĦRIĠ PARAMEDIKU U DWAR IL-KURA TAT-TFAL

Taħriġ għal dawn li ġejjin:

*fil-Ġermanja:*

— infermier fil-pedjatrija ("Kinderkrankenschwester/Kinderkrankenpfleger"),

— fiżjoterapista ("Krankengymnast(in)/Physiotherapeut(in)") ([1]),

— occupational therapist/ergotherapist ("Beschäftigungs- und Arbeitstherapeut/Ergotherapeut"),

— speech therapist ("Logopäde/Logopädin"),

— orthoptist ("Orthoptist(in)"),

— ħaddiem fil-kura tat-tfal rikonoxxut mill-Istat ("Staatlich anerkannte(r) Erzieher(in)"),

— għalliem *remedial* rikonoxxut mill-Istat ("Staatlich anerkannte(r) Heilpädagoge(-in)"),

— tekniku ta' laboratorju mediku ("medizinisch-technische(r) Laboratoriums- Assistent(in)"),

— tekniku mediku ta' l-X-ray ("medizinisch-technische(r) Radiologie-Assistent(in)"),

— tekniku mediku fil-funzjoni dijanjostika ("medizinisch-technische(r) Assistent(in) für Funktionsdiagnostik"),

— tekniku kirurgu veterinarju ("veterinärmedizinisch-technische(r) Assistent(in)"),

— espert tan-nutrizzjoni ("Diätassistent(in)"),

— tekniku farmaċewtiku ("Pharmazieingenieur"), taħriġ irċevut qabel il-31 ta' Marzu 1994 f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja jew fit-territorju tal- Länder il-ġodda,

— infermier psikjatriku ("Psychiatrische(r) Krankenschwester/Krankenpfleger"),

— *speech therapist* ("Sprachtherapeut(in)").

*fir-Repubblika Ċeka:*

— assistent għall-kura tas-saħħa ("zdravotnický asistent"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola medika sekondarja, imtemma bl-eżami "maturitní zkouška".

— assistent fin-nutrizzjoni ("nutriční asistent"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13 il-sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola medika sekondarja, imtemma bl-eżami "maturitní zkouška".

*fl-Italja:*

— tekniku tas-snien ("odontotecnico"),

— tabib ta' l-għajnejn ("ottico").

*f'Ċipru:*

— tekniku tas-snien ("οδοντοτεχνίτης"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 14-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja vokazzjonali, segwita minn sena ta' esperjenza professjonali.

---

([1]) Mill-1 ta' Ġunju 1994, it-titolu professjonali "Krankengymnast(in)" kien mibdul b'dak ta' "Physiotherapeut(in)". Madanakollu, membri tal-professjoni li kisbu d-diplomi tagħhom qabel dik id-data jistgħu, jekk iridu, jkomplu jużaw it-titolu ta' qabel ta' "Krankengymnast(in)".

— tabib ta' l-għajnejn ("τεχνικός οπτικός"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 14-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja, segwita minn sena ta' esperjenza professjonali.

*fil-Latvja:*

— infermier għall-kura dentali ("zobārstniecības māsa"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali, sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn 3 snin ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— assistent tal-laboratorju bijomediku ("biomedicīnas laborants"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali, sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— tekniku tas-snien ("zobu tehniķis"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— assistent fiżjoterapista ("fizioterapeita asistents"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali u 3 snin ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

*fil-Lussemburgu:*

— tekniku mediku ta' l-X-ray ("assistant(e) technique médical(e) en radiologie"),

— tekniku tal-laboratorju mediku ("assistant(e) technique médical(e) de laboratoire"),

— infermier psikjatriku ("infirmier/ière psychiatrique"),

— tekniku mediku – kirurġija ("assistant(e) technique médical(e) en chirurgie"),

— infermier pedjatriku ("infirmier/ière puériculteur/trice"),

— infermier – anestesista ("infirmier/ière anesthésiste"),

— *masseur/masseuse* kwalifikat/a ("masseur/euse diplômé(e)"),

— ħaddiem fil-kura tat-tfal ("éducateur/trice").

*fl-Olanda:*

— assistent veterinarju ("dierenartsassistent"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tlettax-il sena, li jkun magħmul minn:

(i) mhux inqas minn tliet snin ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, f'xi kazijiet issupplimentat b'kors ta'speċjalizzazzjoni ta' sena jew sentejn li jispiċċa b'eżami, jew

(ii) mhux inqas minn sentejn u nofs ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, issupplimentat b'esperjenza ta' xogħol ta' mhux inqas minn sitt xhur jew bi *traineeship* ta' mhux inqas minn sitt xhur fi stabbiliment approvat, jew

(iii) mhux inqas minn sentejn ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, issupplimentat b'esperjenza ta' xogħol ta' mhux inqas minn sena jew bi *traineeship* ta' mhux inqas minn sena fi stabbiliment approvat, jew

(iv) fil-każ ta' assistent veterinarju ("dierenartsassistent") tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata (skema "MBO") jew inkella tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fis-sistema ta' apprendistat doppju ("LLW"), li t-tnejn li huma jispiċċaw b'eżami.

*fl-Awstrija:*

— taħriġ bażiku speċjali għall-infermiera li jispeċjalizzaw fil-kura tat-tfal u taż-żgħażagħ ("spezielle Grundausbildung in der Kinder- und Jugendlichenpflege"),

— taħriġ bażiku speċjali għall-infermiera psikjatriċi ("spezielle Grundausbildung in der psychiatrischen Gesundheits- und Krankenpflege"),

— speċjalista ta' l-għajnejn għall-*contact lenses* ("Kontaktlinsenoptiker"),

— pedikurist ("Fußpfleger"),

— tekniku ta' tagħmir ta' assistenza għas-smigħ ("Hörgeräteakustiker "),

— spiżjar ("Drogist"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u perijodu ta' prattika u taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni u li jħarreġ apprentisti.

— *masseur* ("Masseur"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perijodu totali ta' erbatax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, li jkun magħmul minn apprendistat ta' sentejn, perijodu ta' prattika u taħriġ professjonali ta' sentejn u kors ta' taħriġ ta' sena li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni u li jħarreġ apprentisti.

— ħaddiem tal-*kindergarten* ("Kindergärtner/in"),

— ħaddiem fil-kura tat-tfal ("Erzieher"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perijodu totali ta' tlettax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ professonali fi skola speċjalizzata, li jispiċċa b'eżami.

*fis-Slovakkja:*

— għalliem fil-qasam taż-żfin fi skejjel bażiċi ta' l-arti ("učiteľ v tanečnom odbore na základných umeleckých školách"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni fi skola sekondarja speċjalizzata u kors ta' ħames semestri fil-pedagoġija taż-zfin.

— għalliem f'faċilitajiet edukattivi speċjali u f'faċilitajiet ta' servizzi soċjali ("vychovávateľ v špeciálnych výchovných zariadeniach a v zariadeniach sociálnych služieb"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn tmien/disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' studju fi skola pedagoġika sekondarja jew fi skola sekondarja oħra u sentejn ta' studju pedagoġiku supplimentari *part-time*.

2. SETTUR TA' MGĦALLEM FIS-SNAJJA ("Mester/Meister/Maître"), li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ li jikkonċernaw ħiliet li mhumiex koperti mit-Titolu III, il-Kapitolu II, ta' din id-Direttiva

Taħriġ għal dawn li ġejjin:

*fid-Danimarka:*

— tabib ta' l-għajnejn ("optometrist"),

Dan il-kors huwa ta' perijodu totali ta' erbatax-il sena, li jinludi ħames snin ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sentejn u nofs ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu "Mester".

— tekniku ortopediku ("ortopæaedimekaniker"),

Dan il-kors huwa ta' perijodu totali ta' tnax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn tliet snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sitt xhur ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonjali u tliet snin ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu "Mester".

— produttur ta' żraben u stivali ortopediċi ("ortopædiskomager"),

Dan il-kors huwa ta' perijodu totali ta' tlettax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn erba' snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sentejn ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonjali u sentejn u nofs ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu "Mester".

*fil-Ġermanja:*

— tabib ta' l-għajnejn ("Augenoptiker"),

— tekiku tas-snien ("Zahntechniker"),

— produttur ta' ċintorini kirurġiċi ("Bandagist"),

— produttur ta' tagħmir ta' assistenza għas-smigħ ("Hörgeräte-Akustiker"),

— tekniku ortopediku ("Orthopädiemechaniker"),

— prodottur ta' stivali ortopedici ("Orthopädieschuhmacher").

*fil-Lussemburgu:*

— tabib ta' l-għajnejn ("opticien"),

— tekniku tas-snien ("mécanicien dentaire"),

— produttur ta' tagħmir ta' assistenza għas-smigħ ("audioprothésiste"),

— tekniku ortopediku / produttur ta' ċintorini kirurġiċi ("mécanicien orthopédiste/bandagiste"),

— produttur ta' stivali ortopediċi ("orthopédiste-cordonnier"),

Dawn il-korsijiet huma ta' perijodu totali ta' erbatax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti mill-istabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u li jispiċċaw b'eżami li wieħed għandu jgħaddi minnu sabiex ikun jista' jipprattika attività li hija kkunsidrata bħala waħda li teħtieg is-sengħa, jew independentement jew bħala impjegat b'livell paragunabbli ta' responsabbiltà.

*fl-Awstrija:*

— produttur ta' ċintorini kirurġiċi ("Bandagist"),

— produttur ta' kurpetti ("Miederwarenerzeuger"),

— tabib ta' l-għajnejn ("Optiker"),

— produttur ta' żraben ortopedici ("Orthopädieschuhmacher"),

— tekniku ortopediku ("Orthopädietechniker"),

— tekniku tas-snien ("Zahntechniker"),

— ġardinar ("Gärtner"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u perijodu ta' prattika professjonali u taħriġ ta' mhux inqas minn sentejn li jispiċċa b'eżami ta' mgħallem tas-sengħa li jagħti id-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni, li jħarreġ apprentisti u li juża t-titolu "Mester".

Taħriġ għal mgħallma tas-sengħa fil-qasam ta' l-agrikoltura u l-forestrija, jiġifieri:

— mgħallem fl-agrikoltura ("Meister in der Landwirtschaft"),

— mgħallem fir-*rural home economics* ("Meister in der ländlichen Hauswirtschaft"),

— mgħallem fl-ortikoltura ("Meister im Gartenbau"),

— mgħallem fil-ġardinaġġ kummerċjali ("Meister im Feldgemüsebau"),

— mgħallem fil-pomoloġija u l-ipprocessar tal-frott ("Meister im Obstbau und in der Obstverwertung"),

— mgħallem fil-vinikultura u l-produzzjoni ta' l-inbid ("Meister im Weinbau und in der Kellerwirtschaft"),

— *mgħallem* fil-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib ("Meister in der Molkerei- und Käsereiwirtschaft"),

— mgħallem fit-trobbija taż-żwiemel ("Meister in der Pferdewirtschaft"),

— mgħallem fis-sajd ("Meister in der Fischereiwirtschaft"),

— mgħallem fit-trobbija tat-tjur ("Meister in der Geflügelwirtschaft"),

— mgħallem fl-apikultura ("Meister in der Bienenwirtschaft"),

— mgħallem fil-forestrija ("Meister in der Forstwirtschaft"),

— mgħallem fl-arborikultura tal-foresti u l-ġestjoni tal-foresti ("Meister in der Forstgarten- und Forstpflegewirtschaft"),

— mgħallem fil-ħażna ta' prodotti agrikoli ("Meister in der landwirtschaftlichen Lagerhaltung"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn ħmistax-il sena, li jkun magħmul minn sitt snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat diviż f'apprendistat ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fin-negozju u mogħti parzjalment minn stabbiliment ta' taħriġ professjonali, u perijodu ta' prattika professjonali ta' tliet snin li jispiċċa b'eżami ta' mgħallem tas-sengħa għal dik il-professjoni li jagħti d-drittijiet li wieħed iħarreġ l-apprentisti u juża t-titolu "Meister".

*fil-Polonja:*

— għalliem fit-taħriġ vokazzjonali prattiku ("Nauczyciel praktycznej nauki zawodu"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu ta':

(i) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali jew edukazzjoni sekondarja ekwivalenti f'qasam rilevanti segwit mill-kors fil-pedagoġija ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 150 siegħa, il-kors dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u l-iġjene fuq il-post tax-xogħol, u sentejn ta' esperjenza professjonali fil-professjoni li jkun ser jgħallem, jew

(ii) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali u diploma ta' lawrja minn skola post-sekondarja teknika pedagoġika, jew

(iii) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni bażika sekondarja vokazzjonali u mhux inqas minn tliet snin ta' esperjenza professjonali ċertifikata b'lawrja ta' mgħallem fil-professjoni partikolari segwita minn kors fil-pedagoġija ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 150 siegħa.

*fis-Slovakkja:*

— mgħallem fl-edukazzjoni professjonali ("majster odbornej výchovy"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni vokazzjonali (edukazzjoni sekondarja vokazzjonali shiha u/jew apprendistat fit-taħriġ vokazzjonali jew fil-kors ta' apprendistat (simili) rilevanti), esperjenza professjonali ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tliet snin fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew apprendistat kompletata tal-persuna u studju pedagoġiku supplimentari fil-fakultà tal-pedagoġija jew fl-universitajiet tekniċi, jew edukazzjoni sekondarja shiha u apprendistat fit-taħriġ vokazzjonali) jew fil-kors ta' apprendistat (simili) rilevanti, esperjenza professjonali ta' perijodu totali ta' tliet snin fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew l-apprendistat kompletati tal-persuna, u studju addizzjonali tal-pedagoġija fil-fakulta tal-pedagoġija, jew sa l-1 ta' Settembru 2005 edukazzjoni speċjalizzata fil-qasam tal-pedagoġija speċjali li jipprovdu għaliha ċ-ċentri tal-metodologija għal mgħallma fl-edukazzjoni vokazzjonali fl-iskejjel speċjali mingħar studju pedagoġiku supplimentari.

3. SETTUR MARITTIMU

(a) **Transport marittimu**

Taħriġ għal dan li ġej:

*fir-Repubblika Ċeka:*

— uffiċjal tal-gverta ("palubní asistent"),

— uffiċjal responsabbli minn għassa navigazzjonali ("námořní poručík"),

— *chief mate* ("první palubní důstojník"),

— kaptan ("kapitán"),

— assistent tal-makni ("strojní asistent"),

— uffiċjal responsabbli minn għassa inġinjeristika("strojní důstojník"),

— *second engineer officer* ("druhý strojní důstojník"),

— *chief engineer officer* ("první strojní důstojník"),

— eletriċista ("elektrotechnik"),

— *chief electric officer* ("elektrodůstojník").

*fid-Danimarka:*

— kaptan ta' bastiment ("skibsfører"),

— *first mate* ("overstyrmand"),

— *quartermaster*, uffiċjal tal-gverta ("enestyrmand, vagthavende styrmand"),

— uffiċjal tal-gverta ("vagthavende styrmand"),

— inġinier ("maskinchef"),

— *first engineer* ("l. maskinmester"),

— *first engineer/duty engineer* ("l. maskinmester/vagthavende maskinmester").

*fil-Ġermanja:*

— kaptan, bastiment kbir tal-kosta ("Kapitän AM"),

— kaptan, bastiment tal-kosta ("Kapitän AK"),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment kbir tal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier AMW"),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier AKW"),

— *chief engineer*, grad Ċ ("Schiffsbetriebstechniker CT - Leiter von Maschinenanlagen"),

— *ship's mechanic*, grad Ċ ("Schiffsmaschinist CMa -Leiter von Maschinenanlagen"),

— *ship's engineer*, grad Ċ ("Schiffsbetriebstechniker CTW"),

— *ship's mechanic*, grad Ċ - solo engineer officer ("Schiffsmaschinist CMaW - Technischer Alleinoffizier").

*fl-Italja:*

— uffiċjal tal-gverta ("uffiċiale di coperta"),

— *engineer officer* ("uffiċiale di macchina").

*fil-Latvja:*

— *electrical engineer officer* fuq bastimenti ("Kuģu elektromehāniķis"),

— operatur ta' makkinarju ta' refriġerazzjoni ("Kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists").

*fl-Olanda:*

— *first mate* (bastiment tal-kosta) (b'taħriġ supplimentari) ("stuurman kleine handelsvaart (met aanvulling)"),

— *coaster engineer* ( b'diploma) ("diploma motordrijver"),

— *VTS-official* ("VTS-functionaris"),

li jirrappreżenta taħriġ

— fir-Repubblika Ċeka:

(i) għal assistent tal-gverta ("palubní asistent"),

1. Persuna ta' mhux anqas minn 20 sena.

2. (a) Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu — id-dipartiment tan-navigazzjoni, fejn iż-zewg korsijiet għandhom jispiċċaw b'eżami "maturitní zkouška", u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn sitt xhur fuq bastimenti matul l-istudji, jew

(b) Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn sentejn bħala *rating* li jifforma parti min-*navigational watch* fil-livell ta' sostenn fuq il-bastimenti, u t-tmiem ta' kors approvat li jissodisfa l-istandard ta' kompetenza speċifikat fis-sezzjoni A-II/1 tal-Kodiċi STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards fit-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara) li jingħata minn akkademja marittima jew kulleġġ marittimu ta' Parti fil-Konvenzjoni STCW, u li jgħaddi l-eżami quddiem il-Bord ta' l-Eżamijiet rikonoxxut mill-MTC (Kumitat tat-Trasport Marittimu tar-Repubblika Ċeka).

(ii) għal uffiċjal responsabbli min-*navigational watch* ("námořní poručík"),

1. Servizz ta' tbaħħir approvat fil-kariga ta' assistent tal-gverta fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku gross jew aktar għal mhux anqas minn sitt xhur fil-każ ta' lawreatlawreat ta' kulleġġ marittimu jew akkademja marittima, jew sena fil-każ ta' lawreatlawreat ta' kors approvat, inkluż mhux anqas minn sitt xhur bħala *rating* li jifforma parti min-*navigational watch*.

2. Ktieb tar-Reġistru tat-Taħriġ Abbord għal Kadetti tal-Gverta, mimli kif suppost u ffirmat.

(iii) għal *chief mate* ("první palubní důstojník"),

Ċertifikat ta' kompetenza ta' uffiċjal responsabbli min-*navigational watch* fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux anqas minn tnax-il xahar ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kariga.

(iv) għal kaptan ("kapitán"),

— Ċertifikat ta' servizz bħala kaptan fuq bastimenti ta' bejn 500 u 3 000 tunnellata gross.

— Ċertifikat ta' kompetenza bħala *chief mate* fuq bastimenti ta' 3 000 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux anqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kwalità ta' *chief mate* fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux inqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kwalità ta' *chief mate* fuq bastimenti ta' 3 000 tunnellaġġ metriku jew aktar.

(v) għal *engineer officer* ("strojní asistent"),

1. Persuna ta' iktar minn 20 sena.

2. Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu — dipartiment ta' l-inġinerija marittima, u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn 6 xhur fuq bastimenti matul l-istudji.

(vi) għal uffiċjal responsabbli mill-*engineering watch* ("strojní důstojník"),

Servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta'assistent tal-magni ta' mhux anqas minn sitt xhur bħala lawreatlawreat minn akkademja marittima jew kulleġġ marittimu.

(vii) għal *second engineer officer* ("druhý strojní důstojník"),

Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn 12-il xahar fil-kapaċità *ta' third engineer officer* fuq bastimenti li jaħdmu permezz ta' makkinarju ta' propulsjoni principali ta' saħħa ta' propulsjoni ta' 750 kW u aktar.

(viii) għal *chief engineer officer* ("první strojní důstojník"),

Ċertifikat meħtieg għas-servizz bħala *second engineer officer* fuq bastimenti li jaħdmu b'makkinarju ta' propulsjoni principali ta' saħħa ta' propulsjoni ta' 3000 kW jew aktar u li għandu mhux inqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kariga.

(ix) ħal elettriċista ("elektrotechnik"),

1. Persuna ta' l-età ta' mhux anqas minn 18-il sena.

2. Akkademja marittima jew oħra, fakultà ta' l-inġinerija elettrika jew skola teknika jew kulleġġ ta' l-inġinerija elettroteknika, fejn il-korsijiet kollha għandhom jitlestew bl-eżami "maturitní zkouška", u mhux anqas minn 12-il xahar ta' prattika approvata fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika.

(x) għal *chief electric officer* ("elektrodůstojník"),

1. Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu, fakultà ta' l-inġinerija elettrika marittima jew akkademja oħra jew skola sekondarja oħra fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika, fejn il-korsijiet kollha għandhom jitlestew bl-eżami"maturitní zkouška" jew eżami ta' l-Istat.

2. Servizz fuq il-baħar approvat fil-kariga ta' elettriċista għal perijodu ta' mhux anqas minn 12-il xahar fil-każ ta' lawreatlawreat ta' akkademja jew kulleġġ, jew 24 xahar fil-każ ta' lawreatlawreat ta' skola sekondarja.

— *fid-Danimarka*, disa' snin ta' edukazzjoni primarja segwita minn kors ta' taħriġ bażiku u/jew servizz fuq il-baħar ta' bejn 17 u 36 xahar, supplimentati minn:

(i) għall-uffiċjal tal-gverta, sena ta' taħriġ professjonali speċjalizzat,

(ii) għall-oħrajn, tliet snin ta' taħriġ professjonali speċjalizzat.

— *fil-Ġermanja*, perijodu totali ta' bejn 14 u 18-il sena, li jkun magħmul minn kors ta' tliet snin ta' taħriġ professjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwit minn sena jew tnejn ta' taħriġ professjonali speċjalizzat, supplimentat, fejn jixraq, minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni.

— fil-Latvja:

(i) għal *electrical engineer officer* fuq il-bastimenti ("kuģu elektromehāniķis"),

1. Persuna ta' mhux inqas minn 18-il sena.

2. Li tirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena u sitt xhur, li jkun magħmul minn mhux inqas minn disa' snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn tliet snin ta' edukazzjoni vokazzjonali. Barra minn hekk, is-servizz fuq il-baħar ta' mhux anqas minn sitt xhur bħala elettriċista ta' bastiment jew bħala assistent ta' l-inġinier elettriku fuq bastimenti li għandhom saħħa ta' ġenerator ta' aktar minn 750 kW huwa meħtieġ. Taħriġ vokazzjonali huwa kompletat b'eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm ta' taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport

(ii) għal operaturi tal-makkinarju tar-refriġerazzjoni ("kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists"),

1. Persuna ta' mhux anqas minn 18-il sena.

2. Li tirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 9 snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn tliet snin ta' edukazzjoni vokazzjonali. Barra minn hekk, is-servizz fuq il-baħar ta' mhux anqas minn 12-il xahar bħala assistent ta' inġinier tar-refrigerazzjoni huwa meħtieġ. It-taħriġ vokazzjonali huwa kompletat b'eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm ta' taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport.

— *Fl-Italja*, perijodu totali ta' 13-il sena, li minnhom mhux inqas minn ħames snin jikkonsistu f'taħriġ professjonali li jispiċċa b'eżami u li huma supplimentati, fejn jixraq, bi *traineeship*.

— fl-Olanda:

(i) għal *first mate* (bastiment tal-kost) (b'taħriġ supplimentari) ("stuurman kleine handelsvaart (met aanvulling)"), u *coaster engineer* (with diploma) ("diploma motordrijver"), jinvolvi kors ta' 14-il sena, li mhux inqas minn sentejn minnhom ikunu fi stabbiliment ta' taħriġ professjonali speċjalizzat, supplimentat minn *traineeship* ta' 12-il xahar,

(ii) għal *VTS-official* ("VTS-functionaris") perijodu totali ta' mhux inqas minn 15-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tliet snin ta' Edukazzjoni Vokazzjonali Superjuri ("HBO") jew Taħriġ Vokazzjonali Intermedjarju ("MBO"), li huma segwiti minn korsijiet ta' speċjalizzazzjoni nazzjonali u regjonali, li jkunu magħmula minn mhux inqas minn 12-il ġimgħa ta' taħriġ teoretiku u li kull wieħed jispiċċa b'eżami,

u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards fit-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara, 1978).

(b) **Sajd fil-baħar:**

Taħriġ għal dan li ġej:

*fil-Ġermanja:*

— kaptan, sajd tal-qiegħ ("Kapitän BG/Fischerei"),

— kaptan, sajd mall-kosta ("Kapitän BLK/Fischerei"),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-baħar fond, ("Nautischer Schiffsoffizier BGW/Fischerei"),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier BK/Fischerei").

*fl-Olanda:*

— *first mate/inġinier* V ("stuurman werktuigkundige V"),

— inġinier IV (bastiment tas-sajd) ("werktuigkundige IV visvaart"),

— *first mate* IV (bastiment tas-sajd) ("stuurman IV visvaart"),

— *first mate/inġinier* VI ("stuurman werktuigkundige VI"),

li jirrappreżenta taħriġ:

— fil-Ġermanja, ta' perijodu totali ta' bejn 14 u 18-il sena, li jkun magħmul minn kors ta' tliet snin ta' taħriġ professjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwit minn sena jew tnejn ta' taħriġ professjonali speċjalizzat supplimentat, fejn jixraq, b'sentejn ta' esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni.

— fl-Olanda, jinvolvi kors li t-tul tiegħu huwa bejn 13 u 15-il sena, li mhux inqas minn sentejn minnhom huma mogħtija fi skola professjonali speċjalizzata, supplimentat bi 12-il xahar ta' esperjenza ta' xogħol,

u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni ta' Torremolinos (1977 Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà ta' Bastimenti tas-Sajd).

4. SETTUR TEKNIKU

Taħriġ għal dan li ġej:

*fir-Repubblika Ċeka:*

— tekniku awtorizzat, bennej awtorizzat ("autorizovaný technik, autorizovaný stavitel"),

li jirrappreżenta taħriġ professjonali ta' mhux inqas minn disa' snin, inkluż erba' snin ta' edukazzjoni teknika sekondarja, kompletata bl-eżami "maturitní zkouška" (skola teknika sekondarja) u ħames snin ta' esperjenza professjonali, konklużi b'test ta' kwalifika professjonali għall-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali magħżula fil-qasam tal-bini (skond l-Att Nru 50/1976 Sb. (l-Att dwar il-Bini) u Att Nru 360/1992 Sb.).

— sewwieq ta' vettura fuq it-*track* ("fyzická osoba řídící drážní vozidlo"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali kompletati bl-eżami "maturitní zkouška" u konkluż b'eżami ta' l-Istat dwar il-potenza tal-mixi tal-vetturi.

— *track revision technician* ("drážní revizní technik"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali fi skola sekondarja tal-makkinarju jew ta' l-elettronika kompletati bl-eżami "maturitní zkouška".

— għalliem tas-sewqan fit-triq ("učitel autoškoly"),

persuna ta' mhux anqas minn 24 sena; jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali iffokata fuq it-traffiku jew il-makkinarju kompletati bl-eżami "maturitní zkouška".

— tekniku ta' l-Istat li jikkontrolla li vetturi bil-mutur huma tajbin għat-triq ("kontrolní technik STK"),

persuna li m'għandhiex inqas minn 21 sena; jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali imtemma bl-eżami "maturitní zkouška", segwita b'mhux inqas minn sentejn ta' prattika teknika; il-persuna konċernata għandu jkollha liċenza tas-sewqan u kondotta kriminali nadifa u għandha tkun kompletat it-taħriġ speċjali għat-tekniċi ta' l-Istat ta' żmien ta' mhux inqas minn 120 siegħa kif ukoll tkun għaddiet b'suċċess l-eżami.

— mekkanik għall-kontroll ta' emissjonijiet minn vetturi ("mechanik měření emisí"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni elementari u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali imtemma bl-eżami "maturitní zkouška"; barra minn dan l-applikant għandu jtemm mhux inqas minn tliet snin ta' xogħol u t-taħriġ speċjali ta' 8 sigħat għal "mekkaniku tal-kontroll ta' l-emissjonijiet minn vetturi" kif ukoll jgħaddi l-eżami b'suċċess.

— *boat master* ta' Klassi I ("kapitán I. třídy"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn ħmistax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni elementari u 3 snin ta' edukazzjoni professjonali imtemma bl-eżami "maturitní zkouška" u jispiċċa b'eżami kkonfermat permezz ta' ċertifikat ta' kapaċità. Din l-edukazzjoni professjonali għandha tiġi segwita minn erba' snin ta' prattika professjonali kompletat b'eżami.

— restawratur ta' monumenti li huma xogħlijiet tas-snajja ta' l-arti ("restaurátor památek, které jsou díly uměleckých řemesel"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' 12-il sena jekk tinvolvi edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa fil-kors tar-restawr, jew minn għaxar snin sa tnax-il sena ta' studju f'kors rilevanti, flimkien ma' ħames snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa kompletata bl-eżami "maturitní zkouška", jew tmien snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika li tiġi kompletata bl-eżami finali ta' l-apprendistat.

— Restawratur ta' xogħlijiet ta' l-arti li mhumiex monumenti u li huma miżmuma fil-kollezzjonijiet ta' mużewijiet u galleriji, u ta' oġġetti oħra ta' valur kulturali ("restaurátor děl výtvarných umění, která nejsou památkami a jsou uložena ve sbírkách muzeí a galerií, a ostatních předmětů kulturní hodnoty"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' 12-il sena flimkien ma' ħames snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa fil-kors tar-restawr kompletata bl-eżami "maturitní zkouška".

— *manager* ta' l-iskart ("odpadový hospodář"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali kompletata bl-eżami "maturitní zkouška" u minimu ta' ħames snin ta' esperjenza fis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart matul l-aħħar 10 snin.

— *manager* tekniku ta' l-ibblastjar ("technický vedoucí odstřelů"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali kompletata bl-eżami "maturitní zkouška",

u segwita minn:

— sentejn bħala operatur *shotfirer* taħt l-art (għal xogħol taħt l-art) jew sena f'wiċċ l-art (għal xogħol fuq wiċċ l-art), inklużi sitt xhur bħala assistent operatur *shotfirer*;

— kors ta' taħriġ ta' 100 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit b'eżami quddiem l-Awtorità Distrettwali tal-Minjieri;

— esperjenza professjonali ta' sitt xhur jew aktar fl-ippjanar u l-esekuzzjoni ta' xogħol prinċipali fl-ibblastjar;

— kors ta' taħriġ ta' 32 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit b'eżami quddiem l- Awtorità ċeka tal-Mini.

*fl-Italja:*

— ġeometra ("geometra"),

— perit agrarju ("perito agrario"),

li jirrappreżenta edukazzjoni sekondarja teknika ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn 8 snin ta' skola obbligatorja segwita minn 5 snin ta' studju sekondarju, inklużi 3 snin ta' studju professjonali, li jispiċċaw b'eżami ta' Bakkalawrja Teknika, u supplimentat:

(i) għall-ġeometri, bi *traineeship* ta' mhux inqas minn sentejn f'uffiċju professjonali, jew ħames snin ta' esperjenza ta' xogħol;

(ii) għall-periti agrarji, bit-tkomplija ta' *traineeship* prattiku ta' mhux inqas minn sentejn, segwiti mill-Eżami ta' l-Istat.

*fil-Latvja:*

— assistent tas-sewwieq tas-settur tal-ferrovija bil-magna ("vilces līdzekļa vadītāja (mašīnista) palīgs"),

persuna ta' mhux anqas minn 18-il sena; jirrappreżenta edukazzjoni ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni professjonali; taħriġ professjonali kompletat b'eżami speċjali ta' min iħaddem; ċertifikat ta' kompetenza maħrug minn awtorità kompetenti għal ħames snin.

*fl-Olanda:*

— marixxall ("gerechtsdeurwaarder"),

— manifattur ta' proteżi dentali ("tandprotheticus"),

li jirrappreżenta kors ta' studju u taħriġ professjonali:

(i) fil-każ ta' marixxall ("gerechtsdeurwaarder"), total ta' 19-il sena, li jkunu magħmula minn 8 snin ta' skola obbligatorja segwiti minn 8 snin ta' edukazzjoni sekondarja inklużi 4 snin ta' edukazzjoni teknika li tispiċċa b'eżami ta' l-Istat u supplimentata bi 3 snin ta' taħriġ professjonali teoretiku u prattiku;

(ii) fil-każ ta' manifattur tal-proteżi dentali ("tandprotheticus") total ta' mhux inqas minn 15-il sena ta' taħriġ *full-time* u tliet snin ta' taħriġ *part-time*, inklużi tmien snin ta' edukazzjoni primarja, erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, l-ikkompletar ta' tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali, li jinvolvi taħriġ teoretiku u prattiku bħala tekniku tas-snien, supplimentati bi tliet snin ta' taħriġ *part-time* bħala manifattur ta' proteżi dentali, li jispiċċa b'eżami.

*fl-Awstrija:*

— forestier ("Förster "),

— konsulent tekniku ("Technisches Büro"),

— intermedjarju għax-xogħol *ad interim* ("Überlassung von Arbeitskräften - Arbeitsleihe"),

— aġent ta' l-impieg ("Arbeitsvermittlung"),

— konsulent fl-investiment ("Vermögensberater"),

— investigatur privat ("Berufsdetektiv"),

— gwardjan tas-sigurtà ("Bewachungsgewerbe"),

— aġent immobiljari ("Immobilienmakler"),

— *manager* immobiljari ("Immobilienverwalter"),

— kuntrattur fi proġett tal-kostruzzjoni ("Bauträger, Bauorganisator, Baubetreuer"),

— korp li jiġbor id-dejn ("Inkassobüro/Inkassoinstitut"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perijodu totali ta' 15-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' skola obbligatorja segwiti b'minimu ta' ħames snin ta' studju sekondarju tekniku jew kummerċjali, li jispiċċaw b'eżami ta' kwalifika f'livell ta' maturità ta' natura teknika jew kummerċjali, supplimentata b'mhux inqas minn sentejn ta' edukazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jispiċċa b'eżami professjonali.

— konsulent ta' l-assigurazzjoni ("Berater in Versicherungsangelegenheiten"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perijodu totali ta' 15-il sena, li jkun magħmul minn sitt snin tà taħriġ segwit f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' perijodu ta' tliet snin u perijodu ta' tliet snin ta' esperjenza u taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami.

— mgħallem fil-kostruzzjoni/fl-ippjanar u l-kalkolu tekniku ("Planender Baumeister"),

— mgħallem fil-kostruzzjoni bl-użu ta' l-injam/fl-ippjanar u kalkolu tekniku ("Planender Zimmermeister"),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perijodu totali ta' 18-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 9 snin ta' taħriġ professjonali maqsum f'erba' snin ta' studju sekondarju tekniku u ħames snin ta' prattika professjonali u taħriġ li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-drittijiet sabiex wieħed ikun jista' jeżerċita l-professjoni u jħarreġ apprentisti, safejn dan it-taħriġ jirrigwarda d-dritt li jiġu ppjanati kostruzzjonijiet, li jsiru kalkoli tekniċi u li jkun sorveljat xogħol ta' kostruzzjoni ("il-privileġġ Maria Theresia").

— *accountant* kummerċjali ("Gewerblicher Buchhalter"), taħt il-Gewerbeordnung ta' l-1994 (1994 liġi dwar il-kummerċ, l-artiġjanat u l-industrija);

— *accountant* li jaħdem għal rasu ("Selbständiger Buchhalter"), taħt il-Bundesgesetz über die Wirtschaftstreuhandberufe ta' l-1999 (liġi ta' l-1999 dwar il-professjonijiet fil-qasam ta' l-*accounting* pubbliku).

*fil-Polonja:*

— djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon tal-kontroll tal-vetturi fuq livell bażiku ("diagnosta przeprowadzający badania techniczne w stacji kontroli pojazdów o podstawowym zakresie badań"),

li jirrappreżenta tmien snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal-vetturi bil-mutur u tliet snin ta' prattika fi stazzjon tas-servizz ta' vetturi jew f'garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' taħriġ bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

— djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon distrettwali tal-kontroll tal-vetturi ("diagnosta przeprowadzający badania techniczne pojazdu w okręgowej stacji kontroli pojazdów"),

li jirrappreżenta tmien snin ta' edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam ta' vetturi bil-mutur u 4 snin ta' prattika fi stazzjon tas-servizz tal-vetturi jew garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' kors bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

— djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon tal-kontroll tal-vetturi ("diagnosta wykonujący badania techniczne pojazdów w stacji kontroli pojazdów "),

li jirrappreżenta:

(i) 8 snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal- vetturi bil-mutur u erba' snin ta' prattika attestata fi stazzjon tas-servizz tal-vetturi jew f'garaxx, jew

(ii) tmien snin ta' edukazzjoni primarja u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika f'qasam differenti minn dak ta' l-ispeċjalizzazzjoni ta' vetturi bil-mutur u 8 snin ta' prattika attestata fi stazzjon ta' servizz tal-vetturi jew f'garaxx, li jkopru total ta' 113 siegħa ta' taħriġ sħiħ inkluż taħriġ bażiku u speċjalizzat, b'eżamijiet wara kull stadju.

It-tul u l-iskop ġenerali tal-korsijiet partikolari fil-qafas tat-taħriġ sħiħ bħala djanjostiku huma speċifikati separatament fir-Regolament tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura tat-28 ta' Novembru 2002 dwar ir-rekwiżiti dettaljati rigward id-djanjostiċi (ġU 2002, Nru 208, pos. 1769).

— *dispatcher* tal-ferrovija ("dyżurny ruchu"),

li jirrappreżenta 8 snin ta' edukazzjoni primarja u erba' snin ta' edukazzjoni professjonali sekondarja, bi speċjalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju, kif ukoll kors li jipprepara lil persuna għal xogħol bħala *dispatcher* tal-ferrovija ta' 45 jum u li l-persuna tgħaddi b'suċċess l-eżami tal-kwalifika, jew li jirrapreżenta tmien snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali bi speċjalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju, kif ukoll kors li jipprepara lil persuna għal xogħol bħala *dispatcher* tal-ferrovija ta' 63 jum u li l-persuna tgħaddi b'suċċess l-eżami tal-kwalifika.

5. Korsijiet tar-Renju Unit akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali jew Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi:

Taħriġ għal:

— infermier veterinarju reġistrat,

— inġinier elettriku fis-settur tal-minjieri,

— inġinier mekkaniku fis-settur tal-minjieri,

— terapista tas-snien,

— *dental hygienist,*

— speċjalista ta' l-għajnejn,

— viċi-direttur fis-settur tal-minjieri,

— konsulent fil-qasam tal-falliment

— *Conveyancer* bil-liċenza,

— *first mate* – bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri – bla limitu,

— *second mate* - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri – bla limitu,

— *third mate* - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri - bla limitu,

— uffiċjal tal-gverta - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri – bla limitu,

— *engineer officer* - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri – żona tal-kummerċ mhux limitata,

— persuna ċertifikata teknikament kompetenti fl-immaniġġjar ta' l-iskart,

li jwasslu għal kwalifiki akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali (NVQs) jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 tal-Qafas Nazzjonali ta' Kwalifiki Professjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:

— Livell 3: kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f'kuntest varjat u wiesa' u li l-bicca l-kbira huma komplessi u mhux tar-rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll jew il-gwida ta' persuni oħra hija sikwiet meħtieġa.

— Livell 4: Kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol komplessi, tekniċi u professjonali imwettaq f'kuntesti varji u wiesa' u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà personali u awtonomija. Ir-responsabbiltà għax-xogħol ta' oħrajn u t-tqassim ta' riżorsi huma sikwiet meħtiega.

*ANNESS III*

## Lista ta' edukazzjoni u taħriġ regolati imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2)

*Fir-Renju Unit:*

Korsijiet regolati li jwasslu għal kwalifiki akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali (NVQs) jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 tal-Qafas Nazzjonali ta' Kwalifiki Professjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma mfissra kif ġej:

— Livell 3: kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f'kuntest varjat u wiesa' u li l-bicca l-kbira huma komplessi u mhux tar-rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll jew il-gwida ta' persuni oħra hija sikwiet meħtieġa.

— Livell 4: Kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol komplessi, tekniċi u professjonali imwettaq f'kuntesti varji u wiesa' u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà personali u awtonomija. Ir-responsabbiltà għax-xogħol ta' oħrajn u t-tqassim ta' riżorsi huma sikwiet meħtiega.

*Fil-Ġermanja:*

Il-korsijiet regolati li ġejjin:

— Korsijiet regolati preparatorji għall-eżerċizzju tal-professjonijiet ta' assistent tekniku ("technische(r) Assistent(in)"), assistent kummerċjali ("kaufmännische(r) Assistent(in)"), il-professjonijiet soċjali ("soziale Berufe") u l-professjoni ta' struttur ċertifikat mill-Istat fis-settur tar-respirazzjoni u tal-kelma ("staatlich geprüfte(r) Atem-, Sprech- und Stimmlehrer(in)"), ta' perijodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jeħtiegu l-kompletar b'suċċess tal-kors sekondarju ta' l-edukazzjoni ("mittlerer Bildungsabschluss") u li jkunu magħmula minn:

(i) mhux inqas minn tliet snin ([1]) ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li tispiċċa b'eżami u, fejn huwa applikabbli, supplimentat b'kors ta' sena jew sentejn speċjalizzazzjoni li wkoll jispiċċaw b'eżami, jew

(ii) mhux inqas minn sentejn u nofs fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jispiċċaw b'eżami u supplimentati b'esperjenza ta' xogħol ta' perijodu ta' mhux anqas minn 6 xhur jew *traineeship* ta' mhux anqas minn 6 xhur fi stabbiliment approvat, jew

(iii) mhux inqas minn sentejn fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jispiċċaw b'eżami u supplimentati b'esperjenza ta' xogħol ta' perijodu ta' mhux anqas minn sena jew *traineeship* ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat.

— Korsijiet regolati għall-professjonijiet ta' tekniku ("staatlich geprüfte(r)") ("Techniker(in)"), ekonomista tan-negozju ("Betriebswirt(in)"), stilista ("Gestalter(in)") u assistent tal-familja ("Familienpfleger(in)") ċertifikati mill-Istat, ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, u li prerekwiżit tagħhom huwa it-tmiem b'suċċess ta' tagħlim obbligatorju jew edukazzjoni u taħriġ ekwivalenti (ta' perijodu ta' mhux anqas minn disa' snin) u l-ikkompletar b'suċċess ta' kors fi skola tal-kummerċ ("Berufsschule") ta' perijodu ta' mhux anqas minn tliet snin u li jkunu magħmula minn, wara l-ikkompletar ta' mhux inqas minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol, edukazzjoni *full-time* u taħriġ ta' perijodu ta' mhux anqas minn sentejn jew edukazzjoni *part-time* u taħriġ għal perijodu ekwivalenti.

— Korsijiet regolati u taħriġ *in-service* regolat, ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 15-il sena, u li prerekwiżit tagħhom huwa, ġeneralment, it-tmiem b'suċċess ta' edukazzjoni obbligatorja (ta' perijodu ta' mhux anqas minn 9 snin) u ta' taħriġ professjonali (normalment tliet snin) u li ġeneralment jkunu magħmula minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol (tliet snin snin f'ħafna każijiet) u eżami fil-kuntest ta' preparazzjoni ta' taħriġ fis-servizz li ġeneralment ikunu magħmul minn kors ta' taħriġ li huwa miżmum jew fl-istess żmien ta' l-esperjenza ta' xogħol (ta' mhux inqas minn 1 000 siegħa) jew huwa segwit fuq bażi *full-time* (mhux inqas minn sena).

L-awtoritajiet Ġermanizi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Aness.

([1]) Il-perijodu minimu jista' jiġi ridott minn tlett snin għal sentejn jekk il-persuna konċernata għandha l-kwalifika meħtieġa sabiex tidħol fl-università ("Abitur"), i.e. tlettax –il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti, jew il-kwalifika meħtieġa sabiex wieħed jidħol f'"Fachhochschule" ("Fachhochschulreife"), i.e. 12 –il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti.

*Fl-Olanda:*

— Korsijiet ta' taħriġ regolat ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 15-il sena, li prerekwiżit tagħhom huwa l-ikkompletar ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin ta' jew edukazzjoni sekondarja ġenerali intermedjarja ("MAVO") inkella Edukazzjoni Professjonali Preparatorja ("VBO") jew edukazzjoni sekondarja ġenerali ta' livell superjuri, u li jirrikjedu l-ikkompletar ta' kors ta' tliet snin jew erba' snin f'kulleġġ għal taħriġ professjonali intermedjarju ("MBO"), li jispiċċaw b'eżami.

— Korsijiet ta' taħriġ regolat ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, li prerekwiżit tagħhom huwa l-ikkompletar ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin ta' edukazzjoni professjonali preparatorji ("VBO") jew livell superjuri ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, u li teħtieg l-ikkompletar ta' mhux inqas minn erba' snin ta' taħriġ professjonali fis-sistema ta' apprendistat, li jkun magħmul minn mhux inqas minn jum ta' tagħlim teoretiku f'kulleġġ fil-ġimgħa u fil-jiem l-oħra taħriġ prattiku f'ċentru għat-taħriġ prattiku jew ma' ditta, li jispiċċaw b'eżami ta' livell sekondarju jew terzjarju.

L-awtoritajiet Olandizi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

*Fl-Awstrija:*

— Korsijiet fi skejjel professjonali superjuri ("Berufsbildende Höhere Schulen") u stabbilimenti għall-edukazzjoni superjuri għall-agrikoltura u l-forestrija ("Höhere Land- und Forstwirtschaftliche Lehranstalten"), inklużi tipi speċjali ("einschließlich der Sonderformen"), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti minn disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi.

  Dawn il-korsijiet huma ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 13-il sena u jkunu magħmula minn ħames snin ta' taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami finali, li s-suċċess tiegħu huwa prova ta' kompetenza professjonali.

— Korsijiet fi skejjel ta' mgħallem ("Meisterschulen"), klassijiet ta' mgħallem ("Meisterklassen"), skejjel ta' mgħallem industrijali ("Werkmeisterschulen") jew skejjel għall-artiġjanat fil-bini ("Bauhandwerkerschulen"), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti minn disposizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi.

  Dawn il-korsijiet huma ta' perijodu totali ta' mhux anqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn disa' snin ta' edukazzjoni obbligatorja, segwita jew minn tliet snin ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata inkella mhux inqas minn tliet snin ta' taħriġ f'ditta u fl-istess ħin fi skola ta' taħriġ professjonali ("Berufsschule"), li t-tnejn li huma jispiċċaw b'eżami, u huma supplimentati bl-ikkompletar b'suċċess ta' kors ta' taħriġ fi skola ta' mgħallem ta' mhux inqas minn sena ("Meisterschule"), klassijiet ta' mgħallem ("Meisterklassen"), skola industrijali ta' mgħallem ("Werkmeisterschule") jew skola għall-artiġjanat fil-bini ("Bauhandwerkerschule"). Fil-maġġoranza tal-każijiet il-perijodu totali huwa ta' mhux inqas minn 15-il sena, li jkun magħmul minn perijodi ta' esperjenza ta' xogħol, li jew jippreċedu l-korsijiet ta' taħriġ f'dawn l-istabbilimenti inkella li huma akkumpanjati minn korsijiet *part-time* (mhux inqas minn 960 siegħa).

L-awtoritajiet Awstrijaki għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

*ANNESS IV*

**ATTIVITAJIET RELATATI MA' KATEGORIJI TA' ESPERJENZA PROFESSJONALI TA' L-ARTIKOLI 17, 18 U 19**

LISTA I

**Gruppi prinċipali koperti mid-Direttiva 64/427/KEE, kif emendata mid-Direttiva 69/77/KEE, u mid-Direttivi 68/366/KEE u 82/489/KEE**

1

Direttiva 64/427/KEE

*(id-Direttiva dwar il-liberalizzazzjoni: 64/429/KEE)*

In-Nomenklatura Nice (li tikkorrispondi għall-Gruppi Prinċipali ISIC 23-40)

| | | |
|---|---|---|
| *Grupp Prinċipali 23* | | *fabbrikazzjoni tat-tessuti* |
| | 232 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għas-suf |
| | 233 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-qoton |
| | 234 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-ħarir |
| | 235 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-kittien u l-qanneb |
| | 236 | Industriji oħra tal-fibra tat-tessuti (il-ġuta, fibri iebsin, eċċ), ċwiemi |
| | 237 | Il-fabbrikazzjoni ta' oġġetti mmaljati u tal-ganċ u |
| | 238 | L-Irfinar tat-tessuti |
| | 239 | Industriji oħra tat-tessuti |
| *Grupp Prinċipali 24* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' żraben, ħwejjeġ ta' l-ilbies u friex* |
| | 241 | Il-fabbrikazzjoni bil-magna taż-żraben (ħlief minn gomma jew injam) |
| | 242 | Il-fabbrikazzjoni u tiswija bl-idejn taż-żraben |
| | 243 | Il-fabbrikazzjoni ta' ħwejjeġ ta' l-ilbies (ħlief pelliċċi) |
| | 244 | Il-fabbrikazzjoni ta' mtieraħ u sodod |
| | 245 | Industriji tal-ġlud u tal-pil |
| *Grupp Prinċipali 25* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' l-injam u tas-sufra, ħlief il-fabbrikazzjoni ta' l-għamara* |
| | 251 | L-issegar u l-preparazzjoni industrijali ta' l-injam |
| | 252 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-injam nofshom lesti |
| | 253 | Il-produzzjoni bis-serje ta' komponenti ta' l-injam għall-bini inklużi l-pavimenti. |
| | 254 | Il-fabbrikazzjoni ta' reċipjenti ta' l-injam |
| | 255 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti oħra ta' l-injam (ħlief għamara) |
| | 259 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tiben, tas-sufra, tal-basktijiet, tal-qasab u tar-rattan, il-produzzjoni ta' xkupilji |
| *Grupp Prinċipali 26* | 260 | *Il-fabbrikazzjoni ta' għamara ta' l-injam* |
| *Grupp Prinċipali 27* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' karta u prodotti tal-karta* |
| | 271 | Il-fabbrikazzjoni ta' polpa, karta u kartun |
| | 272 | L-ipproċessar tal-karta u l-kartun, u l-fabbrikazzjoni ta' artikoli tal-polpa |
| *Grupp Prinċipali 28* | 280 | *L-istampar, l-ippubblikar u industriji alleati* |
| *Grupp Prinċipali 29* | | *L-industrija tal-ġilda* |
| | 291 | Il-konzeriji u impjanti għall-irfinar tal-ġilda |
| | 292 | Il-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-ġilda |

| | | |
|---|---|---|
| *Ex Grupp Prinċipali 30* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik, fibri artifiċjali u prodotti tal-lamtu* |
| | 301 | L-ipproċessar ta' gomma u asbestos |
| | 302 | L-ipproċessar ta' materjali tal-plastik |
| | 303 | Il-produzzjoni ta' fibri artifiċjali |
| *Ex Grupp Prinċipali 31* | | *L-industrija Kimika* |
| | 311 | Il-fabbrikazzjoni ta' materjali ta' bażi kimika u iktar ipproċessar ulterjuri ta' dawn il-materjali |
| | 312 | fabbrikazzjoni speċjalizzata ta' prodotti kimiċi prinċipalment għal skopijiet industrijali u agrikoli (inkluża Il-fabbrikazzjoni għall-użu industrijali ta' xaħmijiet u żjut ta' oriġini veġetali jew annimali li jaqgħu fl-ambitu tal-grupp ISIC 312) |
| | 313 | Il-fabbrikazzjoni speċjalizzata ta' prodotti kimiċi prinċipalment għall-użu domestiku jew fl-uffiċċji [eskluża l-fabbrikazzjoni ta' prodotti mediċi u farmaċewtiċi (ISIC ex Grupp 319)] |
| *Grupp Prinċipali 32* | 320 | *industrija tal-petroleum* |
| *Grupp Prinċipali 33* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti mhux metalliċi minerali* |
| | 331 | Il-fabbrikazzjoni tal-prodotti tat-tafal li jintużaw fl-istrutturi |
| | 332 | Il-fabbrikazzjoni tal-ħġieġ u prodotti tal-ħġieġ |
| | 333 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika, inklużi oġġetti tal-mirja |
| | 334 | Il-fabbrikazzjoni tas-siment, tal-ġir u tal-ġibs |
| | 335 | Il-fabbrikazzjoni ta' materjali għall-istruttura, fil-konkrit, fis-siment u fil-ġibs |
| | 339 | Ix-xogħol tal-ġebel u l-fabbrikazzjoni ta' prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi |
| *Grupp Principali 34* | | *Il-produzzjoni u t-trasformazzjoni primarja ta' metalli li fihom il-ħadid u li ma fihomx il-ħadid* |
| | 341 | L-industrija tal-ħadid u l-azzar (kif definit fit-Trattat tal-KEFA, inklużi impjanti tal-kokk magħquda fl-impriżi ta' l-azzar) |
| | 342 | Il-fabbrikazzjoni tat-tubi ta' l-azzar |
| | 343 | trafilaġġ, ġibda bil-kiesaħ, trembil bil-kiesaħ ta' strippi, ffurmar bil-kiesaħ |
| | 344 | Il-produzzjoni u t-trasformazzjoni primarja ta' metalli li ma fihomx ħadid |
| | 345 | funderiji tal-metall li fih il-ħadid u li ma fihx ħadid |
| *Grupp Prinċipali 35* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-metall (ħlief makkinarji u tagħmir tat-trasport)* |
| | 351 | Il-forġa, l-istampa u l-pressa tqal |
| | 352 | It-trasformazzjoni sekondarja u trattament tas-superfiċi |
| | 353 | L-istrutturi tal-Metalli |
| | 353 | Il-fabbrikazzjoni tal-bojlers, il-fabbrikazzjoni ta' affarijiet industrijali vojta minn ġewwa |
| | 355 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod u strumenti u artikoli lesti tal-metall (ħlief tagħmir elettriku) |
| | 359 | Attivitajiet anċillari ta' inġinerija mekkanika |

| | | |
|---|---|---|
| *Grupp Prinċipali 36* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju barra makkinarju elettriku* |
| | 361 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju agrikolu u tratturi |
| | 362 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju għall-uffiċċju |
| | 363 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod li jaħdmu l-metall u għodod ta' makkinarju oħra u fissi ma' immobbli għal dawn u għal għodod oħra li jaħdmu bl-elettriku |
| | 364 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u aċċessorji għat-tessuti, il-fabbrikazzjoni ta' magni tal-ħjata |
| | 365 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u tagħmir għall-industriji ta' l-ikel u x-xorb u għall-industriji kimiċi u l-allejati tagħhom |
| | 366 | Il-fabbrikazzjoni ta' impjanti u tagħmir għall-mini, funderiji tal-ħadid u l-azzar, u għall-industrija tal-kostruzzjoni; il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir għall-maniġġ mekkaniku |
| | 367 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir għat-trasmissjoni |
| | 368 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju għal skopijiet oħra speċifiċi industrijali |
| | 369 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u tagħmir mhux elettriku |
| *Grupp Prinċipali 37* | | *L-inġinerija elettrika* |
| | 371 | Il-fabbrikazzjoni ta' *wires* elettriċi u cables |
| | 372 | Il-fabbrikazzjoni ta' muturi, ġeneraturi, transformers, affarijiet tas-swiċċijiet u tagħmir simili ieħor għall-provvediment ta' l-elettriku |
| | 373 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir elettriku għall-użu dirett kummerċjali |
| | 374 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni, meters, għodod tal-kejl oħrajn u tagħmir elettromediku |
| | 375 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir elettroniku, riċevituri tar-radju u t-televiżjoni, tagħmir ta' l-awdjo |
| | 376 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod elettroniċi għal użu domestiku |
| | 377 | Il-fabbrikazzjoni ta' lampi u tagħmir ta' illuminazzjoni |
| | 378 | Il-fabbrikazzjoni ta' batteriji u akkumulaturi |
| | 379 | It-tiswija, assemblaġġ u l-istallazzjoni speċjalista ta' tagħmir elettriku |
| *ex Grupp Prinċipali 38* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport* |
| | 383 | Il-fabbrikazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-partijiet tagħhom |
| | 384 | It-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u ċikletti |
| | 385 | Il-fabbrikazzjoni ta' muturi, ċiklettiu l-partijiet tagħhom |
| | 389 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport li mhux ikklassifikat imkien ieħor |
| *Grupp Prinċipali 39* | | *L-industriji tal-fabbrikazzjoni mixxellanji* |
| | 391 | Il-fabbrikazzjoni ta' strumenti ta' preċiżjoni u strumenti tal-kejl u kontroll |
| | 392 | Il-fabbrikazzjoni ta' strumenti mediko-kirurġiċi u tagħmir u strumenti ortopediċi (ħlief żraben ortopediċi) |
| | 393 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir fotografiku u tabib ta' l-għajnejn |
| | 394 | Il-fabbrikazzjoni u t-tiswija ta' arloġġi ta' l-id u arloġġi |
| | 395 | Il-fabbrikazzjoni ta' ġojjellerija u metalli prezzjużi |
| | 396 | Il-fabbrikazzjoni u t-tiswija ta' strumenti mużikali |
| | 397 | Il-fabbrikazzjoni ta' logħob, ġugarelli u affarijiet ta' sport u atletika |
| | 399 | industriji tal-fabbrikazzjoni oħra |

| | | |
|---|---|---|
| *Grupp Prinċipali 40* | | *Il-kostruzzjoni* |
| | 400 | Il-kostruzzjoni (mhux speċjalizzata); demolizzjoni |
| | 401 | Il-kostruzzjoni ta' bini (djar u oħrajn) |
| | 402 | L-inġinerija ċivili; il-kostruzzjoni ta' toroq, pontijiet, ferroviji eċċ |
| | 403 | xogħol ta' stallazzjoni |
| | 404 | Id-dekorazzjoni u l-irfinar |

2

Direttiva 68/366/KEE

*(Direttiva tal-liberalizzazzjoni 68/365/KEE)*

Nomenklatura NICE

| | | |
|---|---|---|
| *Grupp Prinċipali 20A* | 200 | *industriji li jipproduċu xaħam u żjut ta' l-annimali u veġetali* |
| *20 B* | | *industriji tal-fabbrikazzjoni ta' l-ikel (eskluża l-industrija tax-xorb)* |
| | 201 | Il-qtil, il-preparazzjoni u l-preservazzjoni tal-laħam |
| | 202 | Il-ħalib u l-industrija tal-prodotti tal-ħalib |
| | 203 | L-ippakkjar fil-laned u l-ippreservar ta' frottijiet u ħxejjex |
| | 204 | L-ippakkjar fil-laned u l-ppreservar ta' ħut u frott tal-baħar |
| | 205 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti mill-qamħ |
| | 206 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-forn, inklużi biskuttelli u gallettini |
| | 207 | L-industrija taz-zokkor |
| | 208 | Il-fabbrikazzjoni ta' kawkaw, ċikkulata, u ħelu |
| | 209 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel mixxellanji |
| *Grupp Prinċipali 21* | | *industrija tax-xorb* |
| | 211 | Il-produzzjoni ta' alkoħol etiliku permezz tal-fermentazzjoni, il-produzzjoni ta' ħmira u spirti |
| | 212 | Il-produzzjoni ta' nbid u xorb ieħor alkoħoliku bla xgħir |
| | 213 | tisjir tal-birra u tax-xgħir |
| | 214 | L-industriji tas-soft drinks u ilma kkarbonat |
| *ex 30* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-gomma, materjali tal-plastik, fibri artifiċjali u sintetiċi u prodotti tal-lamtu* |
| | 304 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-lamtu |

3

Direttiva 82/489/KEE

Nomenklatura ISIC

| | | |
|---|---|---|
| *Ex 855* | | *Il-Parrukkerija (esklużi s-servizzi ta' kiropodisti u beauticians professjonali u skejjel għat-taħriġ tal-parrukkiera)* |

LISTA II

**Gruppi prinċipali tad-Direttivi 75/368/EEC, 75/369/EEC and 82/470/EEC**

1

Direttiva 75/368/KEE (attivitajiet elenkati fl-Artikolu 5(1))

Nomenklatura ISIC

| | | |
|---|---|---|
| *Ex 04* | | *is-sajd* |
| | 043 | Is-sajd fl-ilmijiet interni |
| *Ex 38* | | *Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport* |
| | 381 | bini u t-tiswija tal-vapuri |
| | 382 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tal-ferroviji |
| | 386 | Il-fabbrikazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru (inkluż tagħmir għall-ispazju) |
| *Ex 71* | | *Attivitajiet relatati mat-trasport u attivitajiet barra t-trasport li jaqgħu taħt il-gruppi li ġejjin:* |
| | Ex 711 | Servizzi ta' wagon-lit; il-manutenzjoni ta' tagħmir tal-ferroviji f'barrakki tat-tiswija; it-tindif tal-vaguni |
| | Ex 712 | Il-manutenzjoni tat-tagħmir tat-trasport urban, suburban u interurban ta' passiġġieri |
| | Ex 713 | Il-manutenzjoni ta' tagħmir għal trasport ieħor fuq l-art tal-passiġġieri (bħal vetturi bil-mutur, coaches, taxis) |
| | Eż 714 | L-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' servizzi ta' sostenn għat-trasport fit-toroq (bħal toroq, mini, u pontijiet li tħallas għalihom, parkeġġi għall-karozzi, postijiet ta' karozzi tal-linja u trammijiet) |
| | Ex 716 | attivitajiet relatati mat-trasport fl-ilmijiet interni (bħall-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' kanali, portijiet u stallazzjonijiet oħra għal trasport fl-ilmijiet interni; servizzi ta' rmonk u pilotaġġ fil-portijiet, tfigħ ta' bagi, it-tagħbija u l-ħatt ta' bastimenti u attivitajiet simili, per eżempju is-salvataġġ ta' vapuri, l-irmonk u l-operazzjoni ta' boathouses) |
| *73* | | *Il-komunikazzjoni: servizzi postali u telekomunikazzjonijiet* |
| *Ex 85* | | *servizzi personali* |
| | 854 | laundries u servizzi ta' laundry, dry-cleaning u żeba' |
| | Ex 856 | studji fotografiċi: ritratti u fotografija kummerċjali, ħlief fotografi ġurnalistiċi |
| | Ex 859 | servizzi personali li mhumiex klassifikati mkien ieħor (il-manutenzjoni u tindif ta' bini jew akkomodazzjoni biss) |

2

Direttiva 75/369/KEE (Artikolu 6: meta l-attività hi meqjusa li tkun ta' natura industrijali jew ta' snajja)

Nomenklatura ISIC

L-attivitajiet itineranti li ġejjin:

(a) ix-xiri u l-bejgħ ta' oġġetti:

— minn kummerċjanti itineranti, *hawkers* jew bejjiegħa minn bieb għal bieb (ex Grupp ISIC 612);

— fi swieq koperti barra minn stallazzjonijiet fissi u fi swieq fil-miftuħ;

(b) attivitajiet koperti minn miżuri transitorji diġà adottati li espressament jeskludu jew ma jsemmux it-twettiq ta' dawn l-attivitajiet fuq bażi itineranti.

3

Direttiva 82/470/EEC (Artikolu 6(1) u (3))

Gruppi 718 u 720 tan-nomenklatura ISIC

L-attivitajiet jinkludu b'mod partikolari:

— l-organizzazzjoni, l-offerta għall-bejgħ u l-bejgħ, dirett jew a bażi ta' kommissjoni, oġġetti singoli jew kollettivi (trasport, bord, akkomodazzjoni, eskursjonijiet, eċċ) għal vjaġġ jew soġġorn, ikunu x' ikunu r-raġunijiet għall-vjaġġ (Artikolu 2(B)(a)).

— li jaġixxu bħala intermedjarji bejn kuntratturi għal metodi varji ta' trasport u persuni li jibagħtu u jirċievu oġġetti, u jwettqu attivitajiet relatati:

(aa) billi jikkonkludu kuntratti ma' kuntratturi ta' trasport, għan-nom tal-prinċipali

(bb) billi jagħżlu l-metodu ta' trasport, id-ditta u r-rotta kkunsidrata l-aktar ta' profitt għall-prinċipal

(ċċ) billi jorganizzaw l-aspetti tekniċi ta' l-operazzjoni ta' trasport (eż. l-imballaġġ meħtieġ għat-trasport); billi jwettqu operazzjonijiet varji inċidentali għat-trasport (eż: li jiżguraw li hemm biżżejjed silġ fil-vaguni refriġerati)

(dd) billi jikkompletaw il-formalitajiet konnessi mat-trasport bħat-tfassil tal-listi tal-passiġġieri; bl-assemblaġġ u d-distribuzzjoni ta' tagħbija

(ee) billi jikkordinaw l-istadji varji ta' trasportazzjoni, billi jiżguraw it-tranżit, ir-ritrasbord, it-trasbord u operazzjonijiet oħrajn fid-destinazzjoni

(ff) billi jirranġaw kemm il-merkanzija kif ukoll it-trasportaturi u l-mezzi ta' trasport għal persuni li jikkunsinnaw l-oġġetti jew li jirċevuhom:

— l-istima ta' l-ispejjeż tat-trasport u l-kontroll tal-kontijiet iddettaljati

— billi jieħdu ċerti miżuri temporanji jew permanenti fl-isem u għan-nom tas-sid ta' vapur jew xi trasportatur ieħor bil-baħar (ma' l-awtoritajiet tal-port, burdnara eċċ)

[L-attivitajiet elenkati taħt l-Artikolu 2(A)(a), (b) u (d)].

LISTA III

**Direttivi 64/222/KEE, 68/364/KEE, 68/368/KEE, 75/368/KEE, 75/369/KEE, 70/523/KEE and 82/470/KEE**

1

Direttiva 64/222/KEE

*(Direttivi ta' liberalizzazzjoni: 64/223/KEE and 64/224/KEE)*

1. Attivitajiet professjonali ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-ingrossa, bl-eċċezzjoni ta' kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali u farmaċewtiċi, ta' prodotti tossiċi, u patoġeni u fil-faħam (ex Grupp 611).

2. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jidħol f'operazzjonijiet kummerċjali f'ismu għan-nom ta' ħaddieħor.

3. l-attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li, filwaqt li ma jkunx mogħti istruzzjonijiet permanenti jġib flimkien persuni li jixtiequ jidħlu f'kuntratt dirett ma' xulxin jew jorganizza in-negozji tagħhom jew jassistihom fit-tlestija tagħhom.

4. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jidħol f'operazzjonijiet kummerċjali f'ismu għan-nom ta' ħaddieħor.

5. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jwettaq bejgħ bl-ingrossa permezz ta' rkant għan-nom ta' ħaddieħor.

6. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jmur minn bieb għal bieb ifittex l-ordnijiet.

7. provvediment ta' servizzi, permezz ta' attivitajiet professjonali, permezz ta' intermedjarju fl-impjieg ta' impriża waħda jew aktar kummerċjali, industrijali jew ta' artiġjanat.

2

Direttiva 68/364/KEE

*(Direttiva ta' liberalizzazzjoni: 68/363/KEE)*

| | |
|---|---|
| *Ex ISIC Grupp 612:* | *Kummerċ bl-imnut* |
| | Attivitajiet esklużi: |
| 012 | Il-kiri ta' makkinarju ta' l-agrikoltura |
| 640 | proprjetà, kiri ta' proprjetà |
| 713 | kiri ta' karozzi, karozzini u żwiemel |
| 718 | kiri ta' vaguni tal-merkanzija u vaguni tal-passiġġieri |
| 839 | kiri ta' makkinarju lill-impriżi kummerċjali |
| 841 | Il-prenotazzjoni ta' postijiet taċ-ċinema u l-kiri ta' films ċinematografiċi |
| 842 | Il-prenotazzjoni ta' postijiet tat-teatru u l-kiri ta' tagħmir teatrali |
| 843 | Il-kiri ta' dgħajjes, roti, magni li jaħdmu bil-flus għall-logħob ta' kapaċità jew ażżard |
| 853 | Il-kiri ta' kmamar ammobbiliti |
| 854 | Il-kiri ta' għażel maħsul |
| 859 | Il-kiri ta' ħwejjeġ |

3

Direttiva 68/368/KEE

*(Direttiva ta' liberalizzazzjoni 68/367/KEE)*

Nomenklatura ISIC

*ISIC ex Grupp Prinċipali 85:*

1. Ristoranti, kafejiet, taverni u postijiet oħra ta' l-ikel u x-xorb (Grupp ISIC 852).

2. Lukandi, kmamar għall-kiri, kampijiet u postijiet oħra ta' alloġġ (Grupp ISIC 853).

4

Direttiva 75/368/KEE (Artikolu 7)

L-attivitajiet kollha elenkati fl-Anness mad-Direttiva 75/368/KEE, ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva (Lista II, punt 1, ta' dan l-Anness).

Nomenklatura ISIC

| | | |
|---|---|---|
| *Ex 62* | | *banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra* |
| | Ex 620 | xiri ta' privattiva u impriżi ta' liċenzji |
| *Ex 71* | | *trasport* |
| | Ex 713 | trasport bit-triq tal-passiġġieri, barra t-trasportazzjoni permezz ta' vetturi bil-mutur |
| | Ex719 | it-trasport permezz ta' *pipelines* ta' idrokarburi likwidi u prodotti kimiċi likwidi oħra |
| *Ex 82* | | *servizzi komunitarji* |
| | 827 | libreriji, mużewijiet, ġonna botaniċi u żooloġiċi |

| | | |
|---|---|---|
| *Ex 84* | | *servizzi ta' rekreazzjoni* |
| | 843 | servizzi ta' rekreazzjoni li mhumiex klassifikati x'imkien ieħor:<br>— attivitajiet ta' sports (grounds ta' l-isport, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' l-isport eċċ) ħlief l-attivitajiet ta' edukatur ta' l-isport<br>— logħob (stallel għal żwiemel tat-tlielaq, spazji tal-logħob, korsi għall-ġiri, eċċ)<br>— attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni (ċirkli, postijiet tad-divertiment u divertimenti oħra) |
| *Ex 85* | | *servizzi personali* |
| | Ex 851 | servizzi domestiċi |
| | Ex 855 | swali tas-sbuħija u servizzi ta' manikura, barra servizzi ta' kiropodisti u beauticians professjonali u skejjel għat-taħriġ tal-parrukkiera |
| | Ex 859 | servizzi personali li mhumiex klassifikati mkien ieħor, barra massaġġaturi ta' l-isport u paramediċi u gwidi tal-muntanji, maqsuma fil-gruppi li ġejjin:<br>— id-diżinfettar u l-kontroll ta' l-insetti<br>— il-kiri ta' ħwejjeġ u faċilitajiet għall-magazzinaġġ<br>— uffiċċji taż-żwieġ u servizzi simili<br>— astroloġija u l-qari tax-xorti u simili<br>— servizzi sanitarji u attivitajiet relatati magħhom<br>— kummissjonanti għall-funerali u l-manutenzjoni taċ-ċimiterji<br>— kurrieri u gwidi-interpreti |

## 5

## Direttiva 75/369/KEE (Artikolu 5)

L-attivitajiet itineranti li ġejjin:

(a) ix-xiri u l-bejgħ ta' oġġetti:

— minn kummerċjant itineranti, bejjiegħa jew bejjiegħa minn bieb għal bieb (ex Grupp ISIC 612)

— fi swieq koperti barra minn istallazzjonijiet fissi u fi swieq fil-miftuħ

(b) attivitajiet koperti minn miżuri transitorji diġà adottati li espressament jeskludu jew ma jsemmux it-twettiq ta' dawn l-attivitajiet fuq bażi itineranti.

## 6

## Direttiva 70/523/EEC

Attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-ingross tal-faħam u l-attivitajiet ta' intermedjarji fil-kummerċ tal-faħam (ex Grupp 6112, ISIC Nomenklatura)

## 7

## Direttiva 82/470/KEE (Artikolu 6(2))

[Attivitajiet elenkati fl-Artikolu 2(A)(ċ) u (e), (B)(b), (Ċ) u(D)]

Dawn l-attivtajiet jinkludu b'mod partikolari:

— il-kiri ta' karozzi jew vaguni tal-ferroviji għat-trasport ta' persuni jew oġġetti

— li jaġixxu bħala intermedjarji fil-bejgħ, fix-xiri jew fil-kiri ta' bastimenti

— il-preparazzjoni, in-negozju u l-konklużjoni ta' kuntratti għat-trasport ta' emigranti

— li jkunu jirċievu l-oġġetti u l-merkanzija kollha depożitati, għan-nom tad-depożitant, kemm jekk taħt il-kontroll tad-dwana u kemm jekk le, f'imħażen, magazzini ġenerali, postijiet għall-għamara, coldstores, silos eċċ.

— il-fornitura lid-depożitant b' irċevuta għall-oġġett jew għall-merkanzija depożitata

— il-provvediment ta' reċinti, għalf, u postijiet għall-bejgħ għal bhejjem li jkunu temporarjament miżmuma filwaqt li jkunu qed jistennew il-bejgħ jew waqt transitu għal jew mis-suq

— it-twettiq ta' ispezzjoni jew il-valutazzjoni teknika ta' vetturi bil-mutur

— il-kejl, l-użin u l-ikkalkular ta' l-oġġetti.

*ANNESS V*

# Rikonoxximent abbażi tal-kordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ

## V.1. TABIB TAL-MEDIĊINA

5.1.2. *Provi ta' kwalifiki formali f'taħriġ mediku bażiku*

| Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jaghti l-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpannja l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| België/Belgique/Belgien | Diploma van arts / Diplôme de docteur en médecine | — Les universités / De universiteiten<br>— Le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française / De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap | | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Česká republika | Diplom o ukončení studia ve studijním programu všeobecné lékařství (doktor medicíny, MUDr.) | Lékářská fakulta univerzity v České republice | — Vysvědčení o státní rigorózní zkoušce | 1 ta' Mejju 2004 |
| Danmark | Bevis for bestået lægevidenskabelig embedseksamen | Medicinsk universitetsfakultet | — Autorisation som læge, udstedt af Sundhedsstyrelsen og<br>— Tilladelse til selvstændigt virke som læge (dokumentation for gennemført praktisk uddannelse), udstedt af Sundhedsstyrelsen | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Deutschland | — Zeugnis über die Ärztliche Prüfung<br>— Zeugnis über die Ärztliche Staatsprüfung und Zeugnis über die Vorbereitungszeit als Medizinalassistent, soweit diese nach den deutschen Rechtsvorschriften noch für den Abschluss der ärztlichen Ausbildung vorgesehen war | Zuständige Behörden | Bescheinigung über die Ableistung der Tätigkeit als Arzt im Praktikum | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Eesti | Diplom arstiteaduse õppekava läbimise kohta | Tartu Ülikool | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Ελλάς | Πτυχίο Ιατρικής | — Ιατρική Σχολή Πανεπιστημίου,<br>— Σχολή Επιστημών Υγείας, Τμήμα Ιατρικής Πανεπιστημίου | | 1 ta' Jannar 1981 |
| España | Título de Licenciado en Medicina y Cirugía | — Ministerio de Educación y Cultura<br>— El rector de una Universidad | | 1 ta' Jannar 1986 |
| France | Diplôme d'État de docteur en médecine | Universités | | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Ireland | Primary qualification | Competent examining body | Certificate of experience | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Italia | Diploma di laurea in medicina e chirurgia | Università | Diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia | 20 ta' Diċembru 1976 |

| Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jaghti l-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpannja l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Κύπρος | Πιστοποιητικό Εγγραφής Ιατρού | Ιατρικό Συμβούλιο | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Latvija | ārsta diploms | Universitātes tipa augstskola | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Lietuva | Aukštojo mokslo diplomas, nurodantis suteiktą gydytojo kvalifikaciją | Universitetas | Internatūros paymėjimas, nurodantis suteiktą medicinos gydytojo profesinę kvalifikaciją | 1 ta' Mejju 2004 |
| Luxembourg | Diplôme d'État de docteur en médecine, chirurgie et accouchements | Jury d'examen d'État | Certificat de stage | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Magyar-ország | Általános orvos oklevél (doctor medicinae universae, abbrev.: dr. med. univ.) | Egyetem | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Malta | Lawrja ta' Tabib tal-Mediċina u l-Kirurġija | Universita´ ta' Malta | Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Kunsill Mediku | 1 ta' Mejju 2004 |
| Nederland | Getuigschrift van met goed gevolg afgelegd artsexamen | Faculteit Geneeskunde | | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Österreich | 1. Urkunde über die Verleihung des akademischen Grades Doktor der gesamten Heilkunde (bzw. Doctor medicinae universae, Dr.med.univ.)<br>2. Diplom über die spezifische Ausbildung zum Arzt für Allgemeinmedizin bzw. Facharztdiplom | 1. Medizinische Fakultät einer Universität<br>2. Österreichische Ärztekammer | | 1 ta' Jannar 1994 |
| Polska | Dyplom ukończenia studiów wyższych na kierunku lekarskim z tytułem "lekarza" | 1. Akademia Medyczna<br>2. Uniwersytet Medyczny<br>3. Collegium Medicum Uniwersytetu Jagiellońskiego | Lekarski Egzamin Państwowy | 1. Akademia Medyczna |
| Portugal | Carta de Curso de licenciatura em medicina | Universidades | Diploma comprovativo da conclusão do internato geral emitido pelo Ministério da Saúde | 1 ta' Jannar 1986 |
| Slovenija | Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov "doktor medicine/doktorica medicine" | Univerza | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Slovensko | Vysokoškolský diplom o udelení akademického titulu "doktor medicíny" ("MUDr.") | Vysoká škola | | 1 ta' Mejju 2004 |
| Suomi/Finland | Lääketieteen lisensiaatin tutkinto / Medicine licentiatexamen | — Helsingin yliopisto/Helsingfors universitet<br>— Kuopion yliopisto<br>— Oulun yliopisto<br>— Tampereen yliopisto<br>— Turun yliopisto | Todistus lääkärin perusterveydenhuollon lisäkoulutuksesta / Examenbevis om tilläggsutbildning för läkare inom primärvården | 1 ta' Jannar 1994 |
| Sverige | Läkarexamen | Universitet | Bevis om praktisk utbildning som utfärdas av Socialstyrelsen | 1 ta' Jannar 1994 |
| United Kingdom | Primary qualification | Competent examining body | Certificate of experience | 20 ta' Diċembru 1976 |

5.1.2. *Prova ta' kwalifiki formali ta' tobba speċjalizzati*

| Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|
| België/Belgique/Belgien | Bijzondere beroepstitel van geneesheer-specialist / Titre professionnel particulier de médecin spécialiste | Minister bevoegd voor Volksgezondheid / Ministre de la Santé publique | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Česká republika | Diplom o specializaci | Ministerstvo zdravotnictví | 1 ta' Mejju 2004 |
| Danmark | Bevis for tilladelse til at betegne sig som speciallæge | Sundhedsstyrelsen | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Deutschland | Fachärztliche Anerkennung | Landesärztekammer | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Eesti | Residentuuri lõputnnistus eriarstiabi erialal | Tartu Ülikool | 1 ta' Mejju 2004 |
| Ελλάς | Τίτλος Ιατρικής Ειδικότητας | 1. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση<br>2. Νομαρχία | 1 ta' Jannar 1981 |
| España | Título de Especialista | Ministerio de Educación y Cultura | 1 ta' Jannar 1986 |
| France | 1. Certificat d'études spéciales de médecine<br>2. Attestation de médecin spécialiste qualifié<br>3. Certificat d'études spéciales de médecine<br>4. Diplôme d'études spécialisées ou spécialisation complémentaire qualifiante de médecine | 1. Universités<br>2. Conseil de l'Ordre des médecins<br>3. Universités<br>4. Universités | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Ireland | Certificate of Specialist doctor | Competent authority | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Italia | Diploma di medico specialista | Università | 20 ta' Diċembru 1976 |
| Κύπρος | Πιστοποιητικό Αναγνώρισης Ειδικότητας | Ιατρικό Συμβούλιο | 1 ta' Mejju 2004 |
| Latvija | "Sertifikāts"–kompetentu iestāžu izsniegts dokuments, kas apliecina, ka persona ir nokārtojusi sertifikācijas eksāmenu specialitātē | Latvijas Ārstu biedrība<br>Latvijas Ārstniecības personu profesionālo organizāciju savienība | 1 ta' Mejju 2004 |
| Lietuva | Rezidentūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą gydytojo specialisto profesinę kvalifikaciją | Universitetas | 1 ta' Mejju 2004 |
8. Sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn din id-Direttiva u Direttivi eżistenti oħra li mhumiex dawk li ġew imħassra mill-Artikolu 57 tal-proposta (Artikolu 61 tal-posizzjoni komuni) ([5]), il-Kunsill żied *paragrafu 3 ġdid fl-Artikolu 2* u *premessa ġdida* (premessa 37 tal-posizzjoni komuni).

9. Il-Parlament Ewropew ppropona *paragrafu 2a ġdid fl-Artikolu 2,* li jeskludi n-nutara mill-firxa ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kunsill ma aċċettax din l-emenda għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

---

([1]) ĠU C 181E, 30.7.2002, p. 183.
([2]) ĠU L 61, 14.3.2003, p. 67.
([3]) ĠU C 97 E, 22.4.2004, p. 231.
([4]) KUM(2004) 317 - 8722/04
([5]) Il-posizzjoni komuni tuża numri kontinwi. Fejn dan jirriżulta f'premessi, l-Artikoli u/jew il-paragrafi li għandhom numri differenti fil-posizzjoni komuni minn dawk fil-proposta tal-Kummissjoni, id-dokument preżenti jsemmi kemm in-numru fil-proposta tal-Kummissjoni u n-numru fil-posizzjoni komuni.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill aċċetta l-ispirtu ta' l-emenda 31tal-Parlament Ewropew fil-*premessa 31* (premessa 36 tal-posizzjoni komuni), waqt li jallinja l-kliem iktar mill-qrib fuq dak ta' l-Artikolu 45 tat-Trattat tal-KE. Barra minn hekk, il-Kunsill jikkunsidra superfluwu li jiġi mistqarr li Direttiva hi mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tat-Trattat (Artikoli 45 u 39(4)) u għalhekk ħassar din l-istqarrija minn din il-premessa. Il-Kunsill jikkunsidra wkoll li r-referenza għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur jisthoqqilha *premessa separata* (premessa 38 tal-posizzjoni komuni).

10. Il-Parlament Ewropew ppropona *Artikolu 2a ġdid*, li jestendi l-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (emenda 36). Il-Kunsill ma aċċettax din l-emenda għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Għal raġunijiet simili, il-Kunsill illimita l-applikazzjoni ta' l-*Artikolu 2(2)* għal "ċittadini ta' Stat Membru".

11. Fl-*Artikolu 3(1)*, il-Kunsill żied definizzjonijiet ulterjuri *(d) sa (h)*, li jieħdu kontroll ta' definizzjonijiet diġà wżati f'Direttivi eżistenti. B'mod simili, il-Kunsill żied kjarifika ulterjuri għall-*Artikolu 3(1)(a) u (2)*, billi uża l-kliem meħud mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/51/KEE.

12. Il-Parlament Ewropew ppropona li jżid definizzjoni ta' "professjoni libera" fl-*Artikolu 3(1)* (emenda 37). Il-Kunsill ma aċċettax din l-emenda għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

13. Il-Parlament Ewropew ppropona żieda għall-*Artikolu 3(3)* (emenda 38). Il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li din iż-żieda hi superfluwa u għalhekk ma aċċettatax.

14. Il-Parlament Ewropew ppropona (emenda 39) li tirreferi mhux biss għad-drittijiet imma wkoll għall-obbligi fl-*Artikolu 4(1)*. Il-Kummissjoni taċċetta din l-emenda in prinċipju fil-proposta emendata tagħha, waqt li tippreferi tuża t-terminoloġija tad-Direttivi 89/48/KEE u 92/51/KEE ("l-istess kondizzjonijiet"). Il-Kunsill segwa l-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

15. L-*Artikolu 4(3)* tal-proposta tal-Kummissjoni jikkonċerna s-sitwazzjoni fejn il-professjoni li għaliha l-applikant hu kkwalifikat fl-Istat Membru ta' oriġini tikkostitwixxi attività awtonima ta' professjoni li tkopri qasam iktar wiesa' ta' attivitajiet fl-Istat Membru li jospita; l-artikolu teħtieġ li r-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' l-applikant jagħtuh aċċess għal dik l-attività waħedha fl-Istati Membru li jospita jekk id-differenza hi kbira wisq biex tiġi kkumpensata minn miżura ta' kumpens taħt l-Artikolu 14. Il-Kunsill huwa kontra obbligu fuq l-Istati Membri biex jingħata aċċess parzjali lil professjoni f'dan il-mod u għalhekk *ħassar* din id-disposizzjoni. Bħala konsegwenza ta' dan, l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew għall-Artikolu 4(3) (emendi 41 u 139) mhumiex meħtieġa iżjed. Il-Kunsill ħassar ukoll it-*tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 48(1)* bħala inutli fl-assenza ta' l-Artikolu 4(3) ( dan jikkorrispondi ma' l-emenda 112 tal-Parlament Ewropew).

**Titolu II — Proviżjon libera ta' servizzi**

16. Id-Direttivi eżistenti tas-"sistema ġenerali" ma fihomx disposizzjonijiet speċifiċi dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għad-disposizzjonijiet transkonfini ta' servizzi. L-għan tat-Titolu II tal-proposta tal-Kummissjoni hu li jistabbilixxi disposizzjonijiet li jagħmluha ċara li kondizzjonijiet inqas onerużi għandhom japplikaw għall-proviżjon transkonfini temporanja u okkażjonali ta' servizzi milli japplikaw għad-dritt ta' stabbiliment, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kunsill, waqt li jaqbel ma' dan l-għan, introduċa numru ta' bidliet intiżi prinċipalmenti biex jsibu bilanċ aħjar bejn il-faċilitazzjoni ta' proviżjon ta' servizzi transkonfini fuq bażi temporanja u okkażjonali minnaħa waħda u rispett strett għas-saħħa u s-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur minnaħa l-oħra. Dawn il-bidliet huma mfissra f'iktar dettal hawn taħt.

17. Il-Kummissjoni pproponiet fl-*Artikolu 5(2)* preżeunzjoni li l-proviżjon ta' servizz transkonfini fuq bażi temporanja u okkażjonali ma jeċċedix sittax-il ġimgħa kull sena. Il-Parlament Ewropew (emendi 45 u 4) ppropona t-tneħħija ta' din il-preżunzjoni. Il-Kunsill jaqbel mal-Parlament Ewropew li l-ebda kriterju taż-żmien wieħed ma jkun xieraq għall-professjonijiet kollha u fiċ-ċirkustanzi kollha, u għalhekk għażel disposizzjoni li permezz tagħha n-natura temporanja u okkażjonali tal-proviżjon ta' servizzi għandha tiġi valutata każ b'każ, b'mod partikolari fir-rigward tad-dewmien, il-frekwenza, ir-regolarità u l-kontinwità tagħha. Il-*Premessa 5* ġiet adattata wkoll għaldaqstant.

18. L-*Artikolu 5(1)(b)* tal-proposta fih kondizzjoni li min jipprovdi s-servizz ipprattika l-professjoni konċernata għal mill-inqas sentejn fl-Istat Membru ta' stabbiliment f'każijiet fejn il-professjoni mhix regolata fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Il-Kunsill jikkunsidra li, fl-interessi tal-protezzjoni tal-konsumatur, dawn is-sentejn għandhom jaqgħu fl-aħħar għaxar snin qabel il-proviżjon tas-servizz. Jikkunsidra wkoll li l-ħtieġa ta' sentejn għandha tapplika fejn, għalkemm il-professjoni kkonċernata mhix regolata fl-Istat Membru ta' stabbiliment, l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-professjoni huma regolati.

19. Il-Kunsill jikkunsidra li, fejn il-proviżjon ta' servizz temporanju jew okkażjonali jinvolvi l-preżenza fiżika ta' min jipprovdi s-servizz fl-Istat Membru li jospita, min jipprovdi s-servizz għandu jkun soġġett għal ċerti disposizzjonijiet dixxiplinari ta' l-Istat Membru li jospita fl-interess tal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, l-*Artikolu 5(3)* tal-posizzjoni komuni u l-premessa li takkumpanjaha (*premessa 8* tal-posizzjoni komuni) jillimitaw id-diposizzjonijiet dixxiplinari applikabbli għal dawk li huma rilevanti b'mod strett.

20. L-*Artikolu 6(a)* tal-proposta jeżenta forrnituri temporanji jew okkażjonali ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor mill-ħtiġiet relatati ma' awtorizzazzjoni minn, reġistrazzjoni ma', jew sħubija fi, organizzazzjoni jew korp professjonali fl-Istat Membru li jospita. Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet dixxiplinari ta' l-Istat Membru fejn meħtieġ (ara punt 19 hawn fuq), il-Kunsill żied il-possibbilità għall-Istati Membri biex jidderogaw minn din l-eżenzjoni billi jipprovdu għar-reġistrazzjoni temporanja awtomatika bi, jew sħubija pro forma fi, tali organizzazzjoni jew korp. Din id-deroga hi bbażata in parti fuq l-emendi tal-Parlament Ewropew 141 u 5, li jinkludu l-proviso li tali reġistrazzjoni jew sħubija ma għandhomx idewwmu jew jikkumplikaw f'kwalunkwe mod il-proviżjon ta' servizzi u ma għandhomx jinkludu spejjeż addizzjonali għal min jipprovdi s-servizz. Fid-dawl ta' din id-deroga ġenerali, il-Kunsill ma jikkunsidrax li hu meħtieġ li tiġi magħmula deroga speċifika mill-Artikolu 6 għal dawk li jipprovdu s-servizzi li huma soġġetti għal reġim ta' responsabbilità professjonali speċjali, kif propost mill-Parlament Ewropew fl-emendi 189 u 143.

21. Taħt l-*Artikolu 7* tal-proposta tal-Kummissjoni, min jipprovdi s-servizz li jiċċaqlaq għall-Istat Membru li jospita biex jipprovdi servizzi fuq bażi temporanja jew okkażjonali jkun meħtieġ li jinforma minn qabel lill-punt ta' kuntatt ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment. Il-Parlament Ewropew ppropona (emenda 50) li għandu jinforma l-korpi kompetenti kemm fl-Istat Membru ta' stabbiliment u fl-Istat Membru li jospita, kif ukoll jimponi obbligi fuq il-korp kompetenti fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Il-Kunsill jikkunsidra fil-posizzjoni komuni tiegħu li l-korp xieraq li għandu jiġi nfurmat hu l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li jospita, li għandu jkun konxju li min jipprovdi s-servizz qed jipprovdi servizz fit-territorju tiegħu; li jinħtieġ li min jipprovdi s-servizzi jinforma ż-żewġ Stati Membri u li jiġu imponuti kompiti amministrattivi ulterjuri fuq l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment (kif ippropona l-Parlament Ewropew) imur kontra l-għan ta' faċilitazzjoni ta' proviżjon ta' servizz transkonfini. Barra minn hekk, il-Kunsill jikkunsidra li min jipprovdi s-servizz għandu jagħmel dikjarazzjoni korrispondenti biss jekk l-Istat Membru li jospita hekk jeħtieġ, u li din id-dikjarazzjoni tista' tkun meħtieġa bissa fl-ewwel okkażjoni meta min jipprovdi s-servizz jiċċaqlaq għall-Istat Membru li jospita biex jipprovdi servizz u minn hemm 'il quddiem darba kull sena jekk bi ħsiebu jipprovdi tali servizzi fl-Istat Membru li jospita f'dik is-sena (*Artikolu 7(1)* tal-posizzjoni komuni). Il-Kunsill introduċa wkoll il-possibbilità għall-Istati Membri biex jeħtieġu li d-dikjarazzjoni tiġi akkumpanjata minn numru limitat ta' dokumenti (*Artikolu 7(2)* u *premessa 7* tal-posizzjoni komuni).

22. Il-Kunsill jikkunsidra li d-disposizzjoni dwar it-titolu professjonali li taħtu servizzi transkonfini temporanji u okkażjonali għandhom jiġu provduti għandu jagħmel parti mill-*Artikolu 7*, minflok mill-*Artikolu 5(3)* kif propost mill-Kummissjoni. Għalhekk jidher bħala l-*Artikolu 7(3)* fil-posizzjoni komuni. Barra minn hekk, il-Kunsill għamel deroga fi żewġ każijiet speċifiċi mill-prinċipju ġenerali li tali servizzi għandhom jiġu provduti taħt it-titolu professjonali ta’ l-Istat Membru ta’ stabbiliment: għandhom jiġu provduti taħt it-titolu professjonali ta’ l-Istat Membru li jospita fil-każijiet stabbiliti fl-aħħar sentenza ta’ l-Artikolu 7(3) u fl-aħħar subparagrafu ta’ l-Artikolu 7(4) tal-posizzjoni komuni.

23. Il-Kunsill introduċa l-possibbilità għall-kwalifiki professjonali ta’ min jipprovdi s-servizzi transkonfini temporanji u okkażjonali li jiġu kontrollati qabel l-ewwel proviżjon ta’ servizzi f’każijiet definiti b’mod ċar: fil-każ ta’ professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà pubblika, li ma jibbenefikawx minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu II, Kapitolu II; biss fejn l-għan tal-kontroll hu li tiġi evitata ħsara serja lis-saħħa u s-sigurtà ta’ min jirċievi s-servizz minħabba nuqqas ta’ kwalifika professjonali ta’ min jipprovdi s-servizz u fejn dan ma jmurx lill hinn minn dak li hu meħtieġ għall-għanijiet (*Artikolu 7(4)* u *premessa* 6 tal-posizzjoni komuni).

24. Il-Kunsill neħħa mill-punti li l-Istat Membru li jospita jista’ jitlob mill-Istat Membru ta’ stabbiliment taħt l-*Artikolu 8*, prova taċ-ċittadinanza ta’ min jipprovdi s-servizz u prova li jissodisfa l-ħtieġa ta’ l-Artikolu 5(1)(b), billi dawn huma elementi li min jipprovdi s-servizz innifsu jista’ jkun meħtieġ jipprovdi taħt l-*Artikolu 7(2)(a) u (d)* tal-posizzjoni komuni. Min-naħa l-oħra, fl-interessi ta’ protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tar-reċipjent tas-servizz, il-Kunsill żied il-possibbilità għall-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istat Membru li jospita li jistaqsi lill-kontraparti tiegħu fl-Istat Membru ta’ stabbiliment biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni dwar l-assenza ta’ kwalunkwe sanzjonijiet dixxiplinari jew kriminali ta’ natura professjonali (*Artikolu 8(1)* tal-posizzjoni komuni). Il-Kunsill żied ukoll, għall-istess raġuni, disposizzjoni li tikkonċerna l-iskambju ta’ informazzjoni fil-kuntest ta’ ilment kontra min jipprovdi servizz (*Artikolu 8(2)* tal-posizzjoni komuni).

25. Il-Kunsill jikkunsidra li l-ħtieġa li l-Istati Membri jobbligaw lil min jipprovdi servizz biex jipprovdi lill-furnitur tas-servizz bl-informazzjoni kollha stabbilita fl-*Artikolu 9* fil-każijiet kollha tkun qed timponi piż amministrattiv mhux meħtieġ kemm fuq l-Istati Membri u fuq min jipprovdi s-servizz. B’konsegwenza, il-Kunsill ta lill-Istati Membri l-għażla li jeħtieġu lil min jipprovdi s-servizz jipprovdi kwalunkwe jew kull wieħed mill-punti ta’ informazzjoni elenkatai u eskluda mill-għażla l-każijiet fejn is-servizz hu provdut taħt it-titolu professjonali ta’ Stat Membru li jospita. Il-Kunsill ħassar mil-lista bħala mhux meħtieġ il-punt relatat mar-regoli professjonali applikabbli fl-Istat Membru ta’ stabbiliment (*Artikolu 9(e)* tal-proposta tal-Kummissjoni). Żied punt dwar kopertura ta’ assigurazzjoni jew mezzi oħra ta’ protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward ta’ responsabbilità professjonali (*Artikolu 9(f)* tal-posizzjoni komuni), wara parti mill-emenda 53 tal-Parlament Ewropew.

26. Il-Parlament Ewropew ppropona *Artikolu 9a* ġdid li jeskludi l-verifika statutorja ta’ kontijiet millfirxa ta’ applikazzjoni tat-Titolu II (emenda 55). Waqt li taċċetta din l-emenda in prinċipju, il-Kummissjoni tikkunsidra fil-proposta emendata tagħha li kliem iktar ġenerali għandu jiġi wżat biex jiżgura li l-professjonijiet kollha ggvernati minn leġislazzjoni speċifika u żviluppi leġislattivi futuri huma koperti. Il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li din l-emenda għandu jittieħed kont ta’ din l-emenda billi jintuża l-kliem “Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet speċifiċi tal-liġi Komunitarja…” fil-bidu ta’ l-*Artikolu 5(1)*.

**Titolu III, Kapitolu I — Libertà ta’ stabbiliment — Sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta’ evidenza ta’ taħriġ**

27. L-*Artikolu 10* tal-proposta tal-Kummissjoni jestendi s-sistema ġenerali f’mod sussidjarju għal każijiet kollha li mhumiex eliġibbli għal rikonoxximent awtomatiku abbażi ta’ l-esperjenza professjonali jew il-koordinament ta’ kondizzjonijiet minimi ta’ taħriġ. Il-Kunsill jikkunsidra li din l-estensjoni hi wiesa’ wisq; fl-opinjoni tiegħu, is-sistema ġenerali għandha tapplika biss għal professjonijiet mhux koperti mill-Kapitoli II u III tat-Titolu III, kif ukoll għal każijiet partikulari elenkati

fl-*Artikolu 10(a) sa (ġ)* tal-posizzjoni komuni fejn l-applikant, waqt li jagħmel parti minn professjoni koperta minn dawk il-Kapitoli, ma jissodisfax, għal raġunijiet speċifiċi u eċċezzjonali, il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-Kapitoli. Il-każijiet elenkati jkopru s-sitwazzjonijiet attwalment koperti mit-Trattat kif interpretati mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u sitwazzjonijiet soġġetti għal soluzzjonijiet speċifiċi taħt Direttivi eżistenti. Il-Kunsill adatta l-*premessa 10* tal-proposta tal-Kummissjoni (premessa 14 tal-posizzjoni komuni) għaldaqstant.

28. L-*Artikolu 11* tal-proposta tal-Kummissjoni jipprovdi għal ħames livelli ta' kwalifiki professjonali. Il-Kunsill jikkunsidra li hu iktar xieraq li jinżammu l-erba' livelli previsti fid-Direttivi eżistenti, flimkien ma' miżura biex jitneħħa d-distakk previsti fl-*Artikolu 13(3)* tal-posizzjoni komuni, milli jiġi introdott ħames livell. Il-Kunsill għalhekk ħassar l-*Artikolu 11(6)* tal-proposta tal-Kummissjoni u adotta disposizzjonijiet oħra għaldaqstant.

29. Il-Parlament Ewropew ppropona (emendi 192, 193,3216 u 217) kjarifiki għall-*Artikolu 11(2), (3), (5) u (6)*, li jikkonformaw ma' l-*acquis*. Il-Kummissjoni aċċettat dawn il-kjarifiki, soġġetti għal abbozzar mill-ġdid, fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill aċċettahom ukoll, soġġett għal abbozzar mill-ġdid u soġġett għal posizzjoni tal-Kunsill kif imfisser taħt punt 28 hawn fuq.

30. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi 57 u 218 tal-Parlament Ewropew għall-*Artikolu 11* għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

31. Il-Kunsill żied fl-*Artikoli 11(4) u 13(2)* tal-posizzjoni komuni l-possibbilità ta' aġġornar tal-listi fl-Annessi II u III taħt il-proċedura ta' "komitoloġija".

32. Il-Kunsill ma aċċettax il-proposta tal-Parlament Ewropew għal *Artikolu 12a ġdid* (emenda 59) għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

33. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda proposta mill-Parlament Ewropew għall-*Artikolu 13(1)* u l-proposta tiegħu għall-*paragrafu 1a ġdid* (emenda 60) għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

34. Il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni fil-proposta emendata tiegħu li l-*paragrafu 2a ġdid ta' l-Artikolu 13* propost mill-Parlament Ewropew (emenda 62) mhux meħtieġ fid-dawl ta' l-Anness VII.

35. Il-Parlament Ewropew ippropona numru ta' emendi relatati ma' kwalifiki miksuba abbażi tad-dritt għal edukazzjoni (emendi 63, 214, 8 u 10 relatati ma' l-*Artikolu 13(2b) u (2ċ) u premessi 7a u 7ċ)*. Il-Kunsill ma aċċettaz l-emendi 214 u 10 għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill jikkunsidra wkoll li mhux meħtieġ li jsiru ż-żidiet proposti fl-emendi 63 u 8. Madankollu, il-Kunsill ma jikkunsidrax li hu meħtieġ li jiġi provdut, fir-rigward ta' kwalifiki miksuba abbażi tad-dritt ta' edukazzjoni, li, f'każijiet ta' dubju ġustifikat, l-Istat Membru li jospita hu intitolat li jivverifika mal-korp kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-kwalifika kienet mogħtija, jekk l-evidenza ta' kwalifiki formali maħruġa hi l-istess bħal dik li kienet tiġi mogħtija jekk il-kors kien segwit b'mod sħiħ fl-Istat Membru ta' l-aħħar, u jekk l-evidenza ta' kwalifiki formali tagħti l-istess drittijiet professjonali fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' l-aħħar. Il-Kunsill jikkunsidra li l-post xieraq għal din id-disposizzjoni hu l-*Artikolu 46* tal-proposta tal-Kummissjoni li tikkonċerna d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti (*Artikolu 50(2)* tal-posizzjoni komuni tal-Kunsill).

36. Il-Kunsill żied *paragrafu ġdid* għall-*Artikolu 14* (Artikolu 14(3) tal-posizzjoni komuni tal-Kunsill), li jippermetti lill-Istati Membru li jospita, minflok l-applikant, li jagħżel liema miżura ta' kumpens għandha tiġi applikata fejn tagħrif preċiż ta' liġi nazzjonali hu kkonċernat u f'ċerti każijiet speċifiċi li jaqgħu taħt l-Artikolu 10(a), (b), (ċ), (d), (f) u (g) (ara punt 27 hawn fuq).

37. Fl-*Artikolu 14(1) u (2)*, il-Kunsill ma adottax l-emenda 64 tal-Parlament Ewropew u l-parti ta' l-emenda 151 relatata ma' aċċettazzjoni taċita, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill jikkunsidra wkoll li l-parti mill-emenda 151 relatata ma' "raġunijiet b'bażi tajba u indispensabbli" hija inutli fid-dawl tal-ħtieġa fl-istess subparagrafu biex "tiġi provduta ġustifikazzjoni suffiċjenti". Il-Kunsill jikkunsidra li l-parti li tibqa' ta' l-emenda 151 toħloq inċertezza u għalhekk ma aċċettahiex.

38. Il-Kunsill sab li hu meħtieġ li jsiru numri ta' kjarifiki għall-*Artikolu 15* u għall-*premessa 9* li takkumpanjaha (premessa 13 tal-posizzjoni komuni tal-Kunsill), li jikkonċernaw pjattaformi komuni. L-ewwelnett, il-Kunsill jikkunsidra li hu xieraq li jibda dan l-Artikolu b'definizzjoni iktar dettaljata tat-terminu "pjattaformi komuni" milli dak propost mill-Kummissjoni (*Artikolu 15(1)* tal-posizzjoni komuni). Il-Kunsill jikkunsidra li ma jkunx xieraq li jiġi provdut għal pjattaformi komuni li jkopru biss ftit Stati Membri u li għalhekk, sabiex pjattaforma komuni tkun eliġibbli għal konsiderazzjoni fil-kuntest ta' dan l-Artikolu, għandha tkopri mill-inqas żewġ terzi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha li jirregolaw il-professjoni kkonċernata. Lista indikattiva u mhux kompluta ta' kriterji possibbli li għandhom jiġu inklużi fi pjattaforma komuni ġiet miżjuda mal-premessa.

Il-Kunsill jikkunsidra li hu meħtieġ li jiġu ċċarati r-rwoli rispettivi ta' l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward ta' pjattaformi komuni. Għal dan l-għan, il-Kunsill għamilha ċara li:

— mhux biss assoċjazzjonijiet professjonali iżda wkoll l-Istati Membri jistgħu jissottomettu pjattaformi komuni lill-Kummissjoni (*Artikolu 15(2)* tal-posizzjoni komuni),

— il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri qabel ma tiddeċiedi jekk abbozz ta' pjattaforma komuni jiffaċilitax jew le r-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali (*Artikolu 15(2)* tal-posizzjoni komuni),

— dan l-Artikolu ma jaffetwax il-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jiddeċiedu l-kwalifiki professjonli meħtieġa għall-prattika ta' professjonijiet fit-territorju tagħhom kif ukoll il-kontenuti u l-organizzazzjoni tas-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali (*Artikolu 15(4)* tal-posizzjoni komuni).

Il-Kunsill żied ukoll il-ħtieġa li assoċjazzjonijiet professjonali li jissottomettu abbozzi ta' pjattaformi komuni għandhom jkunu rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u Ewropew (*Artikolu 15(2) u premessa 13* tal-posizzjoni komuni). Il-Kunsill żied ukoll klawżola għal reviżjoni ta' dan l-Artikolu tliet snin wara d-data ta' trasposizzjoni (Artikolu 15(6) tal-posizzjoni komuni).

Ħafna mill-kjarifiki magħmula mill-Kunsill fl-Artikolu 15 jaqblu mas-sustanza tal-proposti magħmula mill-Parlament Ewropew fl-emendi 68, 70, 12 u 185 tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 188 tal-Parlament Ewropew għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

**Titolu III, Kapitolu II — Rikonoxximent ta' esperjenza professjonali**

39. Il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika l-Artikolu 4 u l-Anness A tad-Direttiva 1999/42/KE billi tnaqqas in-numru ta' kategoriji ta' attivitajiet previsti minn sitta għal tnejn (*Artikolu 16 sa 19 u Anness IV* tal-proposta tal-Kummissjoni). Il-Kunsill jaqbel max-xewqa li jiġu mnaqqsa n-numru ta' kategoriji ta' attivitajiet, imma jikkunsidra li n-numru għandu jitnaqqas għal tlieta minflok għal tnejn. Għaldaqstant, il-Kunsill qasam l-*Artikolu 17* tal-proposta tal-Kummissjoni f'żewġ Artikoli separati (l-*Artikoli 17 u 18* tal-posizzjoni komuni) u rranġa mill-ġdid iż-żewġ listi fl-*Anness IV* fi tliet listi.

Il-Kunsill aċċetta l-proposta tal-Parlament Ewropew (emenda 207) biex "ħames snin" jiġu sostitwiti b'"sitt snin" fl-*Artikolu 17(1)(a)*, imma biss fir-rigward ta' l-attivitajiet koperti mill-Artikolu 17 tal-posizzjoni komuni; ma aċċettaz din il-bidla fir-rispett ta' l-attivitajiet koperti mill-Artikolu 18 tal-posizzjoni komuni, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill ma aċċettax ukoll il-parti ta' l-emenda 207 tal-Parlament Ewropew li tikkonċerna *subparagrafu ġdid (da) fl-Artikolu 17(1)*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

40. Sabiex ikun hemm konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li teħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mill-leġislatur ikunu speċifiċi b'mod suffiċjenti safejn għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-limiti ta' tali setgħat, il-Kunsill speċifika fl-*Artikolu 19* tal-proposta (l-Artikolu 20 tal-posizzjoni komuni) li l-għan ta' l-emenda mill-proċedura ta' "komitoloġija" tal-listi ta' attivitajiet fl-Anness IV għandu jkun li "taġġorna u tiċċara n-nomenklatura, sakemm dan ma jinvolvix kwalunkwe bidla fl-attivitajiet relatati mal-kategoriji individwali ([1])".

**Titolu III, Kapitolu III — Rikonoxximent abbażi ta' koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ**

41. Il-Kunsill aċċetta l-proposti tal-Parlament Ewropew fl-emendi 80, 88, 90, 93, 95, 97 u 161 tiegħu biex jiġu mċaqalqa l-listi ta' taħriġ u kompetenzi għall-professjonijiet koperti mit-Titolu III, Kapitolu III mill-*Anness V, punti 5.1.1, 5.2.1, 5.3.1, 5.4.1, 5.5.1 and 5.6.1* għall-korp tad-Direttiva. Minflok joħloq Artikoli ġodda, il-Kunsill inkorpora dawn il-listi fl-*Artikoli 22, 29, 32, 35, 36 u 40* tal-proposta (Artikoli 24(3), 31(6), 34(3), 38(3), 40(3) u 44(3) tal-posizzjoni komuni). Madankollu, il-Kunsill ma aċċettax il-proposta tal-Parlament Ewropew fl-emenda 154 tiegħu biex iħassar mill-*Artikolu 20(5)* (Artikolu 21(6) tal-posizzjoni komuni) il-possibbilità li jiġu aġġornati dawn il-listi taħt il-proċedura ta' "komitoloġija", għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Għall-fini ta' konsistenza, il-Kunsill ċaqlaq ukoll il-lista ta' tagħrif u kompetenzi għal periti minn *Anness V, punt 5.7.1* għall-*Artikolu 42* tal-proposta (Artikolu 46(1) tal-posizzjoni komuni).

42. Il-Kunsill aċċetta wkoll l-emendi 96 u 162 tal-Parlament Ewropew li jċaqalqu l-lista ta' attivitajiet professjonali għal qwiebel u spiżjara mill-*Anness V, punti 5.5.3 u 5.6.3.* għall-*Artikoli 38 u 41* tal-proposta (Artikoli 42(2) u 45(2) tal-posizzjoni komuni).

43. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi 153 u 128 tal-Parlament Ewropew li jipproponu li jiġu miżjuda disposizzjonijiet li jikkonċernaw psikoterapisti fl-*Artikolu 20* tal-proposta u f'*punt ġdid 5a ta' l-Anness V*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

44. Il-Parlament Ewropew ippropona fl-emenda 75 tiegħu li l-*Artikolu 20(6)* tal-proposta jiġi emendat għal dak l-effett li, fejn Stat Membru jadotta disposizzjonijiet fir-rigward tal-ħruġ ta' evidenza ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert mill-Kapitolu III tat-Titolu III, li dak l-Istat Membru għandu jinnotifika mhux biss lill-Kummissjoni iżda anki lill-Istati Membri l-oħra. Il-Kunsill jaċċetta din l-emenda safejn il-kwalifiki relatati ma' periti huma kkonċernati (l-*Artikolu 21(7)* tal-posizzjoni komuni), iżda mhux fir-rigward ta' professjonijiet oħra koperti minn dan il-Kapitolu, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill jikkunsidra din l-estensjoni tan-notifika lill-Istati Membri l-oħra fir-rigward ta' periti hi ġustifikata mis-sistemi differenti applikabbli għal periti u għal professjonijiet oħra taħt id-Direttivi eżistenti.

Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 77 tal-Parlament Ewropew, li tipproponi *paragrafu 6a ġdid fl-Artikolu 20*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Madankollu, fid-dawl tas-sistema differenti applikabbli għal periti (ara s-subparagrafu preċedenti), il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni indikat fl-istqarrija msemmija fil-punt 68 hawn taħt li, jekk Stat Membru għandu dubji serji fir-rigward ta' jekk evidenza ta' kwalifiki formali ta' periti tissodisfax il-kriterji stabbiliti fid-Direttiva, il-Kummissjoni bi ħsiebha tressaq il-kwistjoni quddiem il-grupp ta' esperti msemmi fl-istqarrija tal-Kummissjoni.

45. Il-Parlament Ewropew ippropona numru ta' emendi relatati mat-taħriġ *part-time* għal professjonijiet koperti mit-Titolu III, Kapitolu III tal-proposta (emendi 81, 86, 159, 160 u 94). B'konformità ma' l-għan ta' simplifikazzjoni li hu l-bażi ta' din id-Direttiva, il-Kunsill ipprefera jgħaqqad f'disposizzjoni waħda (l-*Artikolu 22(a)* tal-posizzjoni komuni) kull disposizzjoni relatata ma' taħriġ *part-time*, bit-tħassir konsegwenti ta' l-*Artikoli 23(4), 26(4), 29(3) it-tielet subparagrafu u 36(3)* tal-proposta tal-Kummissjoni.

([1]) Għall-istess raġuni, il-Kunsill speċifika il-limiti tas-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikoli 23(6) u 24 tal-proposta (Artikoli 25(5) u 26 tal-posizzjoni komuni).

46. Il-Parlament Ewropew ippropona fl-emenda 101 tiegħu li disposizzjoni simili għall-*Artikolu 22(3)* tal-proposta tal-Kummissjoni, li tikkonċerna edukazzjoni u taħriġ li jkomplu, tiġi inkluża fl-*Artikolu 40* fir-rigward ta' spiżjara. Il-Kunsill jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha li tali disposizzjoni għandha tapplika fir-rigward tal-professjonijiet kollha koperti mit-Titolu III, Kapitolu III. Il-Kunsill għalhekk introduċa disposizzjoni waħda (*Artikolu 22(b)* tal-posizzjoni komuni) b'dan il-għan, li tirriżulta fit-taħsir ta' l-Artikolu 22(3) tal-proposta tal-Kummissjoni.

47. Il-Kunsill żied numru ta' disposizzjonijiet fil-*Kapitolu III tat-Titolu III*, kif ukoll fl-*Annessi*, li jieħdu kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea ta' għaxar Stati Membri ġodda fl-1 ta' Mejju 2004 u li huma bbażati fuq adattazzjonijiet korrispondenti għad-Direttivi eżistenti magħmula fl-Atti ta' Adeżjoni rilevanti.

Il-Kunsill żied ukoll disposizzjonijiet fir-rigward ta' kwalifiki għal infirmiera u qwiebel mogħtija l-kwalifika fil-Polonja, li jieħdu kont ta' leġislazzjoni introdotta fil-Polonja sa mill-konklużjoni ta' l-Atti ta' Adeżjoni msemmija hawn fuq (*Artikoli 33(3) u 43(4)* tal-posizzjoni komuni).

48. Il-Kunsill ikkoreġa d-data fl-*Artikoli 21(2)(a) u 39(2)* tal-proposta tal-Kummissjoni mit-3 ta' Ottubru 1989 sat-3 ta' Ottubru 1990 (l-Artikoli 23(2)(a) u 43(2) tal-posizzjoni komuni).

49. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 155 tal-Parlament Ewropew li tipproponi t-tħassir ta' l-*Artikolu 23(6)* tal-proposta tal-Kummissjoni għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

50. Il-Parlament Ewropew ippropona fl-emenda 156 tiegħu għat-*tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24* li għandu jkun possibbli li jiġi inkluż fl-Anness V, punt 5.1.4, permezz tal-proċedura ta' "komitoloġija" mhux biss speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda komuni għall-Istati Membri kollha, iżda wkoll speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda komuni għal numru limitat ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni ma aċċettatx din l-emenda fil-proposta emendata tagħha. Il-Kunsill għażel soluzzjoni ta' kompromess, fejn speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda jistgħu jiġu inklużi jekk huma komuni għal mill-inqas żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-Istati Membri (l-*Artikolu 26, it-tieni subparagrafu u l-premessa 17* tal-posizzjoni komuni). Dan ifisser distribuzzjoni mill-ġdid ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi bejn l-*Anness V, punt 5.1.4* (punt 5.1.3 tal-posizzjoni komuni) u l-*Anness VI, punt 6.1*.

Il-Kunsill jikkunsidra li mhux meħtieġ li jiġu mċaqalqa l-listi ta' drittijiet stabbiliti ta' tobba speċjalizzati mill-*Anness VI, punt 6.1* għall-*Anness V, punt 5.1.4a ġdid*, kif propost mill-Parlament Ewropew fuq l-emendi 158, 127, 132, 178/rev. 2, 133 u 215 tiegħu.

51. Il-Kunsill inkorpora l-ispirtu ta' l-emenda 87 tal-Parlament Ewropew, li tipproponi *Artikolu 28a ġdid*, fit-*Titolu II* tal-posizzjoni komuni tiegħu (ara punti 19 sa 24 hawn fuq).

52. Bħal fil-każ ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi (punt 50 hawn fuq), il-Kunsill introduċa mill-ġdid il-possibbilità ta' rikonoxximent awtomatiku għal speċjalitajiet dentali komuni għal mill-inqas żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kunsill ikkunsidra li hu meħtieġ li jkun hemm distinzjoni bejn taħriġ dentali bażiku (l-*Artikolu 34 u l-Anness V, punt 5.3.2* tal-posizzjoni komuni) u taħriġ dentali speċjalizzat (l-*Artikolu 35 u l-Anness V, punt 5.3.3* tal-posizzjoni komuni). Dan irriżulta fit-tħassir ta' l-*Anness VI, punt 6.2* tal-proposta tal-Kummissjoni u ta' l-*Artikolu 34(3) u (4)*, li jirreferu għal dak il-punt ta' l-Anness VI.

53. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 92 tal-Parlament Ewropew, li pproponiet li jiġi miżjud *paragrafu 2a ġdid fl-Artikolu 35*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

54. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi 98 u 19 tal-Parlament Ewropew, li jipproponu *paragrafu 1b ġdid fl-Artikolu 40* u *premessa 19a ġdida* korrispondenti, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

55. Fl-emendi tagħha 162, 163, 104 u 18, il-Parlament Ewropew ippropona li d-deroga fir-rigward ta' spiżeriji li tinsab fl-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 85/433/KEE tinżamm fl-*Artikolu 41(2a) jew (2b) jew (4a)* u msemmija fil-*premessa 19* tal-proposta. Il-Kunsill aċċetta ż-żamma ta' din id-deroga, iżda jikkunsidra li jkun aħjar jekk tiġi mpoġġija fl-*Artikolu 20* tal-proposta (l-*Artikolu 21(4)* tal-posizzjoni komuni), billi tikkonċerna r-rikonoxximent awtomatiku ta' evidenza ta' kwalifiki formali.

56. Il-Kunsill żamm ukoll id-deroga fir-rigward ta' l-ispiżeriji li tinsab fl-Artikolu 5 it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 85/433/KEE fl-*Artikolu 41* tal-proposta (Artikolu 45(4) tal-posizzjoni komuni).

57. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 212 tal-Parlament Ewropew, li tipproponi *Artikolu 45a ġdid*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

**Titolu III, Kapitolu IV — Disposizzjonijiet komuni dwar l-istabbiliment**

58. Il-Kunsill trasferixxa l-*punt 2(b) ta' l-Anness VII* tal-proposta tal-Kummissjoni għall-*Artikolu 46* (l-Artikolu 50(2) tal-posizzjoni komuni), wara li kkunsidra li dan għandu jidher f'dan l-Artikolu u mhux f'Anness.

59. Il-Kunsill trasferixxa l-*Artikolu 46(2)* tal-proposta tal-Kummissjoni mit-Titolu III għall-*Artikolu 52* (l-Artikolu 56(2) tal-posizzjoni komuni) fit-*Titolu V*, wara li kkunsidra li din id-disposizzjoni għandha tkun applikabbli mhux biss fir-rigward ta' l-istabbiliment iżda wkoll fir-rigward ta' proviżjon transkonfini ta' servizzi. Il-Kunsill estenda iktar din id-disposizzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jospitaw jew ta' oriġini, kif propost mill-Parlament Ewropew fl-emenda 110 tiegħu, kif ukoll billi żied referenza speċifika għal "azzjoni dixxiplinari jew sanzjonijiet kriminali meħuda", u jagħmilha ċara li l-iskambju ta' informazzjoni għandu jirrispetta l-leġislazzjoni dwar id-*data* personali.

60. l-Kunsill emenda l-*Artikolu 47(2)* tal-proposta (l-Artikolu 51(2) tal-posizzjoni komuni) biex jippermetti xahar żejjed f'każijiet li jaqgħu taħt il-Kapitoli I u II tat-Titolu III, skond il-ħin permess taħt id-Direttivi eżistenti.

61. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 113 tal-Parlament Ewropew, li żżid *paragrafu 2a ġdid fl-Artikolu 48*, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

**Titolu IV — Regoli dettaljati għall-prattika tal-professjoni**

62. Il-Kunsill ċaqlaq l-*Artikolu 49* (l-Artikolu 53 fil-posizzjoni komuni) dwar it-tagħrif ta' lingwi għat-*Titolu IV*, li jikkonċerna mhux biss l-istabbiliment iżda wkoll il-proviżjon ta' servizzi. Il-Kunsill ħassar ukoll l-*Artikolu 49(2)* tal-proposta, billi jikkunsidra li fih obbligu ta' riżultat li ma jistax jiġi garantit. Il-Kunsill ma aċċettaz l-emenda 114 proposta mill-Parlament Ewropew, billi jikkunsidra li Direttivi għandhom jiġu indirizzati lejn Stati Membri, mhux lejn migranti.

63. Il-Kunsill illimita r-renunzja prevista fl-*Artikolu 51* (l-Artikolu 55 tal-posizzjoni komuni) għal tobba u dentisti, skond id-Direttivi eżistenti.

**Titolu V — Koperazzjoni amministrattivi u r-responsabbilità għall-implimentazzjoni**

64. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi 116, 117 u 118 tal-Parlament Ewropew, li kieku jissostitwixxu "awtoritajiet kompetenti" b' "assoċjazzjonijiet professjonali jew korpi kompetentii simili" fl-*Artikolu 52* tal-proposta u li jagħtu r-rwol tal-punti ta' kuntatt taħt l-*Artikolu 53* lil dawk il-korpi, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Għall-istess raġunijiet, ma aċċettax l-emenda relatata 136 tal-Parlament fl-*Artikolu 8(1)*. Barra minn hekk, il-Kunsill ma jara l-ebda raġuni konvinċenti biex "awtoritajiet kompetenti" tiġi sostitwita bi "korpi kompetenti".

65. Il-Kunsill emenda l-aħħar subparagrafu ta' l-*Artikolu 53* tal-proposta (l-Artikolu 57 fil-posizzjoni komuni) biex jagħmilha ċara, fl-interessi ta' proporzjonalità, li punti ta' kuntatt mhumiex meħtieġa biex jinfurmaw il-Kummissjoni sistematikament bil-mistoqsijiet kollha li jirċievu.

66. Il-Kunsill għamilha ċara li fi *premessa ġdida* (*premessa 28* tal-posizzjoni komuni) li hu f'idejn kull Stat Membru li jiddetermina kif il-punt ta' kuntatt wieħed li hu meħtieġ jagħżel għandu jaħdem flimkien ma' uffiċċji oħra stabbiliti f'dak l-Istat. Din il-premessa tieħu kontroll ukoll ta' numru ta' elementi tal-*premessa 23a ġdida* proposta mill-Parlament Ewropew fl-emenda 26 tiegħu.

67. Il-Kunsill ħassar l-*Artikolu 54(3)* tal-proposta tal-Kummissjoni, billi jikkunsidra li l-kontenuti ta' dan il-paragrafu huma kwistjoni għar-regoli ta' proċedura tal-kumitat stabbilit minn dan l-Artikolu, milli għal din id-Direttiva.

68. Fl-emendi 119 u 120 tiegħu, il-Parlament Ewropew jipproponi li żewġ kumitati, minflok wieħed, jiġu stabbiliti taħt l-*Artikolu 54* tal-proposta. Il-Kunsill ma aċċettax dawn l-emendi għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

Il-Parlament Ewropew għamel ukoll numru ta' proposti fl-emendi 119 u 120 kif ukoll fl-emendi 27, 180, 181, 183, 83 u 157 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-kumitat u l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti biex jgħinu l-Kummissjoni (*premessi 24, 24a, 24b, 25a u l-Artikoli 23a u 24(2a), (2b) u (2ċ)*). Il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li dawn il-kwistjonijiet għandhom jitħallew għar-regoli interni ta' proċedura tal-kumitat u għall-Kummissjoni, u ma għandhomx jiġu regolati fit-test tad-Direttiva. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ħa nota ta' stqarrija mill-Kummissjoni dwar il-ħolqien u l-operazzjoni ta' grupp ta' esperti, b'mod partikolari fil-kuntest ta' l-Artikoli 54, 15 u 20(6).

**Titolu VI — Disposizzjonijiet oħra**

69. Il-Kunsill żied ma' l-*Artikolu 55* tal-proposta *paragrafu ġdid* (l-*Artikolu 59(2)* tal-posizzjoni komuni) li jipprovdi għall-Kummissjoni biex tfassal rapport kull ħames snin dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Il-Kunsill ma aċċettax iż-żidiet għall-*Artikolu 55* u l-*premessi relatati ġodda 21a u 22a* proposti mill-Parlament Ewropew fl-emendi 187, 122, 23 u 186, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata.

70. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi 168, 123 u 124 tal-Parlament Ewropew, li jipproponu emendi għall-*Artikolu 56(2)* u l-*Artikolu 56(2a) ġdid* relatati mal-kwalżola ta' deroga, għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

71. Il-Kunsill żied kjarifika fl-interess taċ-ċertezza legali fl-*Artikolu 57* tal-proposta (l-Artikolu 61 tal-posizzjoni komuni) li tagħmilha ċara li kwalunkwe att adottat abbażi tad-Direttivi li ser jiġu mħassra minn din id-Direttiva ma jkunux affetwati mit-tħassir ta' dawk id-Direttivi.

**Annessi**

72. Kif imfisser hawn fuq (ara punti 41, 42, 47, 50, 52 u 58), il-Kunsill trasferixxa parti mill-kontenuti ta' l-Annessi fl-Artikoli rilevanti tad-Direttiva, irranġa mill-ġdid ftit mill-Annessi, u żied għall-Annessi materjal relatat ma' l-Istati Membri li aderixxew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, abbażi ta' disposizzjonijiet fl-Atti ta' Adeżjoni rilevanti u b'hekk żied il-materjal korrispondenti għad-Direttivi eżistenti.

73. Il-Kunsill ma aċċettax, bħala li mhux meħtieġa, l-emenda 126 tal-Parlament Ewropew li żżied il-professjoni ta' "gwida turistika" fl-Anness II għall-Greċja.

**Emendi oħra tal-Parlament Ewropew**

74. Il-Kunsill ma aċċettax numru ta' emendi oħrajn proposti mill-Parlament Ewropew, billi jikkunsidrahom bħala li mhux meħtieġa.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

75. Fil-posizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill ħa kontroll ta' numru apprezzabbli ta' emendi proposti mill-Parlament Ewropew. Fejn il-Kunsill ma aċċettax emendi proposti mill-Parlament Ewropew, kien prinċipalment għar-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha.

Waqt li l-Kummissjoni kienet tippreferi li l-posizzjoni komuni tal-Kunsill tibqa' eqreb il-proposta tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tat-Titolu II dwar il-proviżjon transkonfini temporanju u okkażjonali ta' servizzi, aċċettat il-posizzjoni komuni bħala pakkett ta' kompromess sodisfaċenti.